

EUROPEAN CAPITAL OF CULTURE

# CULTURAL PROGRAMME 2018

*IL-PROGRAMM KULTURALI 2018*

EUROPEAN CAPITAL
OF CULTURE

© 2017 Valletta 2018 Foundation
Exchange Buildings,
Republic Street,
Valletta, VLT 1117
Malta

**www.valletta2018.org**

Design: JPA
Production: Velprint, Malta

Printed in Malta
ISBN 978-99957-1-158-0

VALLETTA 2018
EUROPEAN CAPITAL OF CULTURE

# CULTURAL PROGRAMME 2018

*IL-PROGRAMM KULTURALI 2018*

EUROPEAN CAPITAL OF CULTURE



# THE YEAR 2018 USHERS IN AN EXCITING CELEBRATION ROOTED IN THE UNIQUE HERITAGE OF THE MALTESE ISLANDS.

IS-SENA 2018 TAGĦTINA
ĊELEBRAZZJONI EĊĊITANTI
B'GĦERUQ FONDI FIL-PATRIMONJU
UNIKU TAL-GŻEJJER MALTIN.

## VALLETTA 2018 INVITES YOU TO TAKE PART IN AN ISLAND-WIDE FESTA, A 360-DEGREE EXPLORATION OF CONTEMPORARY MALTESE AND GOZITAN LIFE THAT DRAWS INSPIRATION FROM HOME WHILE LOOKING OUT TO OUR NEIGHBOURS ACROSS THE SEA.

As per the Charter signed by all Local Councils in Malta and Gozo, Valletta's title of European Capital of Culture 2018 is an award shared among all localities on our Islands.

Further information can be found at **valletta2018.org**

VALLETTA 2018 TISTIEDNEK TIPPARTEĊIPA F'FESTA KBIRA MADWAR IL-GŻIRA KOLLHA, DAWRA TA' 360-GRAD MADWAR IL-ĦAJJA MALTIJA U GĦAWDXIJA KONTEMPORANJA LI TISPIRA RUĦHA MILL-GŻEJJER TAGĦNA FILWAQT LI TĦARES LEJN IL-ĠIRIEN TAGĦNA LIL HINN MINN XTUTNA.

Skont il-Karta ffirmata mill-Kunsilli Lokali kollha f'Malta u f'Għawdex, it-titlu ta' Kapitali Ewropea tal-Kultura 2018 mogħti lill-Belt Valletta huwa titlu li jinqasam bejn il-lokalitajiet kollha tal-gżejjer tagħna.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb minn: **valletta2018.org**

# CONTENTS // *WERREJ*


**A WORD FROM... //** *KELMA MINGĦAND...*

006 **...OUR CHAIRMAN** // *IĊ-ĊERMEN TAGĦNA*

008 **...OUR PARLIAMENTARY SECRETARY** // *IS-SEGRETARJU PARLAMENTARI TAGĦNA*

010 **...OUR MINISTER FOR CULTURE** // *IL-MINISTRU GĦALL-KULTURA TAGĦNA*

012 **VALLETTA 2018: AN ISLAND-WIDE FESTA** // *VALLETTA 2018: FESTA KULL FEJN TĦARES*

016 **VALLETTA 2018 THEMES** // *IT-TEMI TA' VALLETTA 2018*

019 **WELCOME TO OUR CULTURAL PROGRAMME** // *MERĦBA GĦALL-PROGRAMM KULTURALI TAGĦNA*

021 **CITY HIGHLIGHTS** // *ATTRAZZJONIJIET FIL-BELT*

047 **COMMUNITY** // *KOMUNITÀ*

069 **VISUAL ARTS** // *ARTI VIŻIVA*

087 **DESIGN** // *DISINN*

095 **CHILDREN & YOUNG PEOPLE** // *TFAL U ŻGĦAŻAGĦ*

113 **PERFORMANCE** // *PRESTAZZJONI*

131 **OPERA** // *OPRA*

141 **MUSIC FESTIVALS** // *FESTIVALS TAL-MUŻIKA*

155 **WORLD SOUNDS** // *MUŻIKA DINJIJA*

177 **FILM** // *FILM*

187 **ENCOUNTERS** // *INKONTRI*

196 **BUILDING INFRASTRUCTURE & NETWORKS** // *IL-ĦOLQIEN TA' INFRASTRUTTURA U NETWERKS ĠODDA*

200 **VOLUNTEERING WITH TAL-KULTURA** // *VOLONTARJAT MA' TAL-KULTURA*

203 **VALLETTA 2018 PARTNERS** // *L-IMSIEĦBA*

208 **EVALUATION & MONITORING** // *EVALWAZZJONI U MONITORAĠĠ*

210 **LIST OF PARTNERS** // *MSIEĦBA*

212 **THE VALLETTA 2018 TEAM** // *IT-TIM TA' VALLETTA 2018*

216 **CULTURAL CALENDAR 2018** // *KALENDARJU KULTURALI 2018*

224 **SEE YOU IN 2019!** // *NARAWKOM FL-2019!*

# A WORD FROM... OUR CHAIRMAN



Since the beginning of my tenure I have been an ardent advocate of the fact that culture and the arts should belong to us all.

The democratization of culture and the increased accessibility of cultural activity became one of our missions. Anything less was deemed offensive to our values.

We, at the Valletta 2018 Foundation, have worked tirelessly to provide equal opportunities for everyone. Culture must never be elitist. Ensuring inclusivity became not only a priority, but a necessity.

It has been my team's prerogative to deliver a strong cultural programme that will unlock everyone's imagination.

There has been no compromise on quality, rather the opposite.

We want to entertain, challenge and provoke – but above all, we want to inspire!

This is a programme that encourages participation and co-creation for all, and we want to use this year to build and nurture meaningful interactions.

The arts open doors where there are walls; cultural activity promotes creative dialogue and exchange among diverse communities, proving an antidote to the division and prejudice that shape a large part of contemporary discourse.

This year-long programme is a celebration of our past, our present and, above all, our future.

## KELMA MINGĦAND... IĊ-ĊERMEN TAGĦNA

Sa mill-bidu tal-mandat tiegħi, kont promotur akkanit tal-fatt li l-kultura u l-arti għandhom jappartjenu lilna lkoll. Id-demokratizzazzjoni tal-kultura u l-aċċessibilità akbar tal-attività kulturali saret waħda mill-missjonijiet tagħna. Kwalunkwe ħaġa inqas kienet meqjusa ta' offiża għall-valuri tagħna.

Aħna, fil-Fondazzjoni Valletta 2018, ħdimna bla heda biex nipprovdu opportunitajiet ugwali għal kulħadd. Il-kultura qatt m'għandha tkun elitista. L-iżgurar tal-inklussività sar mhux biss prijorità, iżda neċessità.

Il-prerogattiva tat-tim tiegħi kienet li nwasslu programm kulturali b'saħħtu li jolqot l-immaġinazzjoni ta' kulħadd. Ma kien hemm l-ebda kompromess fuq il-kwalità, anzi pjuttost l-oppost. Aħna rridu noħolqu divertiment, nisfidaw u nipprovokaw – iżda fuq kollox, irridu nkunu ta' ispirazzjoni!

Dan huwa programm li jinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni u l-kokreazzjoni għal kulħadd, u rridu nużaw din is-sena biex nibnu u nrawmu interazzjonijiet sinifikanti.

L-arti tiftaħ il-bibien fejn hemm il-ħitan; l-attività kulturali tippromwovi djalogu kreattiv u skambju fost il-komunitajiet differenti, b'hekk isservi ta' antidotu għad-diviżjoni u l-preġudizzju li jiffurmaw parti kbira tad-diskors kontemporanju.

"Dynamism in arts and culture creates dynamism in the social and economic fabric of society."

We aim to galvanise people and encourage them to fulfil their talents. In fact, this cultural programme was devised in such a way as to help unleash everyone's potential.

I was always a firm believer in the transformative power of culture. It is fundamental for the emotional and intellectual growth of a nation.

We deem culture to be an investment towards our future. Dynamism in arts and culture creates dynamism in the social and economic fabric of society.

For the past five years, Valletta 2018 has been instrumental in the social, economic and cultural regeneration of Valletta, turning it into a thriving cultural and social hub.

I am proud of our work to date. Valletta is once more a vibrant capital city for people to work, meet and enjoy a night out. But this is just the beginning.

Above all, this Cultural Programme has been designed and built to leave a strong and lasting legacy that everyone can partake of for many years to come.

I encourage you to be bold and join this dream.

**Jason Micallef**
Chairman
Valletta 2018 Foundation

Dan il-programm ta' sena huwa ċelebrazzjoni tal-passat, tal-preżent u fuq kollox, tal-futur tagħna. Għandna l-għan li nippromwovu u nħeġġu lill-persuni biex iwettqu t-talenti tagħhom. Fil-fatt, dan il-programm kulturali ġie mfassal b'tali mod li jgħin biex jiġi sfruttat il-potenzjal ta' kulħadd. Minn dejjem kelli fidi soda fis-setgħa trasformattiva tal-kultura. Hija fundamentali għat-tkabbir emozzjonali u intellettwali ta' nazzjon.

Aħna nqisu l-kultura bħala investiment lejn il-futur tagħna. Id-dinamiżmu fl-arti u fil-kultura joħolqu d-dinamiżmu fil-firxa soċjali u ekonomika ta' soċjetà.

Għal dawn l-aħħar ħames snin, Valletta 2018 kienet strumentali għar-riġenerazzjoni soċjali, ekonomika u kulturali tal-Belt Valletta, u b'hekk saret ċentru kulturali u soċjali b'saħħtu. Ninsab kburi bil-ħidma tagħna s'issa. Il-Belt Valletta hija għal darb'oħra belt kapitali vibranti biex fiha n-nies jaħdmu, jiltaqgħu u jgawdu serata flimkien. Iżda dan huwa biss il-bidu.

Fuq kollox, dan il-Programm Kulturali ġie ddisinjat u mibni biex iħalli wirt b'saħħtu u dejjiemi li kulħadd jista' jipparteċipa fih għall-ħafna snin li ġejjin. Inħeġġiġkom tkunu avventurużi u tingħaqdu magħna f'din il-ħolma.

**Jason Micallef**
Ċermen tal-Fondazzjoni Valletta 2018

# A WORD FROM... OUR PARLIAMENTARY SECRETARY



Cultural activity is of the utmost importance as it enables us to better understand individual citizens as well as the society in which we live. It facilitates our appreciation of diverse aspects of society, such as family, social roles, equality, good mental health and team work.

The development of cultural policy necessitates a proactive approach. The cultural element has always been, and will remain, fundamental to the development of Valletta's identity, as it provides a basis for joint collaboration not only between the Government and other entities, but also with the citizens of Valletta themselves.

During Valletta's tenure as the European Capital of Culture, we should approach culture in a scientific, objective and rational way.

Valletta's distinctive identity is indeed clearly reflected in the way it meets the day-to-day needs of its residents.

In the near future, our capital city will become more vibrant, but it will also continue to work in the best interest, and in the service of, its local population.

All activities taking place in Valletta, and all political decisions taken around them, are designed to provide innovative services and resources, to ensure that the capital city is continuously enhancing the life of its citizens.

The capital city's infrastructure demonstrates how many of of its key cultural aspects are the result of initiatives that have been operating for a significant period of time.

## IS-SEGRETARJU PARLAMENTARI TAGĦNA

L-attivitajiet kulturali huma ta' importanza kbira għaliex permezz tagħhom aħna nsiru aktar kapaċi nifhmu l-individwu kif ukoll is-soċjetà li ngħixu fiha. Dawn jgħinuna napprezzaw diversi aspetti tas-soċjetà bħal pereżempju l-familja, ir-rwoli ta' natura soċjali, l-ugwaljanza, is-saħħa mentali u x-xogħol ta' grupp ta' nies li jaħdmu flimkien.

L-iżvilupp tal-politika kulturali jeħtieġ inizjattivi proattivi. L-elementi kulturali minn dejjem kienu, u jibqgħu, fundamentali biex isawru l-identità tal-Belt Valletta għaliex huma jipprovdu l-bażi għall-kollaborazzjoni konġunta tal-Gvern mhux biss ma' entitajiet oħrajn iżda wkoll maċ-ċittadini Beltin infushom. Fi żmien meta l-Belt Valletta se tkun il-Kapitali Ewropea tal-Kultura, il-kultura trid tiġi ttrattata b'mod xjentifiku, oġġettiv u razzjonali.

L-identità unika tal-Belt tidher b'mod l-aktar ċar fil-mod ta' kif hija taqdi lir-residenti tagħha fil-bżonnijiet tagħhom ta' kuljum.

Fil-futur qarib, il-Belt Kapitali tagħna se tkun mimlija ħajja iżda xorta waħda se tibqa' taħdem fl-interess u taqdi lin-nies li jgħixu l-Belt. L-attivitajiet kollha li se jsiru hawnhekk u d-deċiżjonijiet politiċi kollha

"In the near future, our capital city will become more vibrant, but it will also continue to work in the best interest, and in the service of, its local population. "

This work has reinforced some of the key concepts that contribute to the evolution of our capital's identity thanks to continuous dialogue with all stakeholders, and most significantly with its residents.

Our primary concern is to instigate change that resonates beyond the year 2018. Everyone should be able to enjoy life in our capital, one that's characterized by acts of good governance and leadership that are able to overcome potential challenges.

Maltese residents and visitors can look forward to a treasure-trove of thoughtfully-crafted activities that showcase the unique character of our capital city throughout the year 2018!.

**Hon. Dr Deo Debattista**
Parliamentary Secretary
for Consumer Protection and
Valletta 2018

se jkunu qed jittieħdu bil-għan li jipprovdu servizzi u riżorsi innovattivi biex il-Belt Kapitali se tkun, fl-aħħar mill-aħħar, qed ittejjeb il-ħajja tar-residenti tagħha.

L-infrastruttura tal-Belt Kapitali tagħna turina li ħafna mill-aspetti kulturali ewlenin tal-lum huma riżultat ta' ħidmiet li ilhom għaddejjin għal tul ta' żmien. Dan ix-xogħol kompla jsaħħaħ ċerti kunċetti importanti għall-iżvilupp tal-identità tal-Belt Kapitali tagħna permezz ta' djalogu kontinwu mal-partijiet ikkonċernati, speċjalment mar-residenti. L-għan ewlieni tagħna huwa li sseħħ bidla li tkompli għaddejja wara s-sena 2018. Kulħadd għandu jkollu ċ-ċans li jgawdi l-ħajja fil-Kapitali tagħna, waħda li għandha tkun ikkaratterizzata minn governanza tajba u stil ta' tmexxija li tegħleb kull tip ta' tfixkil.

Kemm il-Maltin kif ukoll it-turisti jistgħu jħarsu 'l quddiem għall-attivitajiet maħsuba li juru l-karattru uniku tal-Belt Kapitali tagħna matul is-sena 2018!!

**On. Dr Deo Debattista**
Segretarju Parlamentari għall-Protezzjoni tal-Konsumatur u Valletta 2018

# A WORD FROM... OUR MINISTER FOR CULTURE



It is an honour to be the Minister for Culture during such an important event, when Valletta is set to enjoy the prestigious title of European Capital for Culture (ECoC). During this year, all eyes will be on our beautiful capital city of Valletta, so full of history and culture. It's a time that sees the Maltese Islands being placed on an international platform.

Besides, the strategic geographical position of Malta, between Africa and Europe, also makes our Islands the perfect place to host an event like the ECoC, where building bridges and bringing different cultures together is of prime importance.

This title has enriched our Islands and brought value to Valletta, both culturally and economically.

In fact, during the past few years, we have managed to make Valletta a cultural hub once again – not only through the sites and museums that attest to our capital's rich history, but through a vibrant cultural calendar full of events that have restored Valletta's splendour and breathed new life into its streets.

However, the reach of our Cultural Programme extends far beyond Valletta 2018. The traditions and creative networks established over the course of our Cultural Programme have been designed to create a legacy that continues to thrive and evolve well beyond 2018, and which compliments the Government's commitment towards the three main priorities of the cultural sector.

## IL-MINISTRU GĦALL-KULTURA TAGĦNA

Huwa unur li nkun il-Ministru għall-Kultura matul avveniment daqshekk importanti, meta l-Belt Valletta se tkun qed tgawdi mit-titolu prestiġjuż ta' Kapitali Ewropea tal-Kultura (KEtK). Matul din is-sena, kulħadd se jkollu ħarstu fuq il-belt kapitali tagħna, il-Belt Valletta, li hi mimlija b'tant storja u kultura. Dan huwa żmien li se jpoġġi lill-Gżejjer Maltin fuq pjattaforma internazzjonali. Barra minn hekk, il-pożizzjoni ġeografika strateġika ta' Malta, bejn l-Afrika u l-Ewropa, tagħmel lill-Gżejjer tagħna post perfett biex tospita avveniment bħall-KEtK, fejn l-importanza ewlenija hi li nibnu rabtiet u ngħaqqdu flimkien kulturi differenti.

Dan it-titolu arrikkixxa lill-Gżejjer tagħna u ġab valur lill-Belt Valletta, kemm kulturalment kif ukoll ekonomikament. Fil-fatt, matul dawn l-aħħar snin, irnexxielna nagħmlu lill-Belt Valletta nukleu kulturali mill-ġdid – mhux biss permezz tas-siti u l-mużewijiet li huma prova tal-istorja rikka tal-kapitali, iżda wkoll permezz ta' kalendarju kulturali vibranti mimli avvenimenti li rrestawraw l-isplendur tal-Belt Valletta u taw ħajja ġdida lit-toroq tagħha.

Madankollu, il-firxa tal-Programm Kulturali tagħna testendi lil hinn minn Valletta 2018. It-tradizzjonijiet u n-netwerks kreattivi li ġew stabbiliti matul il-kors tal-Programm Kulturali tagħna ġew imfassla biex jinħoloq wirt li jkompli jikber u jevolvi

"All our cultural initiatives are based on three pillars: bringing culture closer to the people, increasing professionalism in the sector and making culture a contributor towards economic growth..."

All our cultural initiatives are based on three pillars: bringing culture closer to the people, increasing professionalism in the sector and making culture a contributor towards economic growth, both through tourism and the creation of new employment opportunities. These priorities were the basis of several events and initiatives taken up by Valletta 2018.

Besides the organisation of several events, during the past years we have also strived to restore several iconic buildings located in Valletta. We truly believe that we should protect our cultural heritage and the advent of Valletta 2018 is the perfect time to enhance Malta's cultural patrimony.

All cultural sites should be enjoyed by everyone and all the restoration works ensure that this is made possible even after Valletta 2018.

I look forward to hosting the ECoC during 2018 and hope that the cultural spirit that's been revived in Valletta will outlive this event and be instilled in the hearts of all our citizens. May this event help us achieve our goal of giving culture the important place that it deserves in our society.

**Hon. Dr Owen Bonnici**
Minister for Justice, Culture and Local Government

lil hinn mill-2018, u li jikkumplimenta l-impenn tal-Gvern lejn it-tliet prijoritajiet ewlenin tas-settur kulturali. L-inizjattivi kulturali tagħna kollha huma bbażati fuq tliet pilastri: li nġibu l-kultura eqreb lejn n-nies, li nżidu l-professjonalità fis-settur u li nagħmlu l-kultura kontributur għat-tkabbir ekonomiku, kemm permezz tat-turiżmu kif ukoll permezz tal-ħolqien ta' opportunitajiet ġodda ta' impjieg. Dawn il-prijoritajiet kienu l-bażi ta' bosta avvenimenti u inizjattivi meħuda minn Valletta 2018.

Minbarra l-organizzazzjoni ta' bosta attivitajiet, matul is-snin li għaddew għamilna sforz biex nirrestawraw bosta binjiet ikoniċi li jinsabu fil-Belt Valletta. Nemmnu bis-sħiħ li għandna nipproteġu l-wirt kulturali tagħna, u l-wasla ta' Valletta 2018 hija ż-żmien perfett biex insaħħu l-patrimonju kulturali ta' Malta. Is-siti kulturali kollha għandhom jitgawdew minn kulħadd, u x-xogħlijiet ta' restawr jiżguraw li dan isir possibbli anke wara Valletta 2018.

Ninsab ħerqan biex nospita l-KEtK matul l-2018 u nittama li l-ispirtu kulturali li reġa' tqajjem fil-Belt Valletta jibqa' ħaj wara din l-attività u jibqa' fil-qlub taċ-ċittadini kollha tagħna. Nawgura li din l-attività tgħinna nilħqu l-għan tagħna, dak li nagħtu l-post importanti li jixirqilha l-kultura fis-soċjetà tagħna.

**On. Dr Owen Bonnici**
Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali

VALLETTA 2018: AN ISLAND-WIDE FESTA

# WHEN YOU LIVE ON AN ISLAND, THE HORIZON ALWAYS HOLDS THE PROMISE OF NEW AND EXCITING CONNECTIONS TO BE MADE, WHILE THE SHORE DRAWS YOU BACK HOME TO A WEALTH OF DETAIL THAT'S JUST WAITING TO BE EXPLORED.

**VALLETTA 2018: FESTA KULL FEJN THARES**

META TKUN TGĦIX FUQ GŻIRA, TĦARES LEJN IX-XEFAQ U TIXTIEQEK TBAĦĦAR LEJN DIK IL-LINJA BIEX TAQTA' L-GĦATX TAL-KONNESSJONIJIET ĠODDA U INTRIGANTI LI TISTA' TAGĦMEL. MILL-BANDA L-OĦRA, ID-DETTALL RIKK FIL-PAJSAĠĠ TA' WARAJK IŻOMMOK MILLI TITLAQ ĦALLI TKUN TISTA' TKOMPLI TIFLIH BIR-REQQA.

c. Carl Farrugia



# A UNIQUE CITY // A UNIQUE EXPERIENCE

Malta and Gozo can be likened to tiny but vibrant stages packed with drama, excess and exuberance constantly playing out in close quarters, amid tight-knit communities; all the while, these small island scenarios have co-existed with the comings and goings afforded by our harbours, and today they walk alongside ever-growing international connections.

The strategic geography of the Maltese Islands – which places them right between Europe and Africa – thus puts our communities in a unique position to host such a diverse cultural celebration as the European Capital of Culture. And our Mediterranean style is another valuable feature of the Islands' identity, capable of reaching out to the varied and valuable perspectives that surround it.

**BELT UNIKA // ESPERJENZA UNIKA**

Malta u Għawdex jistgħu jitqabblu ma' palk ċkejken li jrid jisplodi bit-teatralità, biż-żejjed u bl-eżuberanza tal-komunitajiet familjari li jiffurmawhom; xi drabi kantuniera bogħod u drabi oħra taħt imnieħrek jew fuq l-għatba ta' biebek. Fl-istess ħin, ilkoll kemm huma għexu wkoll it-teatru tal-miġjiet u tat-tislimiet fil-portijiet, u llum ikomplu jistagħnew minn konnessjonijiet li jmorru lil hinn minn xtutna.

Għalhekk, il-pożizzjoni strateġika ta' Malta, ġeografikament imqiegħda f'nofs il-baħar Mediterran bejn l-Ewropa u l-Afrika, hija pożizzjoni unika li tagħtina stil uniku; pjattaforma u ċirkostanzi ideali għal Kapitali Ewropea tal-Kultura li tiċċelebra d-diversità ta' kulturi u li twassal perspettivi iktar varji u iktar profondi.

## A UNIQUE CITY // A UNIQUE EXPERIENCE

# HOW DO WE CELEBRATE ISLAND LIFE?



c. Tomoko Goto

Maltese celebrations are best known for their brightness and exuberance. Since local tradition is steeped in passion, enthusiasm and flair, we're set to celebrate our European Capital of Culture year through the best festive language we know – that of the traditional Maltese *festa*, as experienced in the most present and contemporary sense.

For the Maltese, the village *festa* – or village feast – conjures up crowded streets lined with gold-leaf pillars, bright lights and banners, boisterous laughter, and the sight of fireworks as they fly up and unfurl against the sky. And while such exhilarating moments may be fleeting, the community celebrations and the spirit of the festa are bound to linger about a locality long after such sights, sounds and smells have faded into the night air.

The traditional Maltese *festa*, in short, is an event where people and families meet to celebrate and talk; it serves to infuse our localities with warmth, life and colour, while bringing the community together. And this is why we wish our European Capital of Culture year to look to this enduring celebration for inspiration.

**BELT UNIKA // ESPERJENZA UNIKA**

**KIF NIĊĊELEBRAWHA L-ĦAJJA TAL-GŻIRA?**

Iċ-ċelebrazzjonijiet Maltin huma magħrufa l-iktar għat-tlellix u l-eżuberanza tagħhom. Ġaladarba t-tradizzjoni lokali hija magħġuna fil-passjoni, fl-entużjażmu u fil-ħila kreattiva, ninsabu lesti biex niċċelebraw il-Kapitali Ewropea tal-Kultura bl-aħjar lingwa festiva li nafu – dik tal-festa tradizzjonali Maltija kif esperjenzata fil-ġurnata tal-lum.

Għall-Maltin, il-festa tar-raħal hija sinonima ma' folol ta' nies li jinżlu fit-toroq u joħonqu l-ispazju li jifdal madwar il-kolonni indurati, mal-pavaljuni jaqsmu min-naħa għall-oħra tat-triq, mad-dija tal-fustuni li jixegħluhom, mal-atmosfera ferriħija, u mal-logħob tan-nar meraviljuż li jispara lejn is-sema u jiftaħ biex ikompli jsebbaħ il-lejl. U għalkemm mumenti ewforiċi bħal dawn ma jdumux ma jispiċċaw, iċ-ċelebrazzjonijiet tal-komunità u l-ispirtu festiv jitnikkru u jibqgħu jimirħu l-lokalità ferm wara li l-viżjonijiet, il-ħsejjes u l-irwejjaħ distintivi jegħbu fil-ħemda tal-lejl.

Fi ftit kliem, il-festa tradizzjonali Maltija hija avveniment fejn in-nies u l-familji jingħaqdu biex jiċċelebraw u jgħidu



c. Carl Farrugia



c. Michele Agius

Making our European Capital of Culture experience fruitful, inviting, living, breathing, surprising and delightful is no small feat. The great energy of the *festa* is held up by the active participation of different people and the meeting of ritual, passion, drama and community. Similarly, the success of Valletta 2018 requires the initiative, enthusiasm, talent and collaboration of people from all walks of life, who willingly give their time to contribute to our Cultural Programme. Any European Capital of Culture is therefore bound to flourish when valuable contributions from all communities come together to create a wonderful shared experience.

In 2018, our European Capital of Culture celebrations invite such close creative collaborations between people of different backgrounds on an Island-wide scale, as well as on a European, and even global, level. As we unite to bring a truly unique year of contemporary culture to our capital city, it's time to forge long-lasting friendships and new traditions that allow for open dialogue, creativity, innovation and collaboration all over our Island – and beyond – for generations to come.

kelma; isservi biex timlielna l-lokalitajiet bil-ħbubija, bil-ħajja u bil-kuluri, waqt li tgħaqqdilna l-komunitajiet. U din hija proprju r-raġuni għaliex nixtiequ li s-sena tagħna tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura tħares lejn diċ-ċelebrazzjoni dejjiema għall-ispirazzjoni.

Biex l-esperjenza tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura nagħmluha waħda mimlija ħajja, pjaċevoli u sorprendenti biżżejjed li tħajrek tkun parti minnha, biex tant tkun produttiva li tmantni u tterraq lilha nfisha, mhux faċli. L-enerġija tal-festa tibqa' dik li hi permezz tal-parteċipazzjoni attiva, il-laqgħat regolari, il-passjoni, l-azzjoni u l-għaqda tad-diversi nies li jaħdmu għaliha. Simili għal dan, is-suċċess ta' Valletta 2018 jiddependi fuq l-inizjattiva, l-entużjażmu, it-talent u l-kollaborazzjoni ta' nies ġejjin minn oqsma differenti li lesti jagħtu l-ħin prezzjuż tagħhom biex jikkontribwixxu għall-Programm Kulturali tagħna. Għalhekk, kwalunkwe Kapitali Ewropea tal-Kultura tkun mistennija tiffjorixxi meta l-komunitajiet kollha jingħaqdu f'forza waħda u jagħtu l-kontribut tagħhom biex joħolqu esperjenza mill-isbaħ.

Fl-2018, iċ-ċelebrazzjonijiet tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura jħeġġu dawn l-inkontri kreattivi bejn nies bi sfond differenti kemm fuq l-iskala ta' gżira kif ukoll fuq il-livell Ewropew u dak globali. Hekk kif ningħaqdu biex inwasslulkom sena ta' kultura kontemporanja tassew unika fil-belt kapitali tagħna, wasal iż-żmien li noħolqu ħbiberiji dejjiema u tradizzjonijiet ġodda li jippermettu d-djalogu miftuħ, il-kreattività, l-innovazzjoni u l-kollaborazzjoni madwar il-gżejjer tagħna – u lil hinn minnhom – għal ġenerazzjonijiet futuri.

## VALLETTA 2018 THEMES

# THE THEMES AT PLAY IN OUR CULTURAL PROGRAMME PAINT A VIVID PICTURE OF ISLAND LIFE – ITS SPIRIT, ITS SCENES, ITS PEOPLE AND THEIR STORIES.

## IT-TEMI TA' VALLETTA 2018

IT-TEMI LI RESSAQNA FIL-PROGRAMM KULTURALI TAGĦNA JAGĦTUNA STAMPA ĊARA TA' KIF INHI L-ĦAJJA TAL-GŻIRA – L-ISPIRTU U X-XENARJU TAGĦHA, U NIESHA U L-ISTEJJER TAGĦHOM.

## ISLAND STORIES

What's island life really like, anyway? A close look at island life soon reveals that there's more than one narrative at play. The perspectives that Island Stories seeks to draw out portray vivid, timely pictures of life on our shores. Valletta 2018's Cultural Programme resonates with distinctly Mediterranean narratives steeped in our salty island air. They're stories about the Islands' realities, their communities and the spaces they use; of how old spaces are – or could be – used for new things, and of how to create new spaces inside which one may appreciate tradition.

## STEJJER TA' GŻIRA

Jiġifieri l-ħajja ta' gżira kif tkun? Ħarsa mill-qrib lejn il-ħajja ta' gżira troddilna lura numru ta' narrattivi li jinteraġixxu flimkien. Il-perspettivi li jfittxu li jtellgħu fil-wiċċ l-Istejjer ta' Gżira huma immaġni ħajjin u mingħajr konfini ta' żmien u ħin. Il-Programm Kulturali ta' Valletta 2018 jidwi b'narrattivi Mediterranji mwaħħdin mal-ħsejjes naturali tal-gżejjer. Huma stejjer dwar ir-realtajiet, il-komunitajiet u l-ispazji tagħhom; dwar kif spazji qodma qegħdin – jew jistgħu – jitħaddmu mill-ġdid biex iwelldu spazji ġodda li fihom wieħed jista' japprezza t-tradizzjoni.

## FUTURE BAROQUE

Future Baroque is a way of life – an extravagance that's part and parcel of our daily rhythms. Our capital speaks the language of the Baroque as loudly as its architecture. Today, communities engage with the fabric of the city as it is developed and rethought across time, making it a stage where life and ideas are constantly evolving; the colourful banners that line the streets may boast of material riches, but they also create spontaneous soundscapes of revelry and joy, a spirituality suspended between tradition and the contemporary. The art of spectacle is what Future Baroque brings to Valletta 2018.

### BAROKK FUTUR

Il-Barokk Futur huwa mod ta' għajxien – stravaganza integrali mir-rutina tagħna. Il-belt kapitali tagħna titkellem l-istess lingwa Barokka tal-arkitettura tagħha. Illum il-ġurnata, il-komunitajiet jinteraġixxu mal-belt hi u tiżviluppa u tinħaseb mill-ġdid. Għalhekk, il-Belt Valletta ssir palk li fuqu joqogħdu l-ħajja u l-ideat li jevolvu u jibqgħu jiżviluppaw sakemm jieħdu xejra oħra; l-ornamenti mlewna, bħall-pavaljuni mtellgħin fit-toroq għall-karnival jew għall-festa, jiftaħru b'rikkezza liema bħalha, imma joħolqu wkoll fratterija spontanja ta' ferħ u divertiment li tpaxxi 'l widnejn, tip ta' spiritwalità sospiża xi mkien bejn it-tradizzjonali u l-kontemporanju. Il-Barokk Futur iwassal l-arti tal-ispettaklu lil Valletta 2018.

## VOYAGES

Valletta 2018 is an opportunity to celebrate life and creativity in our capital while nurturing vital dialogue; it provides a space in which to challenge dominant perspectives, and extends a hand of friendship to all artists and creatives. As we strive to recreate a sense of belonging in an age of cultural diversity, we have the power to give diverse communities a platform for expression and the necessary networks to support meaningful exchange.

### VJAĠĠI

Valletta 2018 hija opportunità biex niċċelebraw il-ħajja u l-kreattività fil-belt kapitali waqt li nippromwovu djalogu vitali; tipprovdi spazju fejn jiġu sfidati perspettivi dominanti, u toffri għajnuna u ħbiberija lill-artisti u l-kreattivi kollha. L-ispirtu tal-Vjaġġi jikkomunika sens ta' miġja, ta' ġabra mal-wasla, u ta' solidarjetà – jirrappreżenta spazju pożittiv li kapaċi jospita inkontri sinifikanti mal-ġirien tiegħu u jħeġġeġ inkontri bejn il-ġirien infushom, kemm fil-Mediterran kif ukoll lil hinn minnu. Waqt li nħabirku biex noħolqu mill-ġdid sens t'appartenenza fi żmien ta' diversità kulturali, għandna wkoll is-setgħa li nipprovdu pjattaforma għall-espressjoni u l-kuntatti neċessarji lil komunitajiet differenti biex jiġu appoġġjati skambji ta' valur.



c. Carl Farrugia



## WELCOME TO OUR CULTURAL PROGRAMME

## WHOEVER YOU ARE AND WHATEVER YOU CAN BRING TO THE YEAR-LONG CELEBRATION THAT'S MAKING WAVES ALL OVER THE ISLANDS, YOU'RE INVITED TO TAKE PART!

WHETHER YOU'RE AN EXPERIENCED PRACTITIONER, ASPIRING ARTIST, AVID VOLUNTEER, PASSIONATE AUDIENCE MEMBER OR SIMPLY WANT TO EXPLORE YOUR CREATIVE SIDE, MANY OF THE PROJECTS ON OUR CULTURAL PROGRAMME ARE SURE TO CATCH YOUR EYE.

### NAGĦTU MERĦBA LILL-PROGRAMM KULTURALI TAGĦNA

### INT MIN INT U JKUN XI JKUN IL-KONTRIBUT TIEGĦEK GĦAL DIN IS-SENA TA' ĊELEBRAZZJONIJIET LI QED IQANQLU SENS TA' EĊĊITAMENT MADWAR IL-GŻEJJER MALTIN, KUN AF LI ANKE INTI MISTIEDEN TIPPARTEĊIPA!

JEKK INTIX PRATTIKANT T'ESPERJENZA, ARTIST ASPIRANTI, VOLUNTIER ĦERQAN, MEMBRU APPASSJONAT TAL-UDJENZA JEW SEMPLIĊEMENT ESPLORATUR FIT-TFITTXIJA TAL-LAT KREATTIV TIEGĦEK, ŻGUR LI SER ISSIB XI ĦAĠA LI TGĦODD GĦALIK FOST IL-ĦAFNA PROĠETTI TAL-PROGRAMM KULTURALI TAGĦNA.



c. La Fura dels Baus – Artist: La Fura dels Baus



## CITY HIGHLIGHTS

**OUR CULTURAL PROGRAMME INVITES MALTA AND GOZO TO COME OUT TO PLAY. FESTIVALS, TRADITIONAL CELEBRATIONS, MUSIC, PERFORMANCES, FAMILY-FRIENDLY ACTIVITIES AND MUCH MORE BRING CONTEMPORARY LIFE AND ART TO THE HISTORICAL FABRIC OF VALLETTA – THE HOME OF FUTURE BAROQUE.**

### ATTRAZZJONIJIET FIL-BELT

IL-PROGRAMM KULTURALI TAGĦNA JISTIEDEN LILL-POPLU MALTI U GĦAWDXI KOLLU JIĠI JGAWDIH. FESTIVALS, ĊELEBRAZZJONIJIET TRADIZZJONALI, MUŻIKA, PRESTAZZJONIJIET, ATTIVITAJIET GĦALL-FAMILJA KOLLHA U ĦAFNA AKTAR ILAQQGĦU L-ĦAJJA U L-ARTI KONTEMPORANJA MAL-ISTORIĊITÀ TAL-BELT VALLETTA – FEJN JGĦAMMAR IL-BAROKK FUTUR.



OUR CULTURAL PROGRAMME

## VALLETTA 2018 OPENING

# OUR EUROPEAN CAPITAL OF CULTURE YEAR BEGINS WITH A UNIQUE CELEBRATION THAT'S WORTHY OF THE TRADITIONAL MALTESE FESTA.

**IL-FTUĦ TA' VALLETTA 2018**

IS-SENA TAL-KAPITALI EWROPEA TAL-KULTURA TAGĦNA TIBDA B'ĊELEBRAZZJONI UNIKA DENJA TAL-FESTA TRADIZZJONALI MALTIJA.

c. Michele Agius



14 - 21 January 2018 // Opening Week

20 January 2018 // Official Opening Ceremony & Celebrations

Valletta 2018 is an exciting year-long celebration – a cultural programme that starts in our capital city and reaches out to towns and villages all over Malta and Gozo. Our Opening Week draws crowds to the heart of Valletta with music and entertainment, street artists and performers spreading word of the Opening around the capital's streets, exhibitions set in diverse venues around the city, open days that re-discover Valletta's fascinating historical spaces, community storytelling events centred around the city's residents and the spaces they use, and much more.

At the centre of our grand *festa* are the joy, dance, music and revelry that fill Valletta's four main squares – St George's Square, St John's Square, Castille Square, and the area around the Triton Fountain – where the Catalan theatrical group, *La Fura dels Baus*, blurs the line between audience and performer with outdoor acrobatics, while *ŻfinMalta* offer contemporary dance performances. Throughout our celebration, digital projections, video art and choral symphony lend the capital a wondrous and magical atmosphere. And all over on the city, travelling bands and performers take the festivities to the streets, inviting residents and visitors all over the Maltese Islands to take part in this spectacular celebration.

**Organised by //** *Organizzat minn:* Valletta 2018

**In Collaboration with //** *Bil-Kollaborazzjoni tal-:*

**The Malta Police Force, Armed Forces of Malta, Civil Protection Department, St. John's Ambulance, La Fura Dels Baus, El Carromato SL, Bakkanti Troupe, ŻfinMalta, Moveo Dance Company, Lava Graphics Ltd, Faniuolo Illuminazione, Il-Fondazzjoni tal-Kon-Katridral ta' San Ġwann, Republic Street Business Community Association, Blaze Productions Ltd, Skymid, Teatru Manoel, Arts Council Malta, Tal-Kultura, Għaqda tal-Pawlini, Kumitat Festi Esterni ta' San Duminku, Kumitat Festi Esterni Madonna tal-Karmnu, Palazz tal-President, Spazju Kreattiv, Pjazza Teatru Rjal, Grand Harbour Regeneration Corporation, Valletta Local Council, Transport Malta, Malta Public Transport, PBS //** *Korp tal-Pulizija ta' Malta, Forzi Armati ta' Malta, Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili, St.John's Ambulance, La Fura Dels Baus, El Carromato SL, Bakkanti Troupe, ŻfinMalta, Moveo Dance Company, Lava Graphics Ltd, Faniuolo Illuminazione, Il-Fondazzjoni tal-Kon-Katridral ta' San Ġwann, Republic Street Business Community Association, Blaze Productions Ltd, Skymid, Teatru Manoel, Kunsill Malti għall-Arti, Tal-Kultura, Għaqda tal-Pawlini, Kumitat Festi Esterni ta' San Duminku, Kumitat Festi Esterni Madonna tal-Karmnu, Palazz tal-President, Spazju Kreattiv, Pjazza Teatru Rjal, Grand Harbour Regeneration Corporation, Kunsill Lokali tal-Belt Valletta, Malta Public Transport, PBS*

Mill-14 sal-21 ta' Jannar 2018 // Ġimgħa tal-Ftuħ

Fl-20 ta' Jannar 2018 // Ċerimonja Uffiċjali tal-Ftuħ u Ċelebrazzjonijiet

Valletta 2018 hija ċelebrazzjoni eċċitanti ta' sena – programm kulturali li jibda fil-belt kapitali tagħna u li jinfirex lejn il-bliet u rħula madwar Malta u Għawdex kollha. Il-Ftuħ tagħna jiġbed folol fil-qalba tal-Belt Valletta bil-mużika u d-divertiment, artisti tat-triq u prestazzjonijiet li se jxerrdu l-kelma dwar il-Ftuħ madwar it-toroq tal-kapitali, esibizzjonijiet li se jsiru f'diversi postijiet madwar il-belt, *open days* li jiskopru mill-ġdid l-ispazji affaxxinanti storiċi tal-Belt Valletta, attivitajiet tal-qari tal-istejjer maħsuba għar-residenti tal-belt u l-ispazji li jużaw, u ħafna aktar.

Fiċ-ċentru tal-festa grandjuża tagħna nsibu l-ferħ, iż-żfin, il-mużika u ċ-ċelebrazzjonijiet li jimlew l-erba' pjazez ewlenin tal-Belt Valletta – Pjazza San Ġorġ, il-Pjazza ta' San Ġwann, Pjazza Kastilja, u ż-żona madwar il-Funtana tat-Tritoni – fejn il-grupp teatrali Katalan, *La Fura dels Baus*, se jinvolvi lill-udjenza permezz ta' akrobaziji ta' barra, filwaqt li ŻfinMalta joffru prestazzjonijiet taż-żfin kontemporanju. Matul iċ-ċelebrazzjoni tagħna, il-projezzjonijiet diġitali, l-arti tal-vidjow u s-sinfonija tal-kor se jagħtu atmosfera sabiħa u maġika lill-kapitali tagħna. U madwar il-belt kollha, il-baned jivjaġġaw u l-artisti se jwasslu l-festi fit-toroq, filwaqt li jistiednu lir-residenti u lill-viżitaturi minn madwar il-Gżejjer Maltin kollha biex jieħdu sehem f'din iċ-ċelebrazzjoni spettakolari.



c. Jonathan Borg

# CARNIVAL

**9 – 13 February 2018**
**Valletta**


c. Jonathan Borg

The Maltese carnival is one of Malta's oldest festivities, harking back to the rule of the Knights of the Order of Saint John. Today, this colourful event is celebrated across the Maltese Islands, with the boldest and brightest activities centred in the capital city of Valletta. For four days, the city's historic streets come to life with marching bands, fancy dress competitions and dancers in elaborate costume. But the highlight of this age-old celebration is certainly the carnival float parade that features all manner of impressive handmade floats – some allegorical, some satirical and others just plain fun, fantastical and whacky.

**Organised by //** *Organizzat mill-:* Arts Council Malta // *Kunsill Malti għall-Arti*
**Supported by //** *Bl-Appoġġ ta':* Valletta 2018

**KARNIVAL**
9 – 13 ta' Frar 2018
Il-Belt Valletta

Il-Karnival Malti huwa wieħed mill-eqdem festi ta' Malta, li jmur lura għall-ħakma tal-Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann. Illum, din l-attività kkulurita tiġi ċċelebrata madwar il-Gżejjer Maltin, bl-ikbar u l-aqwa attivitajiet fiċ-ċentru tal-belt kapitali, il-Belt Valletta. Għal erbat ijiem, it-toroq storiċi tal-belt jieħdu l-ħajja bil-baned, kompetizzjonijiet tal-kostumi u żeffiena bi lbies elaborat. Iżda l-qofol ta' din iċ-ċelebrazzjoni antika hija, mingħajr ebda dubju, il-parata tal-karrijiet tal-karnival li tinkludi kull xorta ta' karrijiet magħmula bl-idejn – xi wħud allegoriċi, xi wħud satiriċi u oħrajn sempliċiment divertenti, fantastiċi u mhux tas-soltu.



# JAPAN & VALLETTA 2018

## EU-JAPAN FEST WEEKEND & COLLABORATIONS

**EU—JAPAN FEST WEEKEND & COLLABORATIONS** **//** *TMIEM IL-ĠIMGĦA EU-JAPAN FEST U KOLLABORAZZJONIJIET, pg. 26*

**Created and Organised by //** *Maħluq u Organizzat minn:* Valletta 2018

**In Collaboration with //** *Bil-Kollaborazzjoni ta':* Valletta Design Cluster, EU-Japan Fest Japan Commitee

Since 1992, the EU-Japan Fest Japan Committee has supported valuable exchanges between every European Capital of Culture and Japan. It also promotes cultural exchange across projects that have already benefitted from the support of the Committee.

In 2018, our Cultural Programme is hosting diverse partnerships with EU-Japan Fest that blend traditional practices with contemporary art and design, while also establishing strong creative and professional networks between Japanese and European communities.

Tetsuo Kondo Architects have teamed up with the Restoration Directorate's architecture team to develop the concept and design for the roof garden of the **Valletta Design Cluster**'s new premises.

**IL-ĠAPPUN U VALLETTA 2018**

**TMIEM IL-ĠIMGĦA *EU-JAPAN FEST* U KOLLABORAZZJONIJIET**

Sa mill-1992, il-Kumitat EU-JAPAN Fest appoġġja l-iskambji ta' valur bejn kull Kapitali Ewropea tal-Kultura u l-Ġappun. Il-Kumitat jippromwovi wkoll l-iskambju kulturali fi proġetti li diġa bbenefikaw mill-appoġġ tal-Kumitat.

Fl-2018, il-Programm Kulturali tagħna se jospita diversi sħubijiet mal-EU-Japan Fest li jgħaqqdu prattiċi tradizzjonali mal-arti kontemporanja u d-disinn, filwaqt li jistabbilixxi wkoll netwerks kreattivi u professjonali b'saħħithom bejn il-komunitajiet Ġappuniżi u Ewropej.

Tetsuo Kondo Architects ingħaqdu flimkien mat-tim tal-arkitettura tad-Direttorat tar-Restawr biex jiżviluppaw il-kunċett u d-disinn tal-ġnien ta' fuq il-bejt **fil-bini l-ġdid tal-*Valletta Design Cluster.*** Ir-restawr, li se jsir fis-sit tal-Biċċerija l-Qadima fil-Belt Valletta, jifforma parti minn inizjattiva akbar immexxija minn Valletta 2018, li hija ddedikata għar-rijabilitazzjoni



Located at the Old Abattoir site in Valletta, the restoration forms part of a larger initiative run by Valletta 2018, which is devoted to rehabilitating the site into a fully-functional creative industries cluster by 2019.

The EU-Japan Fest Committee is also involved in projects that experiment with traditional forms and themes in contemporary ways. Inspired by Valletta 2018's major multi-site exhibition, *Dal-Baħar Madwarha*, the Valletta Design Cluster is collaborating with Atelier Omoya to bring an installation titled '**Book in the Sea**' to the Grand Harbour. This artwork by Glen Calleja gathers a team of international designers to implement an innovative technology designed to create Maltese text using underwater bubbles. Meanwhile, the project '**Tactile**' by Jesmond Vella investigates traditional Japanese printmaking techniques and the way visually impaired persons experience art, whilst Modern Music Days collaborates closely with contemporary Japanese composers. Several exhibitions and events involving Maltese, Japanese and other international artists will be held in 2018.

The upcoming EU-Japan Fest Weekend adds to Valletta 2018's international dimension by supporting diverse activities that celebrate collaboration across disciplines and communities.

tas-sit f'ċentru tal-industriji kreattivi kompletament funzjonali sal-2019.

Il-Kumitat EU-Japan Fest huwa involut ukoll fi proġetti li jesperimentaw b'forom u temi tradizzjonali b'modi kontemporanji. B'inspirazzjoni mill-esibizzjoni ewlenija mifruxa fuq bosta siti ta' Valletta 2018, *Dal-Baħar Madwarha*, il-*Valletta Design Cluster* qed jikkollabora ma' Atelier Omoya biex iwassal installazzjoni intitolata '***Book in the Sea***' lejn il-Port il-Kbir. Dan ix-xogħol tal-arti ta' Glen Calleja jiġbor tim ta' disinjaturi internazzjonali biex jimplimentaw teknoloġija innovattiva ddisinjata biex jinħoloq test bil-Malti bl-użu ta' bżieżaq taħt l-ilma. Sadanittant, il-proġett '***Tactile***' ta' Jesmond Vella jinvestiga t-tekniki tal-istampar tradizzjonali Ġappuniżi u l-mod kif persuni neqsin mid-dawl jinterpretaw l-arti, filwaqt li *Modern Music Days* jikkollabora mill-qrib ma' kompożituri kontemporanji Ġappuniżi. Bosta esibizzjonijiet u attivitajiet li jinvolvu artisti Maltin, Ġappuniżi u oħrajn internazzjonali se jsiru fl-2018.

It-**Tmiem il-Ġimgħa EU-Japan Fest** li ġej iżid mad-dimensjoni internazzjonali ta' Valletta 2018 billi jappoġġja diversi attivitajiet li jiċċelebraw il-kollaborazzjoni bejn id-dixxiplini u l-komunitajiet.



c. J. Wypych – Artist: Jon Cazenave and Åukasz Rusznica

# EUROPEAN EYES ON JAPAN

30 March - 29 April 2018

Spazju Kreattiv, Upper Galleries



c. J. Wypych – Artist: Jon Cazenave and Łukasz Rusznica

Led by artistic director Mikiko Kikuta, European Eyes on Japan is a visual arts project that has toured over thirty European Capitals of Culture since 1999. In anticipation of our European Capital of Culture year, the project extends an invitation to Maltese photographer, Alexandra Pace, from Valletta 2018 and another photographer from our twin European Capital of Culture, Leeuwarden-Fryslân 2018. Both photographers will live and work in Japan, looking to capture the country's lifestyle through a European lens. In 2018, an exhibition featuring the work of both artists will be hosted in Malta at *Spazju Kreattiv*, after which it will travel to Leeuwarden and Japan.

**Created by //** *Maħluq minn:* Mikiko Kikuta

**Organised by //** *Organizzat minn:* Valletta 2018, Fondazzjoni Kreattività

**In Collaboration with //** *Bil-Kollaborazzjoni ta':* EU-Japan Fest Japan Commitee

**EUROPEAN EYES ON JAPAN**

30 ta' Marzu - 29 ta' April 2018

Spazju Kreattiv, Galleriji ta' Fuq

Bi tmexxija tad-direttur artistiku Mikiko Kikuta, Għajnejn Ewropej fuq il-Ġappun huwa proġett tal-arti viżiva li dar aktar minn tletin Kapitali Ewropea tal-Kultura mill-1999. B'antiċipazzjoni għas-sena tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura, il-proġett jestendi invit lill-fotografa Maltija Alexandra Pace, minn Valletta 2018, u fotografu ieħor mill-Kapitali Ewropea tal-Kultura tewmija tagħna, Leeuwarden-Fryslân 2018. Iż-żewġ fotografi se jgħixu u jaħdmu fil-Ġappun, bil-ħsieb li jieħdu impressjoni tal-istil tal-ħajja tal-pajjiż b'lenti Ewropea. Fl-2018, esibizzjoni li turi x-xogħol taż-żewġ artisti se tkun qed issir f'Malta ġewwa Spazju Kreattiv, u wara se tivjaġġa lejn Leeuwarden u l-Ġappun.


c. Elisa von Brockdorff


c. Luis Sanchez

**Created and Organised by //** *Maħluq u Organizzat minn:* Valletta 2018

**In Collaboration with //** *Bil-Kollaborazzjoni tal-:* the Maltese Archdiocese, the Ministry for Transport and Infrastructure, the Ministry for Sustainable Development, the Enviroment and Climate Change, the Environmental Landscapes Consortium (ELC), the P.A.R.K.S Directorate as part of the Tree 4 U (34U) campaign, WasteServ Malta Ltd. // *Arċidjoċesi ta' Malta, il-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura, il-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, Ambjent u Tibdil fil-Klima, l-Environmental Landscapes Consortium (ELC), id-Direttorat għall-P.A.R.K.S bħala parti mill-kampanja Tree 4 U (34U), WasteServ Malta Ltd.*

**With the Participation of //** *Bil-Parteċipazzjoni ta':* Inizjamed and several local environmental NGOs // *Inizjamed u bosta NGOs ambjentali lokali*

# VALLETTA GREEN FESTIVAL

4 - 6 May 2018

St Georges Square, Valletta


c. Elisa von Brockdorff

Each year, the Valletta Green Festival transforms one of the largest open urban spaces in Valletta, Pjazza San Ġorġ, with its colourful signature feature – a huge floral carpet composed of some 80,000 potted plants. A yearly programme of family-friendly activities happening in the capital city and other localities have established this much-loved weekend-long festival as a fun and accessible platform for initiatives promoting environmental consciousness on the Maltese Islands. The festival also offers visitors rare glimpses into some of the capital city's little-known historical treasures, including the four-hundred-year-old gardens of the Archbishop's Palace and the Convent of St Catherine.

**VALLETTA GREEN FESTIVAL**

4 - 6 ta' Mejju 2018

Fi Pjazza San Ġorġ, il-Belt Valletta

Kull sena, il-Valletta Green Festival jittrasforma wieħed mill-akbar spazji miftuħa fil-Belt Valletta, Pjazza San Ġorġ, bil-karatteristika kkulurita tiegħu – tapit iffjurit enormi, magħmul minn madwar 80,000 pjanta. Programm ta' kull sena ta' attivitajiet għall-familja li jsiru fil-belt kapitali u f'postijiet oħrajn għenu biex jistabbilixxu lil dan il-festival tant maħbub, mifrux fuq tmiem il-ġimgħa, bħala pjattaforma divertenti u aċċessibbli għal inizjattivi li jippromwovu l-kuxjenza ambjentali fil-Gżejjer Maltin. Il-festival joffri wkoll ħarsiet rari lejn xi wħud mit-teżori ftit magħrufa tal-belt kapitali, inkluż il-ġonna ta' erba' mitt sena tal-Palazz tal-Arċisqof u l-Kunvent ta' Santa Katerina.



c. Ivan Borg

# MALTA FASHION WEEK & AWARDS

28 May - 2 June 2018
Fort St Elmo, Valletta

2018 marks the 20th edition of the Malta Fashion Awards and the 8th Edition of Malta Fashion Week, an event presented in the heart of Valletta. During this week, the capital city becomes a platform for unveiling Malta's top-shelf talent and all that the local fashion industry has to offer the international scene. Designers, catwalk models, stylists, makeup artists and many other creative professionals set a glamorous scene while photographers and bloggers capture the essence of each showcase. Malta Fashion Week also offers a unique opportunity for guests and influencers to network and exchange ideas over awards parties, fashion shows and exhibitions, design workshops, pop-up shops and much more.



c. Kurt Paris

**Created and Organised by //** *Maħluq u Organizzat minn:* Unique Promotions
**Supported by //** *Bl-Appoġġ ta':* Valletta 2018

**MALTA FASHION WEEK & AWARDS**
28 ta' Mejju - 2 ta' Ġunju 2018
Fil-Forti Sant'Iermu, Il-Belt Valletta

L-2018 timmarka l-20 edizzjoni tal-Malta Fashion Awards u t-8 Edizzjoni ta' Malta Fashion Week, attività ppreżentata fil-qalba tal-Belt Valletta. Matul din il-ġimgħa, il-belt kapitali ssir pjattaforma għall-ogħla talent u għal dak kollu li l-industrija tal-moda għandha x'toffri lix-xena internazzjonali f'Malta. Disinjaturi, mudelli tal-*catwalk*, stilisti, artisti tal-*makeup* u bosta persuni kreattivi professjonali oħra joħolqu xena attraenti filwaqt li fotografi u *bloggers* jirriflettu l-essenza ta' kull esibizzjoni. Malta Fashion Week toffri wkoll opportunità unika biex il-mistednin u l-persuni influwenti biex jiddiskutu u jagħmlu skambju tal-ideat fil-festini tal-*awards*, fl-ispettakli u l-esibizzjonijiet tal-moda, fil-*workshops* tad-disinn, fil-*pop-up shops* u aktar.





c. Viktor Vella – Artist: Walk the Plank

# VALLETTA PAGEANT OF THE SEAS

7 June 2018

Grand Harbour, Valletta

Set against the majestic backdrop of Valletta's Grand Harbour, the Pageant of the Seas, hosts a programme teeming with exciting daytime activities – competitive races, visual demonstrations and water acts – and a colourful celebration by night. Local communities take part in races on specially designed vessels, constructed specifically for the day. Other races are held between local swimmers, all competing to outperform each other whilst enduring routes between the two forts dominating the harbour. After sundown, the atmosphere transfigures into a spectacular display of fireworks and light effects.

**Created by //** *Maħluq minn:* Valletta 2018, Mario Philip Azzopardi

**Organised by //** *Organizzat minn:* Valletta 2018

**In Collaboration with //** *Bil-Kollaborazzjoni tal-:* In Guardia Parade/Malta Tourism Authority, Show of Arms, Birkirkara St Joseph Sports Club, Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Ieħor, Surfside Charter Company Ltd., St John Ambulance, Civil Protection Department, The Malta Police Force, Armed Forces of Malta, Soċjeta' Mużikali Sta. Katerina V.M. Żurrieq, Soċjeta' Santa Marija u Re Ġorġ V Fire Works Factory, Malta Band Clubs Association, Chaudron Powerboats, Valletta Cruise Port, Transport Malta, Karnival ta' Malta, Arts Council Malta, Valletta Local Council, Senglea Local Council, Kalkara Local Council, Heritage Malta // *In Guardia Parade/Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta, Show of Arms, Birkirkara St Joseph Sports Club, Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Ieħor, Surfside Charter Company Ltd, St. John Ambulance, Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili, Korp tal-Pulizija ta' Malta, Forzi Armati ta' Malta, Soċjeta' Mużikali Sta. Katerina V.M. Żurrieq, Soċjeta' Santa Marija u Re Ġorġ V Fire Works Factory, Malta Bands Clubs Association, Chaudron Powerboats, Valletta Cruise Port, Transport Malta, Karnival ta' Malta, Kunsill Malti għall-Arti, Kunsill Lokali tal-Belt Valletta, Kunsill Lokali tal-Isla, Kunsill Lokali tal-Kalkara, Heritage Malta*

**VALLETTA PAGEANT OF THE SEAS**

7 ta' Ġunju 2018

Il-Port il-Kbir, il-Belt Valletta

Fl-isfond maestuż tal-Port il-Kbir tal-Belt Valletta, il-*Pageant of the Seas* tospita programm mimli attivitajiet eċċitanti matul il-ġurnata – tlielaq kompetittivi, dimostrazzjonijiet viżwali u spettakli fl-ilma – u ċelebrazzjoni kkulurita filgħaxija. Komunitajiet lokali jieħdu sehem fi tlielaq fuq bastimenti ddisinjati u magħmula apposta għall-ġurnata. Isiru tlielaq oħra bejn għawwiema lokali, b'kull wieħed minnhom jikkompeti biex jirnexxi aktar mill-ieħor, filwaqt li jgħumu r-rotot bejn iż-żewġ fortizzi li jiddominaw il-port. Ma' nżul ix-xemx, l-atmosfera tinbidel f'wirja tal-logħob tan-nar u effetti bid-dwal spettakolari.



c. Viktor Vella – Artist: Walk the Plank






c. Ali Tollervey and Film Grain Foundation

# VALLETTA FILM FESTIVAL

8 - 17 June 2018

Various Sites in Valletta

Organized by the Film Grain Foundation, the Valletta Film Festival is Malta's largest cinematic event, screening over forty feature films and twenty-five short films at indoor and open-air cinemas around the city. The festival is made up of three competitive sections adjudicated by international juries and a number of sidebars that focus on films from different islands around the world, coming-of-age cinema and a retrospective dedicated to an established film director. Another section titled 'Without Borders' – that focuses on a different region of the world each year – will feature the cinema of East Asia. A biennial conference on the Cinema of Small Nations will also be held during the 2018 festival, together with a series of talks, debates, workshops and other activities that make it a contemporary and relevant event within our European Capital of Culture.

**Created and Organised by //** *Maħluq u Organizzat mill-:* Film Grain Foundation
**Supported by //** *Bl-Appoġġ ta':* Valletta 2018

**VALLETTA FILM FESTIVAL**
8 - 17 ta' Ġunju 2018
Bosta Siti fil-Belt Valletta

Il-Valletta Film Festival huwa l-ikbar avveniment ċinematiku f'Malta, li juri madwar erbgħin film twil u ħamsa u għoxrin film qasir fi swali taċ-ċinema fuq ġewwa u fuq barra madwar il-belt. Il-festival huwa magħmul minn tliet taqsimiet kompetittivi aġġudikati minn ġuriji internazzjonali u numru ta' taqsimiet li jiffokaw fuq films minn gżejjer differenti madwar id-dinja, iċ-ċinema *coming-of-age* u esibizzjoni ddedikata lil direttur tal-films stabbilit. Taqsima oħra intitolata '*Without Borders*' – li tiffoka fuq reġjun dinji differenti kull sena – se tinkludi ċ-ċinema tal-Ażja tal-Lvant. Konferenza biennali dwar iċ-Ċinema tan-Nazzjonijiet iż-Żgħar se ssir ukoll matul il-festival tal-2018, flimkien ma' serje ta' taħditiet, dibattiti, *workshops* u attivitajiet oħra li jagħmluha attività kontemporanja u rilevanti fi ħdan il-Kapitali Ewropea tal-Kultura tagħna.

# MALTA INTERNATIONAL ARTS FESTIVAL

**29 June - 14 July 2018**

**Valletta**



c. Joe Smith

This special edition of Malta's leading arts festival unveils an intriguing programme of high-quality cultural exhibitions and events that engage visitors with the Islands' rich historical and cultural tapestry. Over the years, the Malta International Arts Festival has established itself as a platform for artistic excellence; the festival is renowned for hosting multidisciplinary works that support diversity, encourage artistic collaboration and strive to forge creative synergy. Across the festival's varied programme, artists are encouraged to push boundaries through a wide spectrum of innovative practices and performances – including site-specific curation, music, visual arts, theatre, dance, opera, installations, films, community projects, interactive and participatory events and much more.

**Created and Organised by //** *Maħluq u Organizzat minn:* Arts Council Malta // *Kunsill Malti għall-Arti*

**Supported by //** *Bl-appoġġ ta':* Valletta 2018

**IL-FESTIVAL INTERNAZZJONALI TAL-ARTI TA' MALTA**

29 ta' Ġunju - 14 ta' Lulju 2018

Il-Belt Valletta

Din l-edizzjoni speċjali tal-festival ewlieni tal-arti f'Malta tniedi programm attraenti ta' esibizzjonijiet u attivitajiet kulturali ta' kwalità għolja li jinkoraġġixxu l-involviment tal-viżitaturi max-xenarju storiku u kulturali għani tal-Gżejjer.

Matul is-snin, il-Festival Internazzjonali tal-Arti ta' Malta stabbilixxa lilu nnifsu bħala pjattaforma għall-integrità u l-eċċellenza artistika; il-festival huwa magħruf li jospita xogħlijiet multidixxiplinarji li jappoġġjaw id-diversità jinkoraġġixxu l-kollaborazzjoni artistika u jaħdmu biex joħolqu sinerġija kreattiva. Fil-programm varjat tal-festival, l-artisti huma mħeġġa jegħlbu l-limitazzjonijiet permezz ta' firxa wiesgħa ta' prattiki u prestazzjonijiet innovattiva – inkluż il-kuratura speċifika tas-sit, il-mużika, l-arti viżiva, it-teatru, iż-żfin, l-opra, l-installazzjonijiet, il-films, il-proġetti komunitarji, l-attivitajiet interattivi u parteċipatorji u ħafna aktar.





c. Virginia Monteforte

# MALTA MEDITERRANEAN LITERATURE FESTIVAL

23 - 25 August 2018 // 8:00 pm

Fort St Elmo, Valletta

Since 2006, the Malta Mediterranean Literature Festival has brought together active writers and translators from Malta, the Mediterranean and beyond. This annual festival organized by *Inizjamed* celebrates language, translation and international literature with a diverse programme of activities and events, including a week-long Literary Translation Workshop. Through close engagement with local and international creatives, this platform works to consolidate the place of Maltese literature in a global and Mediterranean context, while promoting meaningful cross-cultural exchange and debate. 2018 brings a special multidisciplinary edition of the festival to the capital city that uses script, text and music to play on the diverse themes of the programme.

**Created and Organised by //** *Maħluq u Organizzat minn:* Inizjamed

**Supported by //** *Bl-Appoġġ ta':* Valletta 2018

**IL-FESTIVAL MEDITERRANJU TAL-LETTERATURA TA' MALTA**

23 - 25 ta' Awwissu 2018 - 8:00 pm

Fil-Forti Sant'Iermu, Il-Belt Valletta

Sa mill-2016, il-Festival Mediterranju tal-Letteratura ta' Malta ġab flimkien kittieba u tradutturi attivi minn Malta, mill-Mediterran u lil hinn. Dan il-festival annwali jiċċelebra l-lingwa, it-traduzzjoni u l-letteratura internazzjonali bi programm divers ta' attivitajiet u avvenimenti, inkluż *Workshop* tat-Traduzzjoni Letterarja ta' ġimgħa. Permezz ta' involviment mill-qrib ma' persuni kreattivi lokali u internazzjonali, din il-pjattaforma taħdem biex tikkonsolida l-post tal-letteratura Maltija fil-kuntest globali u Mediterranju, filwaqt li tippromwovi skambju u dibattitu interkulturali sinifikanti. L-2018 se jwassal edizzjoni multidixxiplinarja speċjali lill-belt kapitali li se tuża l-iskript, it-test u l-mużika biex jindirizzaw it-temi diversi tal-programm.

Organised by // *Organizzat minn:* the University of Malta, the Research Trust of the University of Malta (RIDT), the Malta Chamber of Scientists, the Malta College for Science, Arts and Technology (MCAST), Studio 7, Jugs, and a large number of partners // *L-Università ta' Malta, ir-Research Trust tal-Università ta' Malta (RIDT), il- Malta Chamber of Scientists, il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija (MCAST), Studio 7, Jugs, u numbru kbir ta' msieħba*

In Collaboration with // *Bil-Kollaborazzjoni ta':* University of Applied Arts Vienna // *L-Università tal-Arti Applikata ta' Vienna*

Supported by // *Bl-Appoġġ ta':* Valletta 2018

# SCIENCE IN THE CITY

28 September 2018 // 6pm - 12am

Various Sites in Valletta

As part of European Researchers' Night, Malta's science and arts festival returns to the capital city with one memorable evening full of free activities for friends and family to enjoy. On the night, Valletta comes alive with all sorts of installations and exhibitions linked to science – street art, science busking, music, children's puppet shows, live experiments, talks, theatre and much more. With scientific encounters lined up all the way from City Gate to St George's Square, the festival is sure to surprise and delight visitors of all ages.



c. Elisa von Brockdorff





c. Daniel Mifsud

**SCIENCE IN THE CITY**

28 ta' Settembru 2018 - 6pm - 12am

Bosta Siti fil-Belt Valletta

Bħala parti minn Lejlet ir-Riċerkaturi Ewropej, il-festival tax-xjenza u l-arti f'Malta jirritorna lejn il-belt kapitali b'serata memorabbli mimlija attivitajiet b'xejn biex igawdu minnha l-familji u l-ħbieb. Matul din is-serata, il-Belt Valletta tieħu l-ħajja b'kull xorta ta' installazzjonijiet u wirjiet marbuta max-xjenza – l-arti tat-triq, il-*busking* xjentifiku, il-mużika, ix-xows tal-pupazzi għat-tfal, l-esperimenti lajv, it-taħditiet, it-teatru u ħafna aktar. Bil-laqgħat xjentifiċi minn Bieb il-Belt sa Pjazza San Ġorġ, il-festival żgur se jkun ta' sorpriża u ta' pjaċir għall-viżitaturi ta' kull età.



c. Elisa von Brockdorff



c. Ingo Taylor



c. Elisa von Brockdorff

# NOTTE BIANCA

**6 October 2018**
**Valletta**

This annual event illuminates the cityscape of Valletta with a spectacular celebration of arts and culture. The festival has premiered various successful projects in the field of new and digital media. And the year 2018 delivers an ECoC edition – a special run of the festival focusing on new media and participatory installations that strengthens its position as a platform for collaboration, experimentation and community involvement. Across a carefully designed programme of events, local and international artists set off the night's festivities with live music, dance, film and theatre performances. As part of its fringe programme - *Notte Bianca Atmosfera* - Valletta also opens its museums, historical buildings and art galleries to the public free of charge. With cafes, restaurants and food stalls open till late, visitors can enjoy a relaxing meal and a range of cuisine on the go.

**Created and Organised by //** *Maħluq u Organizzat minn:* Arts Council Malta // *Kunsill Malti għall-Arti*
**Supported by //** *Bl-appoġġ ta':* Valletta 2018

**NOTTE BIANCA – LEJL IMDAWWAL**
6 ta' Ottubru 2018
Il-Belt Valletta

Din l-attività annwali ddawwal l-atmosfera tal-Belt Valletta b'ċelebrazzjoni spettakolari tal-arti u l-kultura. Il-festival kien il-punt tat-tluq għal bosta proġetti ta' suċċess fil-qasam tal-midja ġdida u diġitali. U s-sena 2018 se twassalna għall-edizzjoni tal-KEtK – edizzjoni speċjali tal-festival li se tiffoka fuq il-midja ġdida u l-installazzjonijiet parteċipatorji li jsaħħu l-pożizzjoni tiegħu bħala pjattaforma għall-kollaborazzjoni, l-esperimentazzjoni u l-involviment tal-komunità. Fil-programm imfassal bir-reqqa ta' attivitajiet, artisti lokali u internazzjonali jagħtu bidu għal-lejla ta' festi bil-mużika lajv, żfin, films u teatru. Bħala parti mill-programm *Notte Bianca Atmosfera*, il-Belt Valletta tiftaħ ukoll il-mużewijiet, il-binjiet storiċi u l-galleriji tal-arti tagħha lill-pubbliku mingħajr ħlas. Bil-kafetteriji, ristoranti u gabbana tal-ikel miftuħin sa tard, il-viżitaturi jistgħu jgawdu minn firxa ta' ikel matul is-serata.

# VALLETTA 2018 INTERNATIONAL CONFERENCE: SHARING THE LEGACY

24 - 26 October 2018

Valletta



c. Therese Debono

The annual Valletta 2018 international conference builds upon the vital dialogue established during previous editions. Over three days, the conference explores the legacy of the Valletta 2018 European Capital of Culture (ECoC) title locally and across the European spectrum. Topics discussed range from the creation of community projects to the regeneration of previously derelict areas in Valletta, all of which can foster a more vibrant and diverse city. The conference is an invitation to assess and discuss the changing nature of the city and the future of cultural activity in Valletta. These reflections allow for a deeper understanding of the long-term residual impact of the cultural, social and economic regeneration that took place in Valletta in the run-up to and throughout 2018, ahead of the presentation of the Evaluation and Monitoring results which will take place in 2019.

**Created and Organised by //** *Maħluq u Organizzat minn:* Valletta 2018

**VALLETTA 2018 INTERNATIONAL CONFERENCE: SHARING THE LEGACY**

24 - 26 ta' Ottubru 2018

Il-Belt Valletta

Il-konferenza internazzjonali annwali Valletta 2018 tibni fuq id-djalogu essenzjali stabbilit matul l-edizzjonijiet preċedenti. Fuq firxa ta' tlett ijiem, il-konferenza tesplora l-wirt tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura (KEtK) Valletta 2018 lokalment u fl-ispettru Ewropew. Is-suġġetti diskussi jvarjaw mill-ħolqien ta' proġetti komunitarji għar-riġenerazzjoni ta' żoni li ma' kienux jintużaw fil-Belt Valletta, li kollha kemm huma jistgħu jrawmu belt aktar vivaċi u diversa. Il-konferenza hija stedina biex tiġi evalwata u diskussa n-natura dejjem tinbidel tal-belt u l-futur tal-attività kulturali fil-Belt Valletta. Dawn ir-riflessjonijiet jippermettu għal għarfien usa' tal-impatt residwu fit-tul tar-riġenerazzjoni kulturali, soċjali u ekonomika li seħħet fil-Belt Valletta bi preparament u matul l-2018, qabel il-preżentazzjoni tar-riżultati tal-Evalwazzjoni u l-Monitoraġġ li se jsir fl-2019.



c. Therese Debono



c. Il Kunsill Nazzjonali Tal-Ktieb

# MALTA BOOK FESTIVAL

November 2018
Mediterranean Conference Centre, Valletta

The Malta Book Festival continues to be one of the most popular cultural events on the local calendar. Initially conceived as the Malta Book Fair back in 1979, this annual cultural event was launched to celebrate the wonder of books. In 2013, it was rebranded as the Malta Book Festival to reach out to book lovers all over the Islands with a wide programme of family-friendly activities - including book launches and presentations, poetry and literature readings, meetings with authors, dramatisations of literary texts, and conferences and seminars. With an annual attendance of thirty thousand people - including professional authors and diverse creatives working in publishing houses, bookshops and libraries - the festival also offers extensive networking opportunities for professionals in the book world.

**Created and Organised by //** *Maħluq u Organizzat mill-:* National Book Council // *Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb*

**FESTIVAL NAZZJONALI TAL-KTIEB**
F'Novembru 2018
F'Dar il-Mediterran għall-Konferenzi, Il-Belt Valletta

Il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb ikompli jkun wieħed mill-aktar attivitajiet kulturali popolari fil-kalendarju lokali. Imfassla bħala l-Fiera tal-Kotba ta' Malta fl-1979, din l-attività kulturali annwali ġiet imnedija biex tiċċelebra l-faxxinu tal-kotba. Fl-2013, ħa l-isem ta' Festival Nazzjonali tal-Ktieb biex jilħaq lill-qarrejja madwar il-Gżejjer bi programm wiesa' ta' attivitajiet għall-familja kollha – inkluż tnedijiet u preżentazzjonijiet ta' kotba, qari ta' poeżija u letteratura, laqgħat ma' awturi, drammatizzazzjonijiet ta' testi letterarji, u konferenzi u seminars. B'attendenza annwali ta' tletin elf ruħ – li tinkludi awturi professjonali u bosta persuni kreattivi li jaħdmu fi djar tal-pubblikazzjoni, ħwienet tal-kotba u libreriji – il-festival joffri wkoll opportunitajiet estensivi ta' netwerking għal professjonisti fid-dinja tal-kotba.



## VALLETTA 2018 CLOSING SPECTACLE

# VALLETTA 2018 EXTENDS AN OPEN INVITATION TO A UNIQUE CELEBRATION THAT'S SET TO LIGHT UP THE CAPITAL CITY.

**L-ISPETTAKLU TAL-GĦELUQ TA' VALLETTA 2018**

VALLETTA 2018 QED TESTENDI L-ISTEDINA TAGĦHA SABIEX IL-PUBBLIKU JGAWDI MINN ĊELEBRAZZJONI UNIKA LI MISTENNIJA DDAWWAL IL-BELT KAPITALI.

c. Chris Mangion



15 December 2018 // Closing Spectacle
St George's Square, Valletta

The year 2018 sets the stage for a more vibrant and welcoming capital city – and this special after party promises to keep spirits high!

With plenty of surprises in store on the day, we look forward to hosting everyone in the heart of the capital city, for an amazing celebration that sees out our tenure as a European Capital of Culture. Expect a spectacular line-up of live shows, music.. and a few unexpected touches, too.

The success of any European Capital of Culture is rooted in the passion, imagination, support, dedication, enthusiasm and generosity of its communities. Indeed – as with the traditional *festa* – Valletta 2018's Closing Spectacle is all about celebrating community, life and culture while forging new friendships. Only together can we truly celebrate Valletta 2018's year-long programme of incredible events, initiatives and activities with the same energy and love that's gone into it.

So save the date and join guests, visitors, artists, curators, residents, Tal-Kultura volunteers and the Valletta 2018 team in a lively closing event that pays tribute to the creative diversity that exists on our Islands, in Europe and beyond.

**Organised by //** *Organizzat minn:* Valletta 2018
**In Collaboration with //** *Bil-Kollaborazzjoni ta':* the Valletta Local Council // *Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta*

15 ta' Diċembru 2018 // Spettaklu tal-Għeluq
Pjazza San Ġorġ, Il-Belt Valletta

Is-sena 2018 ser tkun il-palk li jippreżentalkom belt kapitali iktar vibranti u akkoljenti – u l-ispettaklu speċjali ta' wara mhu ser ikun xejn inqas!

Għal dakinhar ħa jkollna ħafna sorpriżi għalikom, u nħarsu bi ħġarna li nospitawkom kollha fil-qalba tal-belt kapitali għal ċelebrazzjoni meraviljuża li ttemm il-mandat tagħna bħala Kapitali Ewropea tal-Kultura. Stennew lista spettakolari ta' spettakli lajv, mużika… u xi sorpriżi oħrajn ukoll.

Is-suċċess ta' kwalunkwe Kapitali Ewropea tal-Kultura għandu għeruq fondi fil-passjoni, l-immaġinazzjoni, l-appoġġ, id-dedikazzjoni, l-entużjażmu u l-ġenerożità tal-komunitajiet tagħha. Huwa tassew minnu – bħal kull festa tradizzjonali – li l-Ispettaklu tal-Għeluq ta' Valletta 2018 huwa kollu kemm hu ċelebrazzjoni tal-komunità, tal-ħajja u tal-kultura waqt li jinħolqu ħbiberiji ġodda. Flimkien biss nistgħu verament niċċelebraw is-sena avvenimenti, inizjattivi u attivitajiet inkredibbli bl-istess impenn u mħabba li wrejna biex għamilna l-programm ta' Valletta 2018.

Mela niżżluha fid-djarju u ingħaqdu mal-mistiedna, mal-viżitaturi, mal-artisti, mal-kuraturi, mar-residenti, mal-voluntiera 'Tal-Kultura' u mat-tim ta' Valletta 2018 f'avveniment tal-għeluq vivaċi li jagħti ġieħ lid-diversità kreattiva li teżisti fil-Gżejjer Maltin, fl-Ewropa u lil hinn minnha.



c. Mario Casha



## COMMUNITY

WITH COMMUNITY AT THE HEART OF ISLAND LIFE, ENCOURAGING ACTIVE PARTICIPATION IN THE ARTS IS ONE OF THE HIGHEST GOALS OF OUR ECOC. VALLETTA 2018'S COMMUNITY PROJECTS BRING CULTURE TO EVERYONE'S DOORSTEP, UNITING THE TRADITIONAL VISION OF A MEDITERRANEAN LIFE ENRICHED BY CLOSE TIES TO FAMILY, FRIENDS AND NEIGHBOURS WITH THE ISLANDS' GROWING CREATIVE PRACTICES.

### KOMUNITÀ

BIL-KOMUNITÀ FIL-QALBA TAL-ĦAJJA TAL-GŻIRA, L-INKORAĠĠIMENT GĦALL-PARTEĊIPAZZJONI ATTIVA FL-ARTI HUWA WIEĦED MILL-AKBAR GĦANIJIET GĦALL-KAPITALI EWROPEA TAL-KULTURA TAGĦNA. IL-PROĠETTI TAL-KOMUNITÀ TA' VALLETTA 2018 IWASSLU L-KULTURA WARA BIEB KULĦADD, WAQT LI JGĦAQQDU L-VIŻJONI TRADIZZJONALI TA' ĦAJJA MEDITERRANJA ARRIKKITA B'RELAZZJONIJIET MILL-QRIB MAL-FAMILJA, MAL-ĦBIEB U MAL-ĠIRIEN FLIMKIEN MAL-PRATTIKI KREATTIVI DEJJEM JIKBRU TAL-GŻIRA.

# SUBJECTIVE MAPS MALTA

March – April 2018
Venues TBC



c. Glen Calleja, Editing Sarah Mamo

*What does life on the Maltese Islands look like to you and your neighbours?* This project calls on the residents of six different localities – Valletta, St Paul's Bay, Ħamrun, Birżebbuġa, Gżira, Victoria (Gozo) – to create subjective maps of the spaces they live and work in. Through open workshops, Subjective Maps encourages individuals to make new connections, share stories and exchange maps that place our localities in a different light. This initiative also explores the rapidly-changing communities of the Islands, mapping cosmopolitan public spaces that welcome diversity and encourage communal visions for towns, villages and cities. 2018 will see the results of the mapping exercises coming together in a final installation.

**Created by //** *Maħluq minn:* Elise Billiard
**Organised by //** *Organizzat minn:* Glen Calleja, Sarah Mamo, Valletta 2018
**In Collaboration with //** *Bil-Kollaborazzjoni ta':* Zvezdan Reljić

**SUBJECTIVE MAPS MALTA**
Minn Marzu sa April 2018
Il-post jitħabbar aktar tard

*Kif tidher għalik u għall-ġirien tiegħek il-ħajja fuq il-Gżejjer Maltin?* Dan il-proġett jistieden lir-residenti ta' sitt lokalitajiet differenti – il-Belt Valletta, San Pawl il-Baħar, il-Ħamrun, Birżebbuġa, il-Gżira, ir-Rabat (Għawdex) – biex jinħolqu mapep suġġettivi tal-ispazji li fihom jgħixu u jaħdmu. Permezz ta' *workshops* miftuħa, *Subjective Maps* jinkoraġġixxi lill-individwi biex jagħmlu rabtiet ġodda, jaqsmu stejjer u jiskambjaw mapep li jitfgħu dawl ġdid fuq il-lokalitajiet tagħna. Din l-inizjattiva tesplora wkoll il-komunitajiet li qed jinbidlu malajr tal-Gżejjer, u tpoġġi fuq il-mappa spazji pubbliċi kosmopolitani li jilqgħu id-diversità u li jinkoraġġixxu viżjonijiet komunali għall-bliet u l-irħula. L-2018 se tara wkoll ir-riżultati tal-eżerċizzji tal-mapep jingħaqdu flimkien f'installazzjoni finali.



c. Flaviana Frascogna – Artist: Claudia Fabris



c. Flaviana Frascogna – Artist: Progetto Brockenhaus

# ALTOFEST MALTA

13 April 2018 // Opening in Strait Street, Valletta

20 – 22 April 2018 // Performances in Rabat, Manikata & Majjistral Park

27 – 29 April 2018 // Performances in Qormi, Hamrun & Santa Venera

4 – 6 May 2018 // Performances in Żejtun

11 – 13 May 2018 // Performances in Bormla, Birgu, Valletta, Gżira & Sliema

Already a staple of the cultural scene in Naples, Altofest brings a fresh and exciting programme to Valletta 2018. This alternative performing arts festival has been on the lookout for 'space donors' all over Malta, taking local residents up on offers to host cultural events inside private homes and community spaces. Artists in the Altofest network have been working in close contact with their host communities, forging relationships and engaging in dialogue to produce original artwork for the festival. The result is a showcase of performing arts taking place across four different regions in Malta and which audiences can follow along the festival's circuit. Altofest's grassroots approach encourages multicultural exchange, giving rise to new ways of thinking about the role of contemporary art in cities.

**Created and Organised by //** *Maħluq u Organizzat minn:* ***Teatro in Gestazione***, Valletta 2018

**In Collaboration with //** *Bil-Kollaborazzjoni ta':* ***Istituto Italiano di Cultura – La Valletta***

**With the Participation of //** *Bil-Parteċipazzjoni ta':* Diverse space donors in Malta and Gozo // *Diversi donaturi ta' spazji f'Għawdex*

**ALTOFEST MALTA**

13 ta' April 2018 // Ftuħ fi Strada Stretta, il-Belt Valletta

20 – 22 ta' April 2018 // Prestazzjonijiet fir-Rabat, fil-Manikata u fil-Majjistral Park

27 – 29 ta' April 2018 // Prestazzjonijiet f'Ħal Qormi, fil-Ħamrun u Santa Venera

4 – 6 ta' Mejju 2018 // Prestazzjonijiet fiż-Żejtun

11 – 13 ta' Mejju 2018 // Prestazzjonijiet f'Bormla, fil-Birgu, fil-Belt Valletta, fil-Gżira u Tas-Sliema

Proġett diġà ewlieni għax-xena kulturali f'Napli, Altofest iġib miegħu programm frisk u eċċitanti għal Valletta 2018. Dan il-festival tal-arti performattiva alternattiva kien qiegħed ifittex 'donaturi tal-ispazji' madwar Malta kollha, u jilqa' stediniet mingħand residenti lokali biex jospitaw attivitajiet kulturali fi djar u spazji komunitarji privati. Artisti fin-netwerk ta' Altofest kienu qed jaħdmu fil-qrib mal-komunitajiet ospitanti tagħhom, u permezz ta' dan jibnu relazzjonijiet u jinvolvu ruħhom fi djalogu biex jipproduċu xogħlijiet tal-arti oriġinali għall-festival. Ir-riżultat huwa wirja ta' arti performattiva li tkopri erba' reġjuni differenti f'Malta u li l-udjenzi jistgħu jsegwu b'mawriet madwar iċ-ċirkwit tal-festival. L-approċċ sempliċi ta' *Altofest* jinkoraġġixxi l-iskambju multikulturali, u jagħti bidu għal modi ġodda dwar kif naħsbu dwar ir-rwol tal-arti kontemporanja fil-bliet.

# RULINA

12 May 2018

Vilhena Palace, Mdina



c. Banda San Leonardo

Named after the wheel of fortune once used at local village fairs – *Rulina* is a modern, playful original composition inspired by traditional Maltese games. Upon entering, audience members are handed a 'lottery ticket' that invites them to take part in an interactive journey centred around the *Rulina* and traditional Maltese games. The wheel of fortune determines the progress and flow of the compositions being performed and the result mirrors the playfulness that games offer. Accompanying the merriment, an introductory piece will be played by twenty-eight musicians on traditional Banda instruments. With music, dancing, games and all sorts of surprising interactions taking place all around, *Rulina* seeks to create an immersive, all-encompassing experience that places the audience at the heart of the performance.

**Created and Organised by //** *Maħluq u Organizzat mill-:* St Leonard Band Club // *Għaqda Mużikali San Leonardu*
**Supported by //** *Bl-Appoġġ ta':* Valletta 2018

**RULINA**
12 ta' Mejju 2018
F'Palazzo Vilhena, L-Imdina

Imsemmija wara r-rota tal-fortuna li xi darba kienet tintuża fil-fieri lokali tar-raħal – Rulina hija kompożizzjoni oriġinali moderna insipirata minn logħob tradizzjonali Malti. Malli jidħlu, il-membri tal-udjenza jingħataw 'biljett tal-lotterija' li jistedinhom biex jieħdu sehem fi vjaġġ interattiv iffukat fuq ir-Rulina u l-logħob tradizzjonali Malti. Ir-rota tal-fortuna tiddetermina l-progress u l-andament tal-kompożizzjonijiet li jindaqqu u r-riżultat jirrifletti l-aspett divertenti ta' dak li joffru l-logħob. Biex takkumpanja d-divertiment, se tindaqq biċċa introduttorja minn tmienja u għoxrin mużiċist fuq strumenti tradizzjonali tal-Banda. Bil-mużika, żfin, logħob u kull xorta oħra ta' interazzjonijiet sorprendenti, Rulina tfittex li toħloq esperjenza immersiva li tinkludi kollox, li tpoġġi lill-udjenza fil-qalba tal-prestazzjoni.

# LATITUDE 36

**June 2018**
**Valletta, Venue TBC**


c. Sh!t Theatre

Latitude 36 employs diverse media formats to reflect Maltese migration and to engage with the Maltese diaspora. This interdisciplinary project touches upon themes relating to memory, identity, notions of home and belonging. This is achieved through transmedia storytelling, using one subject – migration – and translating it across multiple platforms. Charlie Cauchi has been working on a series of interactive, multi-platform works that culminate in an exhibition at Blitz in June 2018 and the release of an end-of-year documentary supported by the Malta Film Fund. Cauchi is also curating a programme for 2018, featuring internationally-acclaimed performance artists whose work deals with key issues at the heart of the Latitude 36. The programme includes performances by Nick Cassenbaum, Rosana Cade, Foxy and Husk and Sh!t Theatre.

**Created by //** *Maħluq minn:* Charlie Cauchi
**Organised by //** *Organizzat minn:* Charlie Cauchi, Valletta 2018
**Supported by //** *Bl-appoġġ tal-:* Arts Council Malta, the Malta Arts Fund, the Embassy of the United States of America in Malta // *Kunsill Malti għall-Arti, il-Fond għall-Arti ta' Malta, u l-Ambaxxata tal-Istati Uniti tal-Amerika f'Malta*

**LATITUDE 36**
F'Ġunju 2018
Il-Belt Valletta, Il-post jitħabbar aktar tard

*Latitude 36* juża diversi forom tal-midja li jirriflettu l-migrazzjoni Maltija u jimpenja ruħu mad-dijaspora Maltija. Dan il-proġett interdixxiplinarju jolqot temi relatati mal-memorja, l-identitá, l-idea ta' dar u l-appartenenza. Din tinkiseb permezz tar-rakkonti tal-istejjer *transmedia*, bl-użu ta' suġġett wieħed – il-migrazzjoni – li jiġi adattat għal diversi pjattaformi. Charlie Cauchi qed taħdem fuq serje ta' xogħlijiet awdjoviżivi ta' diversi pjattaformi li se jwasslu għal esibizzjoni fil-Blitz f'Ġunju tal-2018 u t-tnedija ta' dokumentarju tal-aħħar tas-sena, appoġġjat mill-Fond Malti għall-Films. Cauchi hija wkoll il-kuratriċi ta' programm għall-2018, li se jinkludi artisti performattivi li x-xogħol tagħhom jittratta kwistjonijiet ewlenin fil-qalba ta' *Latitude 36*. Il-programm jinkludi prestazzjonijiet ma' Nick Cassenbaum, Rosana Cade, Foxy and Husk u Sh!t Theatre.

# EXILED HOMES

1 – 30 June 2018 // Art Exhibition
Old Hospital, Mqabba


c. Virginia Monteforte

A significant change in home-based care for the elderly has taken place on the Maltese Islands over the past decades through the employment of Filipino carers and helpers. This project explores the stories of Filipino caretakers and their employers, whilst illustrating the power that art can have in passing on a political message to the public. An art exhibition led by artists Aglaïa Haritz and Abdelaziz Zerrou highlights the experiences collected throughout the project, which are also set to be published in 2018. By gathering the stories of vulnerable groups on the Islands, Exiled Homes brings out the differences and similarities between the lives of Maltese and Filipino people, fostering tolerance and intercultural collaboration.

**Created by //** *Maħluq minn:* Elise Billiard
**Organised by //** *Organizzat minn:* Gisella Orsini, Sarah Mallia, Valletta 2018
**In Collaboration with //** *Bil-Kollaborazzjoni ta':* Abdelaziz Zerrou, Aglaia Haritz
**With the Participation of //** *Bil-Parteċipazzjoni tal-:* the Filipino community in Malta // *komunità Filippina f'Malta*

**EXILED HOMES**
1 – 30 ta' Ġunju 2018 - Esibizzjoni tal-Arti
Fl-Isptar il-Qadim, L-Imqabba

Bidla sinifikanti fil-kura bbażata fid-dar għall-anzjani seħħet madwar il-gżejjer Maltin matul l-aħħar deċennji permezz tal-impjieg ta' assistenti u kustodji Filippini. Dan il-proġett jesplora l-istejjer tal-kustodji Filippini u min iħaddimhom, filwaqt li juri s-setgħa li l-arti jista' jkollha meta tgħaddi messaġġ politiku lill-pubbliku. Esibizzjoni tal-arti mmexxija mill-artisti Aglaïa Haritz u Abdelaziz Zerrou tenfasizza l-esperjenzi miġbura matul il-proġett, li għandhom jiġu ppubblikati wkoll sal-2018. Bil-ġabra tal-istejjer tal-gruppi vulnerabbli fil-gżejjer, *Exiled Homes* joħroġ id-differenzi u s-similaritajiet bejn il-ħajjiet tal-persuni Maltin u Filippini, u jrawwem it-tolleranza u l-kollaborazzjoni interkulturali.

# DOWN MEMORY LANE – TOI TOI

29 July 2018 // 5:30 pm
30 July 2018 // 10 am
Teatru Manoel, Valletta



Many people remember the nostalgia associated with the *Rediffusion*; waiting eagerly for programmes to air, especially entertainment and music ones. Many also remember Gaetano Buttigieg (Gaetano Kanta), who had the marvellous skill of translating and adapting popular Italian and English songs of the time into Maltese. His lyrics portrayed scenes from our past; scenes we can still enjoy to this day. The variety of songs remind us of our past and serve as a documentation of society in his era. Down Memory Lane consists of a concert which re-discovers the memories of our senior audience; it's a night of entertainment which will take them back to their childhood and adolescence, while opening a window onto 20th century society.

**Created and Organised by //** *Maħluq u Organizzat mit-:* Teatru Manoel
**Supported by //** *Bl-Appoġġ ta':* Valletta 2018

**DOWN MEMORY LANE – TOI TOI**
29 ta' Lulju 2018 - 5.30 pm
30 ta' Lulju 2018 - 10 am
Fit-Teatru Manoel, il-Belt Valletta

Ħafna nies jiftakru n-nostalġija marbuta mar-*Rediffusion*; jistennew b'tant ħerqa l-programmi biex jibdew jixxandru, speċjalment dawk tad-divertiment u tal-mużika. Ħafna jiftakru wkoll lil Gaetano Buttigieg (Gaetano Kanta), li kellu ħila li timmeravilja, li jaqleb u jaddatta kanzunetti popolari bit-Taljan u bl-Ingliż għall-ilsien Malti. Il-lirika tiegħu kienet dwar xeni mill-imgħoddi ta' pajjiżna; xeni li għadna nistgħu ngawdu sal-lum. Il-varjetà fil-kanzunetti tfakkarna fl-imgħoddi tagħna u sservi wkoll bħala dokumentazzjoni ta' kif kienet is-soċjetà ta' żminijietu. *Down Memory Lane* huwa kunċert li permezz tiegħu l-udjenza matura se terġa' tiskopri l-memorji; huwa lejl ta' divertiment li se jeħodhom lura lejn tfulithom u għaż-żmien meta kienu adolexxenti, filwaqt li jiftaħ tieqa fuq is-soċjetà tas-seklu 20.



c. University of Malta

# VALLETTA 2018 SPACE

From August 2018
Valletta


c. University of Malta



Our European Capital of Culture year brings a versatile pod-shaped stage to Valletta. Conceived by students from the University of Malta's Department of Architecture and Urban Design within the Faculty for the Built Environment, this innovative space is designed with the needs of the urban community in mind. These pods offer an adaptable space that can be used for a multitude of purposes, such as for live performances, and also as a hangout area. The Valletta 2018 Space is a creative structure that's open to all community members, whether it involves hosting cultural events, engaging in community initiatives in the city, or simply enjoying a good book in a free space. For this reason, Valletta 2018 invites everyone to use and enjoy this space.

**Created and Organised by //** *Maħluq u Organizzat minn:* Valletta 2018
**In Collaboration with //** *Bil-Kollaborazzjoni ta':* Faculty for the Built Environment, University of Malta // *Fakultà tal-Ambjent Mibni, l-Università ta' Malta*

**SPAZJU VALLETTA 2018**
Minn Awwissu 2018
Il-Belt Valletta

Is-sena tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura tagħna ġġib magħha palk forma ta' miżwed lejn il-Belt Valletta. Imfassal mill-istudenti tad-Dipartiment tal-Arkitettura u d-Disinn Urban tal-Università ta' Malta fi ħdan il-Fakultà għall-Ambjent Mibni, dan l-ispazju innovattiv huwa ddisinjat bil-ħsieb tal-ħtiġijiet tal-komunità urbana. Dan il-miżwed joffri spazju addattabbli li jista' jintuża għal għadd ta' skopijiet, bħal prestazzjonijitet lajv, it-tgawdija ta' xenarji spettakolari, kif ukoll spazju fejn wieħed jista' jpoġġi. L-Ispazju Valletta 2018 huwa struttura kreattiva miftuħa għall-membri tal-komunità kollha, kemm jekk jinvolvi l-organizzazzjoni ta' attivitajiet kulturali, l-involviment f'inizjattivi komunitarji fil-belt, jew sempliċiment il-qari ta' ktieb fi spazju liberu. Għal din ir-raġuni, Valletta 2018 tistieden lil kulħadd biex juża u jgawdi minn dan l-ispazju.

# SERATA GĦANA U LEJLA RAP

17 August 2018 // Workshop: A Nostalgic Artistic Vision to Modern Art
18 August 2018 // Performance: Serata Għana u Lejla Rap
Ġnien San Girgor, Żejtun


c. Emma D'Anastasi

From medieval music to traditional Maltese *Għana* and contemporary rap, different artists come together in one night that showcases a diversity of styles that evolved from traditional music and singing. Locally known as *il-benniena tal-għannejja* (the cradle of the singers), the charming village of Żejtun makes for an intimate setting in which different communities meet to blend, compare and contrast rich performances, including: sets by the Medieval-inspired band *Bibita*, the hip hop duo *Marmalja* and electronic artist *Yews*; traditional *Għana* and *Makjetta* sessions; an open mic segment with the literary group *Spazjarti*; and a beat-box and *spirtu pront* session inspired by words from the audience. A collage and creative writing workshop will also be held in preparation for the main event.

**Created and Organised by //** *Maħluq u Organizzat minn:* Rachelle Deguara
**Supported by //** *Bl-Appoġġ ta':* Valletta 2018

**SERATA GĦANA U LEJLA RAP**

17 ta' Awwissu 2018 - *Workshop*: Minn Viżjoni Nostalġika Artistika għall-Arti Moderna

18 ta' Awwissu 2018 - Prestazzjoni: Serata Għana u Lejla *Rap*

Fi Ġnien San Girgor, iż-Żejtun

Minn mużika Medjevali għall-Għana tradizzjonali Malti u *rap* kontemporanju, artisti differenti se jingħaqdu flimkien f'lejla waħda biex juru d-diversità fl-istili li evolvew mill-mużika tradizzjonali u mill-kant. Ir-raħal sabiħ taż-Żejtun, magħruf lokalment bħala l-benniena tal-għannejja, joffri ambjent ideali fejn komunitajiet differenti jiltaqgħu biex iħalltu, iqabblu u joħolqu kuntrast permezz ta' rappreżentazzjonijiet mill-aktar rikki. Dan kollu jinkludi: sett mużikali Medjevali mill-banda *Bibita*, id-duo tal-mużika *hip hop Marmalja*, l-artista tal-mużika elettronika *Yews*, sessjonijiet tradizzjonali ta' Għana u Makjetta; wirja b'taħlita ta' mużika u letteratura mill-grupp Spazjarti; u sessjonijiet ta' ħsejjes vokali u spirtu pront ispirati minn fomm l-udjenza preżenti. Bi tħejjija għall-avveniment prinċipali, se jsir *workshop* dwar it-teknika fil-produzzjoni tal-arti viżiva u l-kitba kreattiva.

# CABINET OF FUTURES

24 August - 24 November 2018 // Exhibition
Venue TBC



c. Time's Up – Artist: Time's Up

The Austrian art and culture group Time's Up engages the public in playful experiences designed to explore alternative, preferable futures. Over the course of their stay on the Maltese Islands, this radical team have brought internationally renowned futurists, local experts and everyday citizens together through communal workshops; during these creative meetings, participants have shared imaginative scenarios, dreams and concerns that explore diverse visions of the local future. The year 2018 sees people's ideas come to life through the resulting site-specific exhibition, Cabinet of Futures. This immersive, walk-through exhibition creates a 'proto-scientific' laboratory atmosphere, inviting local individuals and communities to add their own touch to the scenario. With constant creative exchange from all walks of life, the hypothetical futures presented become sites that are continuously evolving into richer and ever-more tangible worlds.

**Created by //** *Maħluq minn:* Time's Up
**Organised by //** *Organizzat minn:* Time's Up, Valletta 2018

**CABINET OF FUTURES**
24 ta' Awwissu - 24 ta' Novembru 2018 - Esibizzjoni
Il-post jitħabbar aktar tard

Il-grupp Awstrijak tal-arti u tal-kultura Time's Up jinvolvi lill-pubbliku f'esperjenzi divertenti maħsuba biex jesploraw futuri alternattivi u preferibbli. Matul id-durata tagħhom fil-Gżejjer Maltin, dan it-tim radikali għaqqad flimkien futuristi magħrufa internazzjonalment, esperti lokali u ċittadini ordinarji permezz ta' *workshops* komuni; matul dawn il-laqgħat kreattivi l-parteċipanti qasmu flimkien xenarji, ħolm u tħassib li jesploraw viżjonijiet diversi tal-futur lokali. Is-sena 2018 tara l-ideat tan-nies jieħdu l-ħajja permezz tal-esibizzjoni speċifika tas-sit *Cabinet of Futures*. Din l-esibizzjoni immersiva toħloq atmosfera 'protoxjentifika' tal-laboratorju, u tistieden lill-individwi lokali u lill-komunitajiet biex iżidu x-xeħta personali tagħhom. Bi skambju kreattiv kostanti minn kull aspett tal-ħajja, il-futuri ipotetiċi ppreżentati jsiru siti li jevolvu kontinwament f'dinjiet aktar rikki u aktar tanġibbli.

# ĠEWWA BARRA

26 August 2018 // Performance: *Ħasla Barokka*
Valletta, Venue TBC





c. Maria Mizzi

*Ġewwa Barra* is a community arts project that encourages Valletta residents to engage with the ever-changing landscape of the city in creative and empowering ways. Informal encounters and workshops with diverse creative professionals invite residents to channel their knowledge into visions for the future of their neighbourhoods. Over 2017, multiple communities in Valletta will devise a performance based on their experiences of life in the city, with all pieces converging into *Ħasla Barokka* – a city-wide performing arts event set for 2018.

**Created by //** *Maħluq minn:* Victor Jacono
**Organised by //** *Organizzat minn:* Valletta 2018, Victor Jacono
**In Collaboration with //** *Bil-Kollaborazzjoni tal-:* the Valletta Local Council, Valletta Servicing Directorate // *Kunsill Lokali tal-Belt Valletta, id-Direttorat għas-Servizzi tal-Belt Valletta*

**ĠEWWA BARRA**
26 ta' Awwissu 2018
Prestazzjoni: Ħasla Barokka
Il-Belt Valletta, il-post jitħabbar aktar tard

*Ġewwa Barra* huwa proġett tal-arti komunitarja li jinkoraġġixxi lir-residenti tal-Belt Valletta biex jinvolvu ruħhom mal-pajsaġġ dejjem jinbidel tal-belt b'modi kreattivi u li jagħtu s-setgħa. Inkontri u *workshops* informali ma' professjonisti kreattivi diversi jistiednu lir-residenti jikkontribwixxu l-għarfien tagħhom f'viżjonijiet għall-futur tal-viċinati tagħhom. Matul l-2017, bosta komunitajiet fil-Belt Valletta ħolqu prestazzjoni bbażata fuq l-esperjenzi tagħhom tal-ħajja fil-belt, bil-partijiet kollha jingħaqdu f'*Ħasla Barokka* – attività tal-arti performattiva madwar il-belt maħsuba għall-2018.

# RIMA

**5 - 28 October 2018 // Final Exhibition**
**St James Cavalier, Valletta**


c. Virginia Monteforte

'Rima' is a Maltese word used to describe the ripple that a boat leaves behind as it moves across the water; it also means 'rhyme'. Together, these connotations reflect the themes of departure, exile, detachment, trace and desire that RIMA explores through a series of creative collaborations produced by artists, scholars and migrants. Since its inception in 2014, the project has published a collection of migrant narratives and images in the book, Undertow: Poetics of Displacement, published with EDEBooks (Malta), produced diverse workshops and public events, launched a sold-out theatrical performance and produced a successful migrant film festival with *Archivio delle Memorie Migranti* (Rome). The year 2018 sees more workshops taking place, the production of a short movie, a film festival and a final exhibition that showcases work produced.

**Created by //** *Maħluq minn:* Elise Billiard, Virginia Monteforte Reljić
**Organised by //** *Organizzat minn:* Virginia Monteforte Reljić, Sarah Mallia, Valletta 2018
**In Collaboration with //** *Bil-Kollaborazzjoni ta':* Spazju Kreattiv
**With the Participation of //** *Bil-Parteċipazzjoni ta':* Kenneth Scicluna, Dagmwai Yimer, Francesca Vitalini, Mohammed Keita, Mario Badagliacca, Antonella Sgobbo, Malcolm Galea, Alexandra Galitzine-Loumpet, Aurélie Percevault

**RIMA**
Mill-5 sat-28 ta' Ottubru 2018 - Esibizzjoni Finali
F'Il-Kavallier ta' San Ġakbu, Il-Belt Valletta

'Rima' hija l-kelma Maltija li tiddeskrivi l-mewġ li tħalli warajha dgħajsa hi u miexja fl-ilma; tfisser ukoll rima fis-sens ta' versi mqabbla. Flimkien, dawn il-konnotazzjonijiet jirriflettu t-temi tat-tluq, l-eżilju, id-distakkament, it-traċċa u x-xewqa li RIMA jesploraw permezz ta' serje ta' kollaborazzjonijiet magħmula minn artisti, studjużi u migranti. Sa mill-bidu tiegħu fl-2014, il-proġett ippubblika ġabra ta' narrattivi u ritratti fil-ktieb, *Undertow: Poetics of Displacement*, ippubblikat ma' EDEBooks (Malta), ipproduċa bosta *workshops* u attivitajiet pubbliċi, nieda prestazzjoni teatrali li għaliha nbiegħu l-biljetti kollha, u pproduċew festival tal-films tal-migranti li kien ta' suċċess, flimkien ma' *Archivio delle Memorie Migranti* (Ruma). Is-sena 2018 se ġġib magħha aktar *workshops*, il-produzzjoni ta' film qasir, film festival u esibizzjoni finali li se tkun vetrina għax-xogħol prodott.

# EQUALITY IN MUSIC

27 October 2018

Venue TBC



The Radio Valo Malta Team within the Down Syndrome Association has teamed up with the Special Music Centre Resonaari in Finland to make music education accessible to resident youths with intellectual disability. During 2017, funds from 'The President Award for Creativity' have enabled these young people to experience music learning through the Figurenotes notation system – an Easy-To-Read format that Director of the Resonaari Centre, Mr Markku Kaikkonen, has developed together with his colleague, Mr Kaarlo Uusikylä. Equality in Music builds on the project's achievements and seeks to expand its benefits to more young music lovers whose needs are seldom catered for by local music classes. These lessons also offer opportunities to develop teamwork skills in preparation for a final group performance in 2018.

**Created and Organised by //** *Maħluq u Organizzat mill-:* the Down Syndrome Association // *Assoċazzjoni tad-Down Syndrome*

**Supported by //** *Bl-Appoġġ ta':* Valletta 2018

**EQUALITY IN MUSIC**

27 ta' Ottubru 2018

Il-post jitħabbar aktar tard

It-Tim Radio Valo Malta u l-Assoċjazzjoni tad-Down Syndrome ingħaqdu ma' *Special Music Centre Resonaari* fil-Finlandja biex jagħmlu l-edukazzjoni tal-mużika aċċessibbli għaż-żgħażagħ residenti b'diżabilità intellettwali. Matul l-2017, fondi mill-'Premju tal-President għall-Kreattività' taw l-opportunità lil dawn iż-żgħażagħ biex jesperjenzaw it-tagħlim tal-mużika permezz tas-sistema tan-notazzjoni *Figurenotes* – format faċli biex jinqara li d-Direttur taċ-Ċentru Resonaari, is-Sur Markku Kaikkonen, żviluppa flimkien mal-kollega tiegħu, is-Sur Kaarlo Uusikylä. *Equality in Music* jibni fuq il-kisbiet tal-proġett u jfittex li jespandi l-benefiċċji tiegħu għal aktar żgħażagħ li jħobbu l-mużika li l-bżonnijiet tagħhom rarament jiġu moqdija fi klassijiet tal-mużika lokali. Dawn il-lezzjonijiet joffru wkoll opportunitajiet biex jiġu żviluppati ħiliet tal-ħidma f'tim bi preparazzjoni għal prestazzjoni finali tal-grupp fl-2018.

# NAQSAM IL-MUŻA

**Ongoing**
**Various Sites Across Malta & Gozo**


c. Jonathan Borg

*Naqsam il-MUŻA* is an innovative exercise in community curation that brings art and resident communities together. *Naqsam il-MUŻA* fosters a spirit of interaction through culture, where individuals select pieces of art from the national collection that will soon be housed in MUŻA – Malta's new national art museum – and share their thoughts with the rest of their community. Since its launch in 2016, this project has engaged several communities in Malta with the national collection; through interactions with paintings and other artefacts, diverse groups and individuals have responded to the environment and realities of our Islands in a social setting that allows communities to exchange ideas and experiences. The resulting insights and debates range from the personal to the political and are often unexpected and surprising reactions to established and canonical cultural material.

**Created by //** *Maħluq minn:* MUŻA
**Organised by //** *Organizzat minn:* Valletta 2018, Heritage Malta

**NAQSAM IL-MUŻA**
Kontinwu
F'Bosta Siti Madwar Malta u Għawdex

Naqsam il-MUŻA huwa eżerċizzju innovattiv fil-kuratura komunitarja li jgħaqqad l-arti u l-komunitajiet tar-residenti flimkien. Naqsam il-MUŻA jrawwem spirtu ta' interazzjoni permezz tal-kultura, fejn membri ta' komunità jagħżlu u jippreżentaw biċċiet tal-arti mill-kollezzjoni nazzjonali li dalwaqt se tkun tinsab f'MUŻA – il-mużew tal-arti komunitarja nazzjonali ġdid ta' Malta. Mit-tnedija tiegħu fl-2016, il-proġett involva diversi komunitajiet f'Malta mal-kollezzjoni nazzjonali; permezz ta' interazzjonijiet ma' pitturi u artifatti oħra, diversi gruppi u individwi rreaġixxew għall-ambjent u r-realtajiet tal-Gżejjer tagħna f'ambjent soċjali li jippermetti lill-komunitajiet li jiskambjaw l-ideat u l-esperjenzi. L-ideat u d-dibattiti li rriżultaw ivarjaw mill-personali għall-politiku u huma ta' spiss reazzjonijiet mhux mistennija u sorprendenti għall-materjal kulturali kanoniku.

# SHAKE IT!

Ongoing

Various Pop-up Activities Across Malta & Gozo



c. Ian Attard



Playfulness and community empowerment are the central ingredients of this fun-packed series that brings popular street games to different communities. Developed in response to a need for a new culture of movement, this project puts a fresh spin on traditional games; it brings communities together and gives a new lease of life to community venues as people move, dance, play and shake it up all over Malta and Gozo.

**Created //** *Maħluq minn:* MOVE

**Organised by //** *Organizzat minn:* MOVE, Valletta 2018

**In Collaboration with //** *Bil-Kollaborazzjoni ta':* Street Games UK, GAME Denmark, the Malta College for Science, Arts and Technology (MCAST), The Malta Council for the Voluntary Sector (MCVS) // *Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija (MCAST), Il-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat (MCVS)*

**With the Participation of //** *Bil-Parteċipazzjoni ta':* Various Local Councils and Organisations in Malta and Gozo // *Bosta Kunsilli Lokali u Organizzazzjonijiet f'Malta u Għawdex*

**SHAKE IT!**

Kontinwu

Attivitajiet *Pop-Up* Varji Madwar Malta u Għawdex

Il-logħob u t-tisħiħ tal-komunità huma l-ingredjenti ċentrali ta' din is-sensiela divertenti li twassal logħob tat-triq popolari lil żgħażagħ, bniet, nisa u l-komunità in ġenerali. Żviluppat bħala tweġiba għal moviment tal-kultura ġdid, dan il-proġett jagħti nifs ġdid lil-logħob tradizzjonali; iġib il-komunitajiet flimkien u ħajja ġdida lill-postijiet komunitarji hekk kif in-nies jiċċaqilqu, jiżfnu u jilgħabu madwar Malta u Għawdex kollha.



c. Ian Attard

# DARBA WAĦDA...

Ongoing

Various Sites Across Malta & Gozo



c. Carl Farrugia

*Darba Waħda*... brings the young and the young at heart together through fun activities that bridge the generational gap. It invites participants to exchange stories and pass on knowledge, hopes and dreams at a series of warm community gatherings led by Anna Formosa. Through various forms of creative play, such as drama and storytelling, games, music, arts and crafts exercises and other enchanting activities, participants get to know each other and share experiences whilst learning new skills. This project takes place in many locations to reach out to communities all over Malta and Gozo.

**Created by //** *Maħluq minn:* Anna Formosa

**Organised by //** *Organizzat minn:* Anna Formosa, Valletta 2018

**With the Participation of //** *Bil-Parteċipazzjoni ta':* Various Local Councils and Local Cultural Associations in Malta and Gozo // *Bosta Kunsilli Lokali u Assoċjazzjonijiet Varji f'Malta u Għawdex*

**DARBA WAĦDA...**

Kontinwu

F'Bosta Siti Madwar Malta u Għawdex

Darba Waħda... jgħaqqad flimkien żgħażagħ u żgħażagħ fil-qalb permezz ta' attivitajiet divertenti li jnaqqsu d-differenza bejn il-ġenerazzjonijiet. Jistieden lill-parteċipanti biex jiskambjaw stejjer u jgħaddu għarfien, tamiet u ħolm f'serje ta' laqgħat komunitarji mmexxija minn Anna Formosa. Permezz ta' bosta forom ta' logħob kreattiv, bħad-drama u r-rakkonti tal-istejjer, logħob, mużika, eżerċizzji tal-arti u s-snajja' u attivitajiet affaxxinanti oħra, il-parteċipanti jsiru jafu lil xulxin u jaqsmu l-esperjenzi filwaqt li jitgħallmu ħiliet ġodda. Bil-qofol tiegħu li se jkun festival fl-2018, dan il-proġett iseħħ f'diversi postijiet biex jilħaq il-komunitajiet madwar Malta u Għawdex.

# MAGNA ŻMIEN - THE MAGNIFICENT MEMORIES MACHINE

Ongoing

Various Localities in Malta & Gozo




c. Andrew Alamango

*Magna Żmien* is a time travelling memory machine, for the regional collection of sound and vision memory artefacts, which may exist in personal and family collections in Malta and Gozo. The project presents a unique opportunity to collect, digitise and preserve local memories and oral histories that may have been documented in recent decades on records, audio tape, cassette and film and that would otherwise be lost, due to their obsolete formats and rapid disintegration. The digitised material on these analogue artefacts contributes to the development of a popular narrative, providing content for research purposes and artistic intervention to feed a parallel calendar of events throughout our European Capital of Culture year. *Magna Żmien* proposes a model for access to archival content while evoking thought on collective memory and the use and relevance of archival content.

**Created by //** *Maħluq minn:* Andrew Alamango

**Organised by //** *Organizzat minn:* Andrew Alamango, Nicole Blackman, Sarah Mallia, Valletta 2018

**MAGNA ŻMIEN - THE MAGNIFICENT MEMORIES MACHINE**

Kontinwu

F'Bosta Siti Madwar Malta u Għawdex

Il-proġett Magna Żmien huwa magna tal-ħin li timraħ fil-memorji biex tiġbor artefatti tal-memorja ta' ħsejjes u ta' viżjonijiet mir-reġjuni, li jistgħu jeżistu f'ġabriet personali u familjali f'Malta u f'Għawdex. Magna Żmien jippreżenta opportunità unika biex jiġu miġbura, iddiġitizzati u ppreżervati memorji lokali u stejjer mitkellma li f'dawn l-aħħar deċennji setgħu ġew iddokumentati f'rekords, tejps awdjo, kasetts u filmati u li nkella jaf jispiċċaw jintilfu, minħabba l-formati antikissmi u r-ritmu mgħaġġel tat-tħassir tal-kontenut. Il-materjal iddiġitizzat fuq dawn l-artefatti analoġiki jagħti kontribut fl-iżvilupp ta' narrattiva popolari, li tipprovdi kontenut għal finijiet ta' riċerka u ta' interventi artistiċi, sabiex b'hekk jinħoloq kalendarju parallel ta' avvenimenti tul is-sena tagħna tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura. Magna Żmien jipproponi mudell ta' aċċess għall-kontenut arkivjali filwaqt li jqanqal il-ħsieb dwar il-memorja kollettiva u dwar l-użu u r-rilevanza tal-kontenut arkivjali.

# DISCOVER VALLETTA

Ongoing

Valletta



c. Chris Mangion

Discover Valletta is a great learning tool that inspires students to discover and learn more about Malta's rich cultural heritage. This immersive experience allows students and their families to follow a series of brief narratives packed with historical facts about twenty-four locations within our capital city; the pack also includes a series of short introductions to the people who have shaped the city as we know it today. Each pack consists of an mp3 player complete with twenty-four bilingual audio recordings, interactive flash cards and a map of Valletta correlating to the audio narrations. This bundle is being distributed to Form 1 students in all schools, to be enjoyed with their classmates or independently with their families during their next visit to the capital.

**A Collaborative Project by //** *Proġett Kollaborattiv bejn:* Valletta 2018, BOV, MEDE

**With the Participation of//** *Bil-Parteċipazzjoni ta':* Student Services Department within the Ministry of Education and Employment // *id-Dipartiment tas-Servizzi tal-Istudenti fil-Ministeru għall-Edukazzjoni u Xogħol*

**DISCOVER VALLETTA**

Kontinwu

Fil-Belt Valletta

*Discover Valletta* hija għodda ta' tagħlim li tispira l-istudenti biex jiskopru u jitgħallmu aktar dwar il-wirt kulturali rikk ta' Malta. Din l-esperjenza immersiva tippermetti lill-istudenti u lill-familji tagħhom biex isegwu serje ta' narrattivi qosra mimlija fatti storiċi dwar erbgħa u għoxrin post fil-belt kapitali tagħna; il-pakkett jinkludi wkoll serje ta' introduzzjonijiet qosra dwar il-persuni li għamlu l-belt dik li nafuha llum.

Kull pakkett jikkonsisti minn *mp3 player* li fih erbgħa u għoxrin reġistrazzjonijiet tal-awdjo bilingwi, leħħiet interattivi u mappa tal-Belt Valletta li tikkorrelata man-narrazzjonijiet tal-awdjo. Dan il-pakkett qed jitqassam lill-istudenti tal-Form 1 fl-iskejjel kollha, biex jitgawda mal-ħbieb tal-klassi jew b'mod indipendenti mal-familji tagħhom matul iż-żjara li jmiss tagħhom lejn il-belt kapitali.

# POETRY IN POTATO BAGS

**Ongoing**


c. Francesca Mercieca

Since the 1850s, Leeuwarden and Malta have shared agricultural ties, exchanging potato crops and seeds twice yearly. Once the seed potatoes come from Leeuwarden, Maltese farmers plant them and grow potatoes, which are then shipped back to Leeuwarden. The Poetry in Potato Bags project makes use of this cycle to exchange poetry in Maltese, Frisian and English along with the agricultural produce, while celebrating the shared European Capital of Culture title in 2018. Through this project, we have created a chain in which potatoes nourish poetry and in turn, poetry nourishes the brain, acting as food for thought. The project seeks to foster a higher awareness of cultural diversity and to increase appreciation of and exposure to literature and modes of translation.

**Created by //** *Maħluq minn:* Potatoes Go Wild! (Potatoweeks 2018), Inizjamed
**Organised by //** *Organizzat minn:* Inizjamed, Valletta 2018
**In Collaboration with //** *Bil-Kollaborazzjoni ta':* Leeuwarden-Fryslân 2018

**POETRY IN POTATO BAGS**
Kontinwu

Sa mill-1850, Leeuwarden u Malta kellhom rabtiet agrikoli komuni, billi jpartu prodotti tar-raba' u żerriegħa tal-patata darbtejn fis-sena. Malli ż-żerriegħa tal-patata tasal minn Leeuwarden, il-bdiewa Maltin jiżirgħuha u jkabbru l-patata, li mbagħad jibagħtuha lura Leeuwarden. Il-proġett Poetry in Potato Bags juża dan iċ-ċiklu biex jiskambja l-poeżija bil-Malti, bil-Friżjan u bl-Ingliż flimkien mal-prodotti agrikoli, filwaqt li jiċċelebra t-titlu kondiviż tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura fl-2018. Permezz ta' dan il-proġett, ħloqna katina li fiha l-patata ttuq lill-poeżija biex imbagħad, min-naħa l-oħra, il-poeżija ttuq lill-moħħ billi tipprovdi l-materja prima għall-ħsieb. Il-proġett jipprova jrawwem kuxjenza ogħla dwar id-diversità kulturali u jkattar l-apprezzament u l-esponiment għal-letteratura u għall-modi tat-traduzzjoni.



c. Tumer Gencturk



# VISUAL ARTS

## OUR VISUAL ARTS PROJECTS CAST THE NET WIDE, INVESTIGATING VISIBLE AND INVISIBLE SPACES, COMMUNITIES AND CREATIVE PRACTICES. THROUGH PROVOCATIVE ART AND DEBATE PLATFORMS, IT ESTABLISHES STRONG INTERNATIONAL NETWORKS WITH HIGH PROFILE ARTISTS TO PRODUCE QUALITY PRODUCTIONS THAT PLACE MALTESE ARTISTS ON THE WORLD STAGE.

**ARTI VIŻIVA**

PERMEZZ TAL-PROĠETTI TAL-ARTI VIŻIVA, KALAJNA XIBKA KBIRA SABIEX NINVESTIGAW L-ISPAZJI VIŻIBBLI U INVIŻIBBLI, IL-KOMUNITAJIET U L-PRATTIKI KREATTIVI. PERMEZZ TAL-ARTI PROVOKATTIVA U TAL-PJATTAFORMI GĦAD-DIBATTITI, ĦLOQNA NETWERKS INTERNAZZJONALI B'SAĦĦITHOM M'ARTISTI TA' PROFIL GĦOLI SABIEX JOĦOLQU PRODUZZJONIJIET TA' KWALITÀ LI JESPONU INTERNAZZJONALMENT LILL-ARTISTI MALTIN.

**Created by //** *Maħluq minn:* Blitz

**Organised by //** *Organizzat mill-:* Arts Council Malta, University of the Arts London, Central Saint Martins, UK, Le 18 (MA), *L'Atelier de l'Observatoire* (MA), *Maison de l'Image* (TN), *CeRCCa* (ESP), *Arcadia Missa* (UK) // *Kunsill Malti għall-Arti, l-Università ta' l-Arti ta' Londra, Central Saint Martins, UK, Le 18 (MA), L'Atelier de l'Observatoire (MA), Maison de l'Image (TN), CeRCCa (ESP), Arcadia Missa (Renju Unit)*

**Supported by //** *Bl-Appoġġ ta':* Arts Council Malta and Valletta 2018 - Malta Arts Fund Multi-Annual Support Grant. Blitz is supported by Arts Council Malta - Cultural Partnership Agreement // *il-Kunsill għall-Arti ta' Malta u Valletta 2018 – Malta Arts Fund Multi-Annual Support Grant. Blitz huwa appoġġjat mill-Kunsill Malti għall-Arti ta' Malta – Ftehim ta' Sħubija Kulturali.*

# TRANSFORMER: INTERNATIONAL CREATIVE SPACES & CULTURAL MOBILITY

8 January - 4 February 2018 // Artist Residencies
1 September - 14 October 2018 // Multi-site Exhibition

Sites TBC

Blitz is presenting a two-year project in collaboration with the University of the Arts, London, that culminates in a final multi-site exhibition in 2018. Funded through the Multi-Annual Fund, the project sees Arts Council Malta and Valletta 2018 teaming up to build meaningful creative relationships and professional connections between Malta's contemporary art scene and an international curatorial network. Transformer is bringing diverse creative practitioners together through curatorial research visits, residencies, public talks, workshops and a series of site specific exhibitions in spaces across Malta. These initiatives stem from various collaborations between project partners based in Malta, Spain, Morocco and Greece, with the aim of building a network to support Artist Run Organisations (AROs) and the contemporary art circuit in Malta.

## TRANSFORMER: SPAZJI KREATTIVI INTERNAZZJONALI U MOBILTÀ KULTURALI

Mit-8 ta' Jannar sal-4 ta' Frar 2018 // Residenzi Artistiċi ta' Transformer

Mill-1 ta' Settembru sal-14 ta' Ottubru 2018 // Esibizzjoni f'Bosta Siti

Il-postijiet jitħabbru aktar tard

Blitz qed jippreżenta proġett mifrux fuq sentejn b'kollaborazzjoni mal-Università tal-Arti, f'Londra, li jilħaq il-qofol tiegħu b'esibizzjoni multipla fl-2018. Fil-proġett li huwa ffinanzjat mill-Fond Pluriennali, il-Kunsill Malti għall-Arti u l-Fondazzjoni Valletta 2018 se jingħaqdu flimkien biex jibnu relazzjonijiet kreattivi sinifikanti u rabtiet professjonali bejn ix-xena tal-arti kontemporanja Maltija u netwerk ta' kuraturi internazzjonali. *Transformer* se ġġib flimkien diversi artisti kreattivi permezz ta' żjarat ta' riċerka kuratorjali, programmi ta' residenzi, taħditiet pubbliċi, *workshops* u sensiela ta' esibizzjonijiet speċifiċi fi spazji madwar Malta. Dawn l-inizjattivi jafu l-bidu tagħhom minn diversi kollaborazzjonijiet bejn imsieħba fi proġetti bbażati f'Malta, fi Spanja, fil-Marokk u fil-Greċja. Dan bl-iskop li jinbena netwerk biex jappoġġja Organizzazzjonijiet Immexxija minn Artisti (AROs) u ċrieki tal-arti kontemporanja f'Malta.



c. Alexandra Pace

**Curated by //** *Ikkurat minn:* Maren Richter

**Organised by //** *Organizzat minn:* Valletta 2018

**With the Participation of //** *Bil-Parteċipazzjoni ta':* Several local and international creative practitioners// *Bosta prattikanti kreattivi lokali u internazzjonali*



c. Ali Tollervey



# DAL-BAĦAR MADWARHA

**10 March – 1 July 2018**

**Valletta: Old Examination Centre, *Il-Pixkerija*, Valletta Underground**

Between spring and summer 2018, curator Maren Richter brings Valletta 2018's major visual arts exhibition to our European Capital of Culture, with large installations, performances and public interventions taking place in both traditional and unexpected locales across the country. Among the exhibition's star sites is the *Pixkerija* at *Barriera Wharf*, a Grade 2 scheduled building that was built in the 1930's.

Richter is working with more than twenty-five established and emerging artists from fifteen countries –including Malta, France, Austria, Egypt, Germany, Syria, the United Kingdom, Sweden, Ghana, Spain, and Palestine – who are collaborating with local partners around the Islands.

The title *Dal-Baħar Madwarha* is inspired by a quote from the work of philosopher Gilles Deleuze, 'The island is what the sea surrounds'. This sets the tone for newly commissioned and existing pieces that explore the idea of "islandness" in playful and critical ways. It's an artistic journey through the contemporary realities of the Maltese Islands, placing at their helm the Islands' relationship with their closest neighbour – the Mediterranean Sea.

**DAL-BAĦAR MADWARHA**

Mill-10 ta' Marzu sal–1 ta' Lulju 2018

Il-Belt Valletta: Iċ-Ċentru l-Antik għall-Eżamijiet, Il-Pixkerija, Il-Belt taħt l-Art (*Valletta Underground*)

Fis-sena ddedikata għall-Belt Kapitali Ewropea tal-Kultura, bejn ir-rebbiegħa u s-sajf 2018, il-kuratriċi Maren Richter se ġġib l-esibizzjoni ewlenija tal-arti viżiva għal Valletta 2018 b'installazzjonijiet kbar, rappreżentazzjonijiet u interventi mill-pubbliku li jsiru kemm f'postijiet tradizzjonali kif ukoll f'lokalitajiet oħra mhux wisq magħrufa madwar il-pajjiż. Fost is-siti ewlenin għall-esibizzjoni, hemm il-Pixkerija, binja skedata tat-tieni Grad mibnija kmieni fis-snin 30 tas-seklu li għadda, f'Xatt il-Barriera.

Richter qed taħdem flimkien ma' aktar minn 25 artist stabbilit u oħrajn li qed jevolvu minn 15-il pajjiż – li jinkludu lil Malta, Franza, l-Awstrija, l-Eġittu, il-Ġermanja, is-Sirja, ir-Renju Unit, l-Iżvezja, il-Ghana, Spanja u l-Palestina – li qed jikkollaboraw ma' msieħba lokali madwar il-gżejjer. It-titlu *Dal-Baħar Madwarha* huwa ispirat minn kwotazzjoni mix-xogħol tal-filosfu Gilles Deleuze,



c. Ali Tollervey



c. Maren Richter

The exhibition re-traces borders, imagining new geographies that view the sea as fluid and transformable rather than another physical barrier between people, places and culture.

*In Richter's words:*

***The multi-site programme invites international and Maltese artists to recast and respond to current and past urgencies and challenges, in which the Mediterranean Sea plays a significant role […] The island is a mode of pausing, familiarised by a certain romanticism. Whereas the sea looms large in the language of our imaginations; it is a site of reflection, voyage, and volatile freedom.***

In the light of such thought-provoking inquiries, the exhibition explores the identity of our Islands within a wider global context, bringing creative, social and political visions of the Mediterranean to light through the region's most iconic and enduring image: the deep blue sea.

"*The island is what the sea surrounds*" - "Il-gżira hija dik imdawra mill-baħar". Dan ifassal il-mod ta' tmexxija ta' siltiet li jkunu għadhom kemm ġew ikkummissjonati u oħrajn eżistenti li jesploraw il-ħsieb ta' stat ta' gżira b'modi divertenti u kritiċi. Huwa vjaġġ artistiku mnebbaħ mir-realtajiet tal-Gżejjer Maltin, fejn fuq quddiem hemm ir-relazzjoni tal-gżira mal-eqreb ġar – il-Baħar Mediterran. L-esibizzjoni tfassal mill-ġdid fruntieri, timmaġina ġeografiji ġodda fejn il-baħar jidher fluwidu u mibdul aktar milli ostaklu fiżiku ieħor bejn in-nies, il-postijiet u l-kultura.

*Fi kliem Richter:*

***Il-programm mifrux madwar postijiet differenti jistieden artisti internazzjonali u Maltin biex ifasslu u jwieġbu għall-urġenzi u l-isfidi attwali u tal-imgħoddi, fejn ir-rwol tal-Baħar Mediterran huwa sinifikanti […] Il-gżira hija mezz ta' waqfien, familjarizzata b'ċertu romantiċiżmu. Filwaqt li l-baħar huwa simbolu fil-lingwa tal-immaġinazzjoni tagħna; huwa post ta' riflessjoni, vjaġġ u ħelsien volatili.***

Fl-isfond ta' ħsibijiet li joħolqu riflessjonijiet provokanti bħal dawn, l-esibizzjoni tesplora l-identità tal-Gżejjer tagħna f'kuntest globali usa', billi titfa' dawl fuq viżjonijiet kreattivi, soċjali u politiċi tal-Mediterran permezz tal-aktar dehra ikonika u dejjiema: il-baħar fond kaħlani.





c. David Pisani



# A TALE OF TWO CITIES: FIRST EXHIBITION // BROKEN DREAMS

20 April - 13 May 2018 // *BROKEN DREAMS - The Architecture of War* - 2009 – 2012

Malta Postal Museum and Arts Hub, Valletta

Documented between 2009 and 2012, Broken Dreams is a haunting photographic essay on the city of Nicosia and conflict areas in the north of Cyprus that was exhibited during Pafos 2017. The exhibition is part of A Tale of Two Cities – a cross-cultural photography exhibition by artist and photographer David Pisani, whose work explores architectural poetry as a metaphor for the human condition. Pisani's work has been exhibited at the prestigious *Biennale of Photography* in Paris in 1996 and was entered in the Permanent collections of the *Bibliothèque Nationale de France* in June 2000.

**Created by //** *Maħluq minn:* David Pisani

**In Collaboration with //** *Bil-Kollaborazzjoni ta':* Valletta 2018, Pafos 2017

**Sponsored by //** *Sponsorjat minn:* MaltaPost P.L.C., the Malta Postal Museum & Arts Hub // *MaltaPost P.L.C., il-Mużew Postali ta' Malta u Arts Hub*

**Supported by //** *Bl-Appoġġ ta':* Emirates Airlines, SO Galerie

**A TALE OF TWO CITIES: L-EWWEL ESIBIZZJONI // BROKEN DREAMS**

Mill-20 ta' April sat-13 ta' Mejju 2018 // *BROKEN DREAMS* - The Architecture of War - 2009 – 2012

Fil-Mużew Postali ta' Malta u ċ-Ċentru Ewlieni tal-Arti, il-Belt Valletta

Dokumentat bejn l-2009 u l-2012, *'Broken Dreams'* huwa komponiment fotografiku tal-biża' li jnissel tifkiriet dwar il-belt ta' Nikosija u ż-żoni ta' kunflitt fit-Tramuntana ta' Ċipru li kien għall-wiri matul Pafos 2017. L-esibizzjoni tagħmel parti minn *A Tale of Two Cities* – esibizzjoni fotografika transkulturali tal-artist u fotografu David Pisani, li x-xogħol tiegħu jesplora l-poeżija arkitettonika bħala metafora għall-kundizzjonijiet umani. Ix-xogħol ta' Pisani kien għall-wiri fil-*Biennale of Photography* f'Pariġi fl-1996 u saret parti minn Kollezzjonijiet Permanenti tal-Biblijoteka Nazzjonali ta' Franza f'Ġunju tal-2000.

# UTOPIAN NIGHTS

**May 2018 // July & August 2018 // December 2018**
**Public Spaces in Valletta**


c. Jacob Sammut

Utopian Nights aims to bring together artists, thinkers and the public to discuss important social issues related to four themes: displacement, borders, encampment and the rise of global commons. It's a series of four evenings that allows for dissensus, where 'Utopia' is a democratic space. It creates a platform for discussion where the starting point is the work of art. The idea is that Utopia is not for dreamers, the lazy escapist or for people who like heroic fantasies – it's a participatory project that searches for alternatives, inside which everyone may debate, challenge and be challenged. Each Night will culminate with a joyful social gathering, providing the participants with opportunity to get together.

**Created by //** *Maħluq minn:* Elise Billiard
**Organised by //** *Organizzat minn:* Elise Billiard, Sarah Mallia, Valletta 2018
**With the Participation of //** *Bil-Parteċipazzjoni ta':* Jelili Atiku, Emeka Ogboh, Checkmate Mido , Alberto Favaro

**UTOPIAN NIGHTS**
F'Mejju, Lulju, Awwissu u Diċembru 2018
Fi Spazji Pubbliċi fil-Belt Valletta

*Utopian Nights* huwa maħsub biex ilaqqa' flimkien artisti, ħassieba u l-pubbliku biex jiddiskutu kwistjonijiet soċjali importanti marbuta ma' erba' temi: l-ispostament, il-fruntieri, l-akkomodazzjoni temporanja u ż-żieda tar-riżorsi komuni globali. '*Utopia*' huwa spazju demokratiku li jippermetti d-differenzi fl-opinjonijiet, mifrux fuq erba' filgħaxijiet. Dan joħloq pjattaforma għad-diskjussjoni fejn il-punt tat-tluq huwa x-xogħol tal-arti. L-idea hi li '*Utopia*' ma tgħoddx għal min joħlom, inkella għall-*escapist* għażżien jew dawk in-nies li jħobbu l-fantasiji erojċi – huwa proġett parteċipattiv li jfittex alternattivi, fejn kulħadd jista' jiddibatti, jisfida u jiġi sfidat. Kull lejl jintemm b'attività soċjali divertenti, fejn il-parteċipanti jkollhom l-opportunità li jiltaqgħu flimkien.

# SQUARE

June – July 2018
Various Sites in Malta & Gozo



c. Lisa Rastl

This project encourages viewers to interpret contemporary social realities through architecture and the concept of overcrowding, in relation to the buildings, areas and territories available. Square is the brainchild of artists Willie Dorner and Lisa Rastl, whose work often incorporates architectural motifs and societal issues. The artists were immediately struck by Malta's high population density, which serves as the starting point for Square. Thirty-six members of the public form six lines and six rows across various locations in Malta and Gozo. This diverse group will be dressed in simple black and white, their bodies representing a basic unit of measure as they interact with their surroundings. Valletta 2018's programme is hosting images of these creations, which are designed to elicit thoughts about the future of our fast-growing urban population.

**Created by //** *Maħluq minn:* Willi Dorner, Lisa Rastl
**Organised by //** *Organizzat minn:* Valletta 2018

**SQUARE**
Minn Ġunju sa Lulju 2018
F'Bosta Siti Madwar Malta u Għawdex

Dan il-proġett jinkoraġġixxi lis-segwaċi biex jinterpretaw ir-realtajiet soċjali kontemporanji permezz tal-arkitettura u l-kunċett tal-iffullar, f'relazzjoni mal-bini, iz-zoni u t-territorji li jkunu disponibbli. Square huwa l-ħolma tal-artisti Willie Dorner u Lisa Rastl, li x-xogħol tagħhom ta' spiss jinkludi motivi arkitetettoniċi u kwistjonijiet marbutin mas-soċjeta`. L-artisti ntlaqtu minnufih mid-densità għolja tal-popolazzjoni Maltija, u għaldaqstant din isservi bħala punt ta' tluq għal Square. Sitta u tlettin membru tal-pubbliku jiffurmaw sitt linji u sitt ringieli f'postijiet differenti f'Malta u Għawdex. Dan il-grupp varjat se jkun imlibbes ilbies iswed u abjad, b'kull ġisem jirrappreżenta kejl bażiku hekk kif jiġi f'kuntatt mal-ambjent ta' madwaru. Il-programm ta' Valletta 2018 qed jilqa' immaġini ta' dawn il-kreazzjonijiet, li huma mfassla biex jisiltu ħsibijiet dwar il-ġejjieni tal-popolazzjoni urbana tagħna li qed tikber b'rata mgħaġġla.

# SUBTERRANEAN MATTER

**August-September 2018**
**St James Cavalier, Valletta**


c. Plan3D Berlin

The mysterious connections that Malta and Leeuwarden, The Netherlands, stow away beneath the earth's surface come to light thanks to this intriguing visual art exhibition and short documentary by Leanne Wijnsma. The work treats modern digital resources as the Earth's natural networks of dirt and waters – a large pool of information connecting spaces, places and people. Subterranean Matter captures and recreates hard-to-access underground spaces using 3D technology: the fifteenth century cisterns beneath Valletta's Law Courts, Valletta's World War II war rooms, a Cold War bunker in the centre of Leeuwarden and twenty-first century aqueducts in Friesland. Visitors can crawl into the digitised tunnels, map the stones and soil and even smell the humidity. Part of the work is a short documentary named The Diggers, a showcase of stories from Maltese subterranean places that premieres with the exhibition.

**Created by //** *Maħluq minn:* Leanne Wijnsma
**Organised by //** *Organizzat minn:* Valletta 2018, Fondazzjoni Kreattività

**SUBTERRANEAN MATTER**
Minn Awwissu sa Settembru 2018
Fil-Kavallier ta' San Ġakbu, Il-Belt Valletta

Ir-rabtiet misterjużi li Malta u *Leeuwarden*, fl-Olanda għandhom moħbija taħt l-art se jaraw id-dawl, bis-saħħa tal-esibizzjoni tal-arti viżiva mill-aktar interessanti u dokumentarju qasir imħejji minn Leanne Wijnsma. Ix-xogħol jittratta r-riżorsi diġitali moderni bħala qafas naturali tad-Dinja li ġejja mit-trab u mill-ilmijiet – ġabra kbira ta' informazzjoni li tgħaqqad spazji, postijiet u nies. Permezz tat-teknoloġija 3D, *Subterranean Matter* tiġbor u toħloq spazji taħt l-art li diffiċli wieħed jidħol fihom: iċ-ċisterni tas-seklu 15 taħt il-Bini tal-Qorti fil-Belt Valletta, il-kmamar ta' żmien it-Tieni Gwerra Dinjija fil-Belt Valletta, bunker ta' żmien il-Gwerra Bierda fiċ-ċentru ta' *Leeuwarden* u akwedotti tas-seklu 21 fi *Friesland*. Il-viżitaturi se jkunu jistgħu jidħlu fil-mini ddiġitizzati, jimmarkaw il-ġebel u l-ħamrija u saħansitra jxommu r-riħa tal-umdità. Parti mix-xogħol huwa dokumentarju qasir bl-isem *The Diggers*, vetrina ta' stejjer ġejjin minn siti taħt fl-art f'Malta li se jkun għall-wiri flimkien mal-esibizzjoni.

# CURATORIAL SCHOOL

3 – 7 September 2018

Valletta Campus, University of Malta



c. Ingo Taylor

Directed by Professor Raphael Vella and organised by Valletta 2018, the Curatorial School hosts international guest speakers from various institutions; it offers a programme of lectures and workshops designed to bring new curatorial practices and philosophies to the local scene, while also opening the door to discussions on all areas of contemporary curatorial practice. The Curatorial School is designed to act as a capacity-building and training opportunity for practitioners and students in a variety of related areas such as fine arts, art education, arts administration, curation and history of art. Participants will also be able to present their curatorial ideas and receive feedback from invited speakers.

**Created by //** *Maħluq mill-:* Professor Raphael Vella // *Professur Raphael Vella*
**Organised by //** *Organizzat minn:* Valletta 2018
**In Collaboration with //** *Bil-Kollaborazzjoni ta':* the University of Malta // *L-Università ta' Malta*

**SKOLA KURATORJALI**

3 - 7 ta' Settembru 2018

Fil-Kampus tal-Belt Valletta, l-Università l-Qadima

Immexxija mill-Professur Raphael Vella u organizzata minn Valletta 2018, l-Iskola Kuratorjali tospita kelliema internazzjonali minn diversi istituzzjonijiet; toffri programm ta' lekċers u *workshops* imfassla biex jintroduċu prattiki u filosofiji ta' kuratura ġodda fix-xena lokali, filwaqt li tiftaħ ukoll il-bieb għal diskussjonijiet dwar l-oqsma kollha tal-prattika tal-kuratura tal-lum.

L-Iskola Kuratorjali hija mfassla biex taġixxi bħala opportunità għall-iżvilupp tal-kapaċità u għat-taħriġ għal prattikanti u studenti f'varjetà ta' oqsma relatati – bħall-*belle arti*, l-edukazzjoni tal-arti, l-amministrazzjoni tal-arti, il-kuratura u l-istorja tal-arti. Il-parteċipanti se jkunu jistgħu wkoll jippreżentaw l-ideat kuratorjali tagħhom u jirċievu *feedback* mill-kelliema mistiedna.

# YOUNG ARTISTS EXPO

October 2018

St James Cavalier, Valletta



c. Tumer Gencturk

This innovative project nurtures young artists while investigating various approaches to creative problem solving through exhibitions that feature drawings, photographs, journals, videos, objects and other materials. Exhibitions seek to highlight how such problems can be resolved in many, different and even unusual ways. In collaboration with *Aġenzija Żgħażagħ* and *Spazju Kreattiv*, the Young Artists Expo acts as a platform for a new generation of artists who are looking to showcase their work in a professionally-curated space while building professional and creative networks.

**Created and Organised by //** *Maħluq u Organizzat minn:*
*Aġenzija Żgħażagħ, Fondazzjoni Kreattività*, Valletta 2018

**EXPO GĦAL ARTISTI ŻAGĦŻAGĦ**
F'Ottubru 2018
Fil-Kavallier ta' San Ġakbu, il-Belt Valletta

Dan il-proġett innovattiv jinkoraġġixxi artisti żgħażagħ waqt li jinvestiga l-kunċett ta' ħsieb kreattiv permezz ta' wirjiet li jinkludu tpinġijiet, ritratti, rivisti, vidjows, oġġetti u materjal ieħor. Wirijiet li jfittxu li jenfasizzaw kif problemi kreattivi jistgħu jiġu solvuti b'ħafna metodi differenti u saħansitra b'metodi mhux tas-soltu. B'kollaborazzjoni mal-Aġenzija Żgħażagħ u Spazju Kreattiv, l-Expo Għal Artisti Żgħażagħ jservi ta' pjattaforma għal ġenerazzjoni ġdida ta' artisti li qed ifittxu biex juru xogħolhom fi spazju professjonalment ikkurat waqt li jibnu kuntatti professjonali u kreattivi.

# MICAS

October 2018 // Launch & Exhibition: Connecting Geographies
Ospizio – San Salvatore Bastions, Floriana


c. MICAS

MICAS (Malta International Contemporary Art Space) is a platform devoted to showcasing international contemporary art and visual culture through exhibitions, interaction and exchanges, and a range of cultural activities, educational events and programmes. This EU-funded project is a work in progress and is another key infrastructure project that will reach final completion in 2021. It will play a pivotal role in Malta's cultural ecology as an active participant on the global cultural map by connecting artistic communities and wide audiences, promoting internationalism and cultural diplomacy, and positively inspiring accessibility and higher aspirations in the contemporary and visual arts in Malta. During Valletta 2018, MICAS will launch its site with 'Connecting Geographies', an open-air international sculpture exhibition curated by David Gill.

**Created and Organised by //** *Maħluq u Organizzat minn:* MICAS

**MICAS**

F'Ottubru 2018 // Tnedija u Esibizzjoni: '*Connecting Geographies*'

L-Ospizju – Il-Bastjun ta' San Salvatore, il-Furjana

MICAS (iċ-Ċentru Malti għall-Arti Kontemporanja Internazzjonali) huwa spazju li se jservi ta' pjattaforma għall-wiri ta' arti internazzjonali kontemporanja u kultura viżiva permezz ta' esibizzjonijiet, interazzjoni u skambji, flimkien ma' firxa ta' attivitajiet kulturali, avvenimenti u programmi edukattivi. Dan il-proġett iffinanzjat mill-UE, li fuqu għadu għaddej ix-xogħol, huwa proġett ewlieni infrastrutturali ieħor li jintemm fl-2021. Dan se jkollu rwol ċentrali fl-ekoloġija kulturali ta' Malta bħala parteċipant attiv fil-mappa kulturali dinjija billi jgħaqqad komunitajiet ta' artisti u udjenzi varji, jippromwovi l-internazzjonalità u d-diplomazija kulturali, u jispira b'mod pożittiv l-aċċessibbiltà u aspirazzjonijiet ogħla fl-arti kontemporanja u viżiva f'Malta. Matul Valletta 2018, MICAS se jniedi s-sit tiegħu ma' *Connecting Geographies*, esibizzjoni fil-miftuħ ta' skultura internazzjonali kkummissjonata minn David Gill.

# CONSTELLATION MALTA

October – December 2018
Various locations across Malta & Gozo


c. VEGA - Photographer: Eulalia Valldosera

Curator Rosa Martinez, first female director of the Venice Biennale in 2005, brings an experimental and multi-disciplinary project to generate dialogue about contemporary art and popular culture in public spaces and heritage sites all over the Maltese archipelago. A series of site-specific interventions, performances and exhibitions shed new light on megalithic sites like Ħaġar Qim, the fortified cities of Mdina and the Citadel, and other historical and popular venues on the Islands. Just as celestial constellations were shaped to provide orientation, the artistic interventions in Constellation Malta will propose points, routes and new itineraries to navigate the local crossover of social, political, economic and artistic contexts. Moving from the local to the cosmic, the project will address the complexities of our contemporary world.

**Curated by //** *Ikkurat minn:* Rosa Martinez
**Organised by //** *Organizzat minn:* Valletta 2018

**CONSTELLATION MALTA**
Minn Ottubru sa Diċembru 2018
F'Bosta Siti Madwar Malta u Għawdex

Proġett sperimentali u multidixxiplinarju biex joħloq djalogu dwar l-arti kontemporanja u l-kultura popolari fi spazji pubbliċi u f'siti storiċi madwar il-Gżejjer Maltin, li se jitmexxa mill-kuratriċi Rosa Martinez – l-ewwel direttriċi tal-Bjennali ta' Venezja li kien sar fl-2005. Serje ta' interventi, prestazzjonijiet u esibizzjonijiet f'postijiet speċifiċi se jitfgħu dawl ġdid fuq siti megalitiċi bħal Ħaġar Qim, il-bliet fortifikati tal-Imdina u ċ-Ċittadella, u postijiet storiċi u popolari oħra madwar il-Gżejjer. Hekk kif kienu ffurmaw il-gruppi tal-istilel biex jipprovdu orjentazzjoni, l-interventi artistiċi f'*Constellation Malta* se jipproponu punti, rotot u toroq ġodda biex jimirħu fil-qasma lokali fil-kuntest soċjali, politiku, ekonomiku u artistiku. Il-proġett li jibda mill-aspett lokali lejn il-kosmiku, jindirizza l-kumplessitajiet tad-dinja kontemporanja tagħna.

# ORDER OF KNOWLEDGE

Mid-October – Mid-December 2018

National Library of Malta, Valletta



Artist: Democratic Self-Administration of Rojava and Studio Jonas Staal

The studio of artist Jonas Staal is collaborating with the European Graduate School (EGS) and the National Library of Malta to develop a new kind of public space where artists, radical thinkers and diverse local communities turn knowledge into cultural action. Inside the library, an installation designed by Studio Jonas Staal proposes a setting built to support new models in dissemination and experimental public education. The once fortified island of Malta thus provides the perfect background for such a 'de-fortification' of knowledge: over a period of one month, the public programme of the EGS introduces some of the most respected thinkers of our time to the island, contributing a publicly accessible video archive of all presentations to the National Library of Malta.

**Created by //** *Maħluq minn:* Jonas Staal

**Organised by //** *Organizzat minn:* Valletta 2018

**In Collaboration with //** *Bil-Kollaborazzjoni ta':* European Graudate School (EGS), National Library of Malta // *European Graudate School (EGS), il-Bibljoteka Nazzjonali ta' Malta*

**ORDER OF KNOWLEDGE**

Min-nofs Ottubru sa nofs Diċembru 2018

Fil-Biblioteka Nazzjonali ta' Malta, Il-Belt Valletta

L-istudjo tal-artist Jonas Staal qiegħed jikkollabora mal-Iskola Ewropea tal-Gradwati (EGS) u mal-Biblioteka Nazzjonali ta' Malta biex ikun żviluppat tip ġdid ta' spazju pubbliku fejn artisti, ħassieba radikali u komunitajiet lokali diversi, jaddattaw l-għarfien f'azzjoni kulturali. Fil-librerija, se jkun hemm installazzjoni disinjata mill-istudjo ta' Jonas Staal biex jinbena qafas li jappoġġja mudelli ġodda fit-tixrid u fl-esperimentazzjoni tal-edukazzjoni pubblika. Għalhekk, dik li darba kienet il-gżira ffortifikata ta' Malta mingħajr ebda kunċett ta' ġens, issa jipprovdi l-isfond perfett għat-tħattih ta' din il-fortikazzjoni ta' għarfien: fuq perjodu ta' xahar, il-programm pubbliku tal-Iskola Ewropea tal-Gradwati se jwassal f'din il-gżira xi wħud mill-aktar ħassieba rispettabbli ta' żmienna u se jikkontribwixxi għall-arkivju ta' vidjows permezz tal-preżentazzjonijiet kollha tagħhom. Dawn il-vidjows se jkunu aċċessibli għall-pubbliku fil-Biblioteka Nazzjonali ta' Malta.




c. David Pisani



# A TALE OF TWO CITIES: SECOND EXHIBITION // VANISHING VALLETTA

December 2018 - January 2019 //
*VANISHING VALLETTA - The Definitive Collection* - 1982 - 2011
*Spazju Kreattiv* (Upper Galleries), Valletta

*Vanishing Valletta brings together a collection of 189* images that have never been exhibited in their entirety to Valletta 2018; it's the fruit of an exhaustive photographic essay on the port city of Valletta and the surrounding Grand Harbour that began in 1982. The exhibition is part of A Tale of Two Cities – a cross-cultural photography exhibition by artist and photographer David Pisani, whose work explores architectural poetry as a metaphor for the human condition. Pisani's work has been exhibited at the prestigious *Biennale of Photography* in Paris in 1996 and was entered in the Permanent collections of the *Bibliothèque Nationale de France* in June 2000.

**Created by //** *Maħluq minn:* David Pisani

**In Collaboration with //** *Bil-Kollaborazzjoni ta':* Valletta 2018, Pafos 2017

**Sponsored by //** *Sponsorjat minn:* MaltaPost P.L.C., the Malta Postal Museum & Arts Hub // *MaltaPost P.L.C., il-Mużew Postali ta' Malta u Arts Hub*

**Supported by //** *Bl-Appoġġ ta':* *Spazju Kreattiv*, Emirates Airlines, SO Galerie

**A TALE OF TWO CITIES: IT-TIENI ESIBIZZJONI // VANISHING VALLETTA**

Minn Diċembru 2018 sa Jannar 2019 - *VANISHING VALLETTA - The Definitive Collection* - 1982 - 2011 Fi Spazju Kreattiv (Fil-Galleriji ta' Fuq), Il-Belt Valletta

'*Vanishing Valletta*' se ġġib flimkien għal Valletta 2018 ġabra ta' 189 ritratt li qatt ma ġew esebiti kollha. Din hija riżultat ta' komponiment fotografiku eżawrjenti li beda fl-1982 dwar il-belt port ta' Valletta u l-inħawi li jdawru l-Port il-Kbir. L-esibizzjoni hija parti minn *A Tale of Two Cities* - esibizzjoni fotografika interkulturali tal-artist u fotografu David Pisani, li xogħlu jesplora poeżiji arkitettoniċi bħala metafora għall-kundizzjoni umana. Ix-xogħol ta' Pisani kien esebit fil-*Biennale of Photography* f'Pariġi fl-1996 u f'Ġunju 2000 saret parti mill-Kollezzjonijiet Permanenti tal-Biblioteka Nazzjonali ta' Franza.



c. Bettina Hutschek - Artist: Mori Aaron

# FRAGMENTA MALTA

**Ongoing**
**Various Sites Across Malta & Gozo**


c. Samir Ramdani - Artist: Jagna Ciuchta and Samir Ramdani


c. Bettina Hutschek - Artist: Teresa Ciberras

Since 2013, this series of site-specific exhibitions curated by Bettina Hutschek has been popping up in diverse public spaces on the Maltese Islands. FRAGMENTA operates without a fixed physical space, offering the public a chance to engage with art and some of the most relevant social issues of our time through a series of pop-up events. In January 2016, FRAGMENTA teamed up with Valletta 2018 and is now hosting four larger events as part of our European Capital of Culture. From an exhibition showcased on billboards to an urban intervention on a long staircase in Senglea and interactive pieces that ask visitors to leave their mark on the exhibition - FRAGMENTA seeks to redefine not only what art is, but what humans can do.

**Curated by //** *Ikkurat minn:* Bettina Hutschek
**Organised by //** *Organizzat minn:* Bettina Hutschek, Valletta 2018

**FRAGMENTA MALTA**
Kontinwu
F'Bosta Siti Madwar Malta u Għawdex

Sa mill-2013, din is-serje ta' esibizzjonijiet speċifiċi tas-sit immexxija minn Bettina Hutschek, bdew ifaqqsu f'numru ta' spazji pubbliċi madwar il-Gżejjer Maltin. FRAGMENTA taħdem mingħajr spazju fiżiku fiss, u toffri lill-pubbliku ġenerali li jidħol f'kuntatt mal-arti u ma' diversi kwistjonijiet relevanti u kumplessi ta' żmienna permezz ta' serje ta' esebizzjonijiet fuq stil *pop-up*. F'Jannar tal-2016, FRAGMENTA bdiet tikkollabora mal-Fondazzjoni Valletta 2018, u fl-okkażjoni tat-titolu tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura, qed torganizza erba' avvenimenti kbar: minn esebizzjoni li tintwera fuq *billboards* sa zona urbana mifruxa fuq taraġ twil fl-Isla u biċċiet interattivi fejn kull min ikun preżenti jintalab iħalli l-marka tiegħu – FRAGMENTA tfittex li tiddefinixxi mill-ġdid mhux biss x'inhi l-arti, imma x'jista' jagħmel il-bniedem.



c. Tumer Gencturk



## DESIGN

VALLETTA 2018'S DESIGN INITIATIVES ARE PUSHING FOR NEW MODELS OF LIVING TOGETHER IN THE CITY. THESE PROJECTS TACKLE COMPLEX URBAN ISSUES IN VALUABLE WAYS – FROM SUPPORT PLATFORMS FOR SMALL START-UPS, TO SPACES THAT ENCOURAGE INNOVATIVE THINKING AMONG YOUNG GENERATIONS AND SHOWCASES THAT SEEK TO INTERNATIONALIZE THE WORK OF LOCAL CREATIVES.

## DISINN

L-INIZJATTIVI TAD-DISINN TA' VALLETTA 2018 QED ISEJĦU GĦAL MUDELLI ĠODDA TA' GĦAJXIEN FLIMKIEN FL-IBLIET. DAWN IL-PROĠETTI JINDIRIZZAW KWISTJONIJIET URBANI KUMPLESSI B'MODI SIEWJA – MINN PJATTAFORMI LI JAPPOĠĠJAW NEGOZJI ĠODDA ŻGĦAR, GĦAL SPAZJI LI JINKORAĠĠIXXU L-ĦSIEB INNOVATTIV FOST IL-ĠENERAZZJONI ŻAGĦŻUGĦA U ESIBIZZJONIJIET LI JFITTXU LI JINTERNAZZJONALIZZAW IX-XOGĦOL TAL-KREATTIVI LOKALI.

# VALLETTA DESIGN CLUSTER

April 2019 // *Targeted Completion Date of Infrastructure Project*
Valletta: Old Abattoir // *Il-Biċċerija l-Antika*



c. Ritty Tacsum

The *Valletta Design Cluster* is a project that shall transform the abandoned Old Abattoir site (*Il-Biċċerija l-Antika*) in Valletta into a hub for community and economic development. The Cluster shall also serve as a focal point for design activity in Malta, by providing space and support for design and creative practices and organisations, and by networking internationally with other creative hubs, design centres and urban regeneration projects. The project seeks to open new pathways for social engagement in urban regeneration efforts taking place in and around Valletta. By linking education, industry support, awareness building, and research and policy initiatives aimed at strengthening the contribution of design to social and economic wellbeing, the project shall be one of Valletta's most enduring legacy initiatives for 2018 and beyond. For its main infrastructural investment, the project will be tapping into the European Regional Development Fund.

**Created and Organised by //** *Maħluq u Organizzat minn:* Valletta 2018
**In Collaboration with //** *Bil-Kollaborazzjoni ta':* Cultural Directorate // *d-Direttorat tal-Kultura*
**Supported by //** *Bl-Appoġġ ta':* European Regional Development Fund // *Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali*

**VALLETTA DESIGN CLUSTER**

F'April 2019 // Id-data prevista għat-tlestija tal-proġett tax-xogħol infrastrutturali

Il-Biċċerija l-Antika, Il-Belt Valletta

Il-*Valletta Design Cluster* huwa proġett li mistenni jbiddel il-binja abbandunata ta' fejn kien hemm il-Biċċerija l-Antika fil-Belt Valletta f'ċentru ta' żvilupp ekonomiku u komunitarju. Il-*Cluster* għandu jservi wkoll bħala punt ta' referenza għall-inizjattivi fil-qasam tad-disinn f'Malta, billi joffri spazju u appoġġ għal prattiċi fl-oqsma tad-disinn u l-kreattività, u għal organizzazzjonijiet, u billi flimkien joħloq kuntatti internazzjonali ma' ċentri oħra ta' kreattività u disinn, u proġetti ta' riġenerazzjoni urbana. Il-proġett se jfittex li jiftaħ toroq ġodda għall-iżvilupp soċjali bħala parti mill-isforzi li qed isiru fir-riġinerazzjoni urbana ġewwa u madwar il-Belt Valletta. Permezz tar-rabta bejn l-edukazzjoni, l-appoġġ industrijali, il-qawmien ta' kuxjenza dwar il-bini u inizjattivi fir-riċerka u fil-politika bl-iskop li jissaħħaħ il-kontribut tad-disinn għall-ġid ekonomiku u soċjali, il-proġett għandu jkun wieħed mill-aktar inizjattivi ta' suċċess għall-2018 u lil hinn. Għall-investment infrastrutturali ewlieni li huwa meħtieġ isir għal dan il-proġett, se jintużaw flus mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali.



c. Ritty Tacsum

# DESIGN & TECHNOLOGY EXPO @ THE MALTA ROBOTICS OLYMPIAD

20 – 22 April 2018

Malta Fairs and Conventions Centre, Ta' Qali



The Valletta 2018 Foundation is one of the main partners supporting the Malta Robotics Olympiad, which has now established itself as Malta's major annual event for design, technology and education. Following two years of successful collaborations, the Valletta Design Cluster will be partnering with the Design and Technology Learning Centre to present the Design & Technology Expo at a special edition of the Malta Robotics Olympiad (MRO) in 2018. The event brings together educational institutions, technology and innovation-driven enterprises and agencies, as well as private exhibitors, while also hosting diverse national and international events, competitions, challenges and exhibitions.

**Created by //** *Maħluq mill-:* the Ministry of Education and Employment // *Ministeru għall-Edukazzjoni u Xogħol*

**A Collaborative Project by //** *Proġett Kollaborattiv bejn:* Valletta Design Cluster, Design and Technology Learning Centre // *Valletta Design Cluster, Ċentru tat-Tagħlim tad-Disinn u t-Teknoloġija*

**Supported by //** *Bl-Appoġġ ta':* Valletta 2018

**EXPO TAD-DISINN U T-TEKNOLOĠIJA WAQT IL-*MALTA ROBOTICS OLYMPIAD***

20 - 22 ta' April 2018

Fiċ-Ċentru tal-Fieri u Konvenzjonijiet ta' Malta, Ta' Qali

Il-Fondazzjoni Valletta 2018 hija waħda mill-imsieħba ewlenin li qed tappoġġja l-*Malta Robotics Olympiad*, li issa stabbilixxa lilu nnifsu bħala l-avveniment ewlieni ta' Malta li jsir kull sena tad-disinn, it-tekonoloġija u l-edukazzjoni. Wara sentejn ta' kollaborazzjoni b'suċċess, il-*Valletta Design Cluster* se jissieħeb maċ-Ċentru tat-tagħlim tad-Disinn u t-Teknoloġija fl-organizzazzjoni tal-Expo tad-Disinn u t-Teknoloġija f'edizzjoni speċjali tal-*Malta Robotics Olympiad* li se jsir fl-2018.

Din l-attività ġġib flimkien istituzzjonijiet edukattivi, aġenziji u kumpaniji li joperaw fl-oqsma tat-teknoloġija u l-innovazzjoni, kif ukoll esebituri privati, filwaqt li tospita wkoll diversi avvenimenti nazzjonali u internazzjonali, kompetizzjonijiet, sfidi u esebizzjonijiet.

# DESIGN4DCITY

**Dates TBC // Urban Design Forum 2017/2018 – Birżebbuġa**
**10 – 13 October 2018 // Urban Intervention Workshop 2018 – Venue TBC**





DESIGN4DCITY addresses the well-being of residents through co-creative approaches towards public space. The project engages with community actors ranging from individual residents to public authorities and focuses on areas of intervention where public space, community interaction and social issues intersect. In doing so, it looks at the diverse ways we use public space and take common ownership of it through micro-interventions and seasonal activities. The initiative has two strands: a community engagement process culminating in an urban intervention workshop led by 72Hrs Urban Action (Berlin) and an Urban Design Forum led by Architecture Project (Malta) and Something Fantastic (Berlin) that brings together local and international urban design practitioners.

**Organised by //** *Organizzat minn:* Valletta 2018
**In Collaboration with //** *Bil-Kollaborazzjoni ta':* 72 Hrs Urban Action

**DESIGN4DCITY**

Id-dati jitħabbru aktar tard // Forum dwar id-Disinn Urban 2017/2018

Birżebbuġa

Mill-10 sat-13 ta' Ottubru 2018 // *Workshop* dwar l-Intervent Urban 2018

Il-post jitħabbar aktar tard

DESIGN4DCITY jindirizza l-benesseri tar-residenti permezz ta' soluzzonijiet ko-kreattivi favur l-ispazju pubbliku. F'dan il-proġett jissieħbu membri tal-komunità; minn residenti individwali għal awtoritajiet pubbliċi u jiffoka fuq l-oqsma kollha fejn l-ispazju pubbliku, l-interazzjoni tal-komunità u l-kwistjonijiet soċjali jiltaqgħu. B'dan il-mod, tkun qed tħares lejn modi differenti ta' kif jintuża l-ispazju pubbliku waqt li jkun hemm pussess komuni permezz ta' interventi żgħar u attivitajiet staġjonali. L-inizjattiva hija mifruxa f'żewġ taqsimiet: is-sehem tal-komunità fi proċess li jwassal għal *workshop* dwar l-intervent urban immexxi minn *72Hrs Urban Action* (Berlin), u Forum dwar id-Disinn Urban, immexxi minn *Architecture Project* (Malta) u minn *Something Fantastic* (Berlin), li jġib flimkien professjonisti tad-disinn urban kemm lokali kif ukoll internazzjonali.

# MALTA DESIGN WEEK

November 2018
Valletta



c. Malta Design Week

The Malta Design Week (MDW) is an event presented by 808 Foundation, a voluntary group of professionals hailing from diverse design, marketing and arts backgrounds, who share a commitment to establishing MDW at the forefront of Maltese creativity and innovation. Its mission is to facilitate, promote and celebrate the development of Malta's design industry on both a cultural and commercial platform, by connecting designers and makers with industry and creating a culture inside which professionals can share their expertise. The 2018 edition will be the fourth since MDW's inception in 2011.

**Created and Organised by //** *Maħluq u Organizzat minn:* 808 Foundation
**Supported by //** *Bl-Appoġġ ta':* Valletta 2018

**MALTA DESIGN WEEK**
F'Novembru 2018
Il-Belt Valletta

*Malta Design Week* hija attività ppreżentata minn grupp ta' professjonisti volontarji jismu *808 Foundation*, li għalkemm ġejjin minn oqsma differenti ta' disinn, *marketing* u arti, għandhom impenn komuni biex il-*Malta Design Week* tkun fuq quddiem f'dik li hija l-kreattività u l-innovazjoni f'Malta. L-iskop huwa li tiffaċilita, tippromwovi u tiċċelebra l-iżvilupp tal-industrija tad-disinn f'Malta fuq livell kulturali u kummerċjali, billi jitlaqqgħu flimkien id-disinjaturi u l-ħaddiema tal-industrija u joħolqu kultura fejn il-professjonisti jkunu jistgħu jaqsmu bejniethom l-għarfien tagħhom. L-edizzjoni tal-2018 se tkun ir-raba' waħda minn meta ngħata bidu għall-*Malta Design Week* fl-2011.

# DESIGN4INNOVATION

Ongoing

Valletta & Various Sites Across Malta



c. Malta Design Week

Design4Innovation is a collaborative project organized by eight European partners dedicated to promoting design as a tool for user-centred innovation, and is funded under the Interreg Europe Programme of the European Commission. The Culture Directorate within the Ministry responsible for Culture is Malta's partner in the project, while the Valletta Design Cluster is one of its key national stakeholders. European partners include design promotion agencies such as the Barcelona Design Centre, innovation centres and enterprise support agencies. PDR, a major international design consultancy based at the Card iff Metropolitan University, is the project lead partner. The project runs between 2017 and 2021 and a meeting bringing all partners together will be held in April 2018.

**Created by //** *Maħluq minn:* Several design partners // *Bosta msieħba fis-settur tad-disinn*

**In Collaboration with //** *Bil-Kollaborazzjoni tad-:* Culture Directorate within the Ministry responsible for Culture // *Direttorat tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru responsabbli mill-Kultura*

**Organised by //** *Organizzat minn:* Culture Directorate within the Ministry responsible for Culture // *Direttorat tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru responsabbli mill-Kultura*

**Supported by //** *Bl-Appoġġ tal-:* Interreg Europe Programme of the European Commission // *Programm Ewropew Interreg tal-Kummissjoni Ewropea*

**In Partnership with //** *Msieħeb ma':* PDR – International Centre for Design & Research

**DESIGN4INNOVATION**

Kontinwu

Il-Belt Valletta u Siti Varji Madwar Malta

*Design4Innovation* huwa proġett ta' kollaborazzjoni fost tmien imsieħba Ewropej iddedikati għall-promozzjoni tad-disinn bħala għodda għal innovazzjoni iffukata fuq l-utent, u li huwa ffinanzjat permezz tal-Programm Ewropew Interreg tal-Kummissjoni Ewropea. Id-Direttorat tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru responsabbli mill-Kultura qiegħed jirrappreżenta lil Malta f'dan il-proġett, waqt li l-*Valletta Design Cluster* huwa wieħed mill-partijiet ewlenin ta' dan il-proġett. Imsieħba Ewropej jinkludu aġenziji li jippromovu d-disinn, fosthom iċ-Ċentru tad-Disinn ta' Barċellona, ċentri ta' innovazzjoni u aġenziji li jappoġġjaw l-intrapriża.

Kumpanija ewlenija internazzjonali li tispeċjalizza fis-settur tal-konsulenza dwar id-disinn, il-PDR, ibbażata fl-Università Metropolitana ta' Cardiff, hija s-sieħeb ewlieni tal-proġett. Il-proġett jibda fl-2017 u jibqa' għaddej sal-2021. F'April tal-2018 se ssir laqgħa li se tlaqqa' flimkien l-imsieħba kollha fil-proġett.




c. Ian Attard



## CHILDREN & YOUNG PEOPLE

WHEN WE ENSURE THAT CREATIVE PRACTICES ARE MADE ACCESSIBLE TO YOUNG GENERATIONS, WE ARE NURTURING THE ARTISTS AND AUDIENCES OF TOMORROW. OUR CULTURAL PROGRAMME PROVIDES A WIDE ARRAY OF CREATIVE ACTIVITIES DESIGNED TO INSPIRE YOUNG PEOPLE TO GET INVOLVED IN DANCE, THEATRE, SHADOW PUPPETRY AND MUCH MORE…

## TFAL U ŻGĦAŻAGĦ

META NAGĦMLU ĊERT LI Ż-ŻGĦAŻAGĦ TAL-LUM GĦANDHOM AĊĊESS GĦAL PRATTIKI KREATTIVI, INKUNU QEGĦDIN INRAWMU LILL-ARTISTI U LILL-UDJENZI TAL-FUTUR. IL-PROGRAMM KULTURALI TAGĦNA JOFFRI FIRXA WIESGĦA TA' ATTIVITAJIET KULTURALI MAĦLUQIN BIEX INEBBĦU LIŻ-ŻGĦAŻAGĦ U JĦAJRUHOM JINVOLVU RUĦHOM FIŻ-ŻFIN, FIT-TEATRU, FIL-PUPAZZI TAD-DELLIJIET U F'ĦAFNA AKTAR…

# AÑOS LUZ

24 & 25 February 2018
Żebbug, Malta

3 & 4 March 2018
Għajnsielem, Gozo



Artist: Luz, micro y punto

The Spanish shadow theatre company *Luz Micro y Punto* work with the age-old craft of shadow puppetry to create visually stunning masterpieces. *Años Luz*, is a performance that takes the viewer on an inspiring journey of musical discovery. The story centres on a composer caught in the process of musing over her next score, which she serendipitously uncovers through a playful creative process. The delightful performance offers viewers haunting images that use both traditional and contemporary shadow theatre techniques to merge reality and dream in an inimitable world of music and colour. *Luz Micro y Punto* will also share their unique technique for shadow puppetry with aspiring and established artists in an intensive workshop at the end of February.

**Created by //** *Maħluq minn:* ***Luz Micro y Punto***
**Organised by //** *Organizzat minn:* Valletta 2018

**AÑOS LUZ**
Fl-24 u l-25 ta' Frar 2018
F'Ħaż-Żebbuġ
Fit-3 u fl-4 ta' Marzu 2018
F'Għajnsielem, Għawdex

Il-kumpanija teatrali Spanjola *Luz Micro y Punto* tispeċjalizza f'teknika li tmur lura ħafna fis-snin billi toħloq attrazzjoni b'xeni viżwali mill-isbaħ permezz ta' dellijiet bl-użu ta' pupazzi. *Años Luz* hija prestazzjoni li tieħu lil kull min ikun qed isegwi fi vjaġġ ta' ispirazzjoni ta' skoperta mużikali. Fiċ-ċentru tal-istorja hemm kompożitriċi li tinqabad fi proċess ta' kontemplazzjoni fuq dak li beħsiebha tikseb, u li hi jirnexxielha tiskopriħ għall-għarrieda permezz ta' proċess kreattiv mill-aktar spiritwż u ferrieħi. Din il-prestazzjoni mill-isbaħ toffri wkoll lil dawk preżenti jsegwu b'immaġini żviluppati b'tekniċi tradizzjonali u kontemporanji f'dak li għandu x'jaqsam mat-teatru bbażat fuq il-ħolqien ta' dellijiet fejn ir-realtà u l-ħolm jingħaqdu flimkien f'dinja unika ta' mużika u kuluri. *Luz Mico y Punto* se jaqsmu din l-esperjenza unika bl-użu ta' dellijiet li jkunu qed jiżviluppaw bil-moviment tal-pupazzi flimkien ma' artisti stabbiliti u oħrajn li qed jaspiraw li jsiru artisti f'*workshop* intensiv lejn tmiem Frar.

# HUSH

**17 & 18 March 2018**
**Manoel Theatre, Valletta**



A devised musical performance by the energetic Teatru Manoel Youth Theatre that revolves around the life of one Gus Nightingale, a little boy from a famous musical family who stops speaking, singing or making music when faced with his mother's untimely passing. Hush deals with the themes of loss, fear and lost confidence in a magical world where a bitter heart can steal music and sound away, leaving the world in silence. Together with an eccentric little girl named Clementine Pickles, it's up to Gus to re-discover his own hidden power and set his family home free from grief. Teatru Manoel Youth Theatre nurtures and trains young performers, preparing them for further training and a professional career in the creative arts.

**Created by //** *Maħluq minn:* Teatru Manoel Youth Theatre
**Organised by //** *Organizzat minn:* Teatru Manoel
**Supported by //** *Bl-Appoġġ ta':* Valletta 2018

**HUSH**
Fl-17 u fit-18 ta' Marzu 2018
Fit-Teatru Manoel, Il-Belt Valletta

Prestazzjoni mużikali li nibtet bis-saħħa tal-enerġija tat-*Teatru Monoel Youth Theatre,* fejn kollox idur mal-ħajja ta' tfajjel ċkejken, Gus Nightingale. Dan it-tifel li jkun ġej minn familja famuża mużikali jispiċċa jieqaf jitkellem, ikanta jew joħloq il-mużika wara li jkun iffaċċjat bil-mewt, qabel iż-żmien, ta' ommu. *Hush* tittratta temi marbuta mas-sensi tat-telf ta' xi ħadd, il-biża' u t-telf ta' kunfidenza, f'dinja maġika fejn qalb imweġġgħa kapaċi tisraq il-mużika u l-ħsejjes u tħalli d-dinja f'silenzju. Flimkien ma' tifla ċkejkna eċċentrika jisimha Clementine Pickles, ikun jiddependi biss minn Gus biex jiskopri mill-ġdid il-qawwa moħbija li hemm fih u jeħles lil familtu mid-dwejjaq. *Teatru Monoel Youth Theatre* jinkoraġġixxi l-iżvilupp u jħarreġ artisti żgħażagħ, billi jħejjihom għal aktar taħriġ u għal karriera professjonali fl-arti kreattiva.




c. Tombs Creatius



# THE STRANGE TRAVELS OF SEÑOR TONET

28 March - 1 April 2018

Esplanade, Esplora Interactive Science Centre, Bighi, Kalkara

4 April - 8 April 2018

Valletta

During Spring 2018, a curiosity fair full of fun, interactive mechanical installations designed by Barcelona-based artists Tombs Creatius lands in Malta. At the fair we meet Señor Tonet, a peculiar character who introduces us to the many creatures encountered on his strange and wondrous journeys by means of individual installations set inside a box, each one reflecting a different story. During their stay, Tombs Creatius is also teaming up with Esplora and technical students to create a new mechanical installation tailored specifically for Valletta 2018. The two-week festival starts at the inspiring Esplora Interactive Science Centre and moves into Valletta during its second week; throughout, interactive games provide a highly creative storytelling experience that is sure to appeal to the young and the young at heart.

**Created by //** *Maħluq minn:* *Tombs Creatius*

**Organised by //** *Organizzat minn:* Valletta 2018

**In Collaboration with //** *Bil-Kollaborazzjoni taċ-:* Esplora Interactive Science Centre // *Ċentru Nazzjonali Interattiv tax-Xjenza, L-Esplora*

**THE STRANGE TRAVELS OF SEÑOR TONET**

Mit-28 ta' Marzu sal-1 ta' April 2018

L-Esplanade, Fiċ-Ċentru Nazzjonali Interattiv tax-Xjenza, L-Esplora, Bighi, Il-Kalkara

4 - 8 ta' April 2018

Il-Belt Valletta

Tul ir-rebbiegħa 2018, se jkun hawn Malta fiera li tqanqal kurżità, mimlija divertiment fejn se jkun hemm installazzjonijiet interattivi ddisinjati minn artisti ta' *Tombs Creatius* ibbażati f'Barċellona. Fil-fiera niltaqgħu ma' Señor Tonet, karattru partikolari, mhux tas-soltu, li jintroduċina ma' ħafna kreaturi li ltaqa' magħhom matul il-vjaġġi strambi iżda meraviljużi li għamel. Dan se jsir permezz ta' installazzjonijiet li se jitwaqqfu ġo kaxxa apposta, fejn kull waħda se tkun qed tirrifletti storja differenti.

Sakemm idumu Malta, *Tombs Creatius* se jingħaqdu mal-Esplora u l-istudenti tekniċi biex jibnu installazzjoni mekanika ġdida mfassla apposta għal Valletta 2018. Dan il-festival mifrux fuq ġimagħtejn se jibda fiċ-Ċentru Nazzjonali Interattiv tax-Xjenza, l-Esplora, u fit-tieni ġimgħa tiegħu jissokta fil-Belt Valletta; fejn permezz ta' logħob interattiv ikun hemm esperjenzi ta' qari ta' stejjer mill-aktar kreattivi li żgur se jappella liż-żgħar u lil dawk li għadhom iħossuhom żgħażagħ.



c. Emma Micallef



# SOUNDS OUT LOUD

Scholastic Year // Workshops
Various Locations in Malta & Gozo
April 2018 // Final Performance
Johann Strauss School of Music, St. Venera

Empowering, moving, liberating; music can help us to connect with our communities – as well as our most powerful selves. The Sounds Out Loud series works with young people with different abilities and their caregivers to discover valuable creative tools for self-development. Music therapist Rosetta Debattista, Senegalese musician and peace-maker Mousse Ndiaye and the San Miguel Primary Education Resource Centre collaborate on this innovative programme that uses the sound of the djembe to elicit powerful community sounds and rhythms. Over the course of three years, Sounds Out Loud has expanded its outreach, offering its resources to diverse communities; the project also acts as a platform for local percussionists to expand their skills. As part of our European Capital of Culture celebrations, Mousse Ndiaye will lead a final collaborative performance by participants and professional percussionists.

**Coordinated by //** *Maħluq u Organizzat minn:* Rosetta Debattista, Valletta 2018, Johan Strauss School of Music // *Skola tal-Mużika Johann Strauss*
**With the Participation of //** *Bil-Parteċipazzjoni ta':* Mousse Ndiaye

**SOUNDS OUT LOUD**
Matul is-Sena Skolastika // *Workshops*
F'Bosta Siti Madwar Malta u Għawdex
F'April 2018 // L-Aħħar Prestazzjoni
Fl-Iskola tal-Mużika Johann Strauss, Il-Ħamrun

Marbuta mas-saħħa, il-moviment u l-ħruġ ta' talenti; il-mużika tista' tgħinna biex tgħaqqadna mal-komunitajiet tagħna – kif ukoll magħna nfusna. Is-serje *Sounds Out Loud* hija mmirata għal żgħażagħ b'ħiliet differenti u għal dawk li jieħdu ħsiebhom biex jiskopru għodod kreattivi utli għall-iżvilupp personali. Rosetta Debattista, terapista fil-qasam tal-mużika, Mousse Ndiaye, mużiċista mis-Senegal u medjatur tal-paċi u ċ-Ċentru tar-Riżorsi Eduakattivi fil-Livell Primarju ta' San Miguel se jikkollaboraw flimkien f'dan il-programm innovattiv fejn se jintuża d-*djembe* biex bil-ħoss tiegħu jinħolqu kemm ħsejjes kif ukoll ritmi qawwija fi ħdan din il-komunità. Fi tliet snin, il-proġett *Sounds Out Loud* infirex u qed joffri r-riżorsi tiegħu lil diversi komunitajiet biex ikabbru l-ħiliet tagħhom. Mousse Ndiaye se jmexxi wkoll prestazzjoni flimkien ma' parteċipanti tal-programm u mużiċisti professjonali bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura.



c. Ian Attard



# ĠAĦAN 18: NIFTĦU L-BIEB MA' ĠAĦAN

Scholastic Year // *ĠAĦAN* 18 Programme 2018
Participating Schools in Malta & Gozo
3 & 4 May 2018 // *Nifthu l-Bieb ma' Ġaħan* Performance
Various localities in Malta & Gozo

Led by the dynamic music group, *Tikka Banda*, this initiative explores Mediterranean musical heritage, neighbouring cultures and environmental issues through interactive music, fun and games. Tikka Banda have been in high demand ever since they launched the successful initiative *#barralklassi*. Now, *#gaħan18* invites children and young people to take part in several performances happening in diverse localities in Malta, including *Baċir* and Mellieħa. Together with the show's central figure – the traditional Maltese folk character named *Ġaħan* – schoolchildren are encouraged to accompany *Tikka Banda* on a journey of cultural discovery that explores the musical heritage of twenty-two Arab countries. Prior to the show, *Tikka Banda* also visits participating schools to conduct workshops about creating musical instruments from recycled materials, which will be used in *Nifthu l-Bieb ma' Ġaħan*.

**Created and Organised by //** *Maħluq u Organizzat minn:* Tikka Banda
**Supported by //** *Bl-Appoġġ ta':* Valletta 2018

**ĠAĦAN 18: NIFTĦU L-BIEB MA' ĠAĦAN**

Matul is-Sena Skolastika // ĠAĦAN 18 Programm 2018
Fl-Iskejjel Parteċipanti f'Malta u f'Għawdex
3 u 4 Mejju 2018 // Prestazzjoni: Nifthu l-Bieb ma' Ġaħan
F'Bosta Siti Madwar Malta u Għawdex

Din l-inizjattiva mmexxija mill-grupp mużikali dinamiku, *Tikka Banda*, se jesplora d-divertiment u l-logħob, il-wirt mużikali Mediterranju, il-kulturi tal-pajjiżi ġirien u kwistjonijiet ambjentali, permezz tal-mużika interattiva. L-interess f'*Tikka Banda* ilu jiżdied sa minn meta niedew b'suċċess l-inizjattiva #barralklassi. Issa, jmiss #ġaħan18 fejn it-tfal u ż-żgħażagħ se jkunu mistiedna biex jieħdu sehem f'għadd ta' prestazzjonijiet li se jkunu qed isiru f'diversi lokalitajiet f'Malta, fosthom fil-Baċir ta' Bormla u fil-Mellieħa. Flimkien mal-persunaġġ ewlieni ta' dan l-ispettakklu – il-karattru tradizzjonali u folkloristiku Malti ta' Ġaħan – it-tfal tal-iskola huma mħeġġa biex jakkumpanjaw lil *Tikka Banda* fi vjaġġ kulturali biex jiskopru l-wirt mużikali ta' 22 pajjiż Għarbi. Qabel l-ispettaklu, *Tikka Banda* se żżur ukoll 'l dawk l-iskejjel li se jkunu qed jieħdu sehem biex tmexxi *workshops* dwar kif isiru strumenti mużikali minn materjal riċiklat, ħalli mbagħad jintużaw fl-attività *Niftħu l-Bieb ma' Ġaħan*.



c. Tom Mesic



# U-19 MALTA: CREATE YOUR WORLD

August 2018 // Award Ceremony

September 2018 // Presentation in Ars Electronica Festival, Linz, Austria

November 2018 // Final Exhibition

Esplora Interactive Science Centre, Bighi, Kalkara

The year 2018 will see Valletta 2018 collaborate with the prestigious Prix Ars Electronica Festival in Linz, Austria, to create its own 'Under 19' competition for young people in Malta and Gozo for the first time. 'Create Your World' is the yearly theme and motto of this creative competition that's open to youths aged 19 and under, and whose work incorporates digital art, mechanics, technology, music or computer design. Workshops invite youths to learn more about the unique categories and prizes of the competition's local edition, with a call for submissions open between October 2017 and March 2018. Maltese winners will be guests of honour at a special prize-giving ceremony here in Malta and then fly to Linz for the Prix Ars Electronica Festival 2018 in September. Their work will then be hosted in a special exhibition at the Esplora Interactive Science Centre in November 2018.

**Created and Organised by //** *Maħluq u Organizzat minn:* Ars Electronica Centre, Valletta 2018

**In Collaboration with //** *Bil-Kollaborazzjoni taċ-:* Prix Ars Electronica, Esplora Interactive Science Centre // *Ċentru Nazzjonali Interattiv tax-Xjenza, L-Esplora*

**U-19 MALTA: CREATE YOUR WORLD**

F'Awwissu 2018 // Award Ceremony

F'Settembru 2018 // Presentation in Ars Electronica Festival, Linz, Austria

F'Novembru 2018 // Esibizzjoni Finali

Iċ-Ċentru Nazzjonali Interattiv tax-Xjenza, l-Esplora, Bighi, Il-Kalkara

L-2018 se tara lil Valletta 2018 tikkollabora mal-festival prestiġjuż *Prix Ars Electronica f'Linz*, l-Awstrija. Dan biex tkun żviluppata għall-ewwel darba il-kompetizzjoni *'Under 19'* minn Malta u Għawdex. *'Create Your World'* hija t-tema u l-messaġġ magħżul għal din il-kompetizzjoni kreattiva li hija miftuħa għal żgħażagħ ta' 19-il sena jew anqas, u li xogħlhom ikopri l-arti diġitali, il-mekkanika, it-teknoloġija, il-mużika jew id-disinn tal-kompjuters. Permezz ta' *workshops*, iż-żgħażagħ ikunu mistiedna jitgħallmu aktar dwar il-kategoriji uniċi u l-premijiet tal-kompetizzjoni lokali, b'sejħa biex jitressqu s-sottomissjonijiet li tkun miftuħa bejn Ottubru 2017 u Marzu 2018. Ir-rebbieħa Maltin se jkunu il-mistiedna tal-unur għal ċerimonja li matulha jingħataw il-premijiet f'Malta, u wara jivvjaġġaw lejn Linz għall-festival ta' *Prix Ars Electronica* li se jsir f'Settembru 2018. Ix-xogħol tagħhom se jkun ukoll għall-wiri waqt esebizzjoni speċjali fiċ-Ċentru Nazzjonali Interattiv tax-Xjenza, l-Esplora, f'Novembru 2018.



c. Agnete Schlichtkrull



c. Martins Vilcens

# KIRANA

**14 – 20 October 2018 // KIRANA in Leeuwarden**

**Stadsschouwburg De Harmonie, Leeuwarden**

**21 – 26 October 2018 // KIRANA in the City of Sneek**

**Theater Sneek in collaboration with Kunstencentrum Atrium, Sneek**

KIRANA is an interdisciplinary performance conceived and directed by composer Ruben Zahra and produced by Soundscapes. This project is designed to connect children from the community with creative professionals from Malta through a series of workshops leading to a multi-media production. From workshops in contemporary music and dance to percussion sessions, digital animation and light painting, KIRANA empowers children to contribute towards the artistic content of the performance with their own creativity. Over the past two years, KIRANA has been presented in opera houses and festivals in Malta, France, Germany, Italy, Denmark, Latvia, Cyprus and Australia. During the European Capital of Culture year, KIRANA will be touring The Netherlands with performances in the cities of Leeuwarden and Sneek, Friesland.

**Created and Organised by //** *Maħluq u Organizzat minn:* Ruben Zahra, Soundscapes

**Supported by //** *Bl-Appoġġ ta':* Valletta 2018

**KIRANA**

14 - 20 ta' Ottubru 2018 // KIRANA f' *Leeuwarden*

Fi *Stadsschouwburg De Harmonie, Leeuwarden*

21 - 26 ta' Ottubru 2018 // KIRANA fil-Belt ta' *Sneek*

Teatru *Sneek* b'kollaborazzjoni ma' *Kunstencentrum Atrium* fi *Sneek*

KIRANA hija prestazzjoni interdixxiplinarja b'ħolqien u b'direzzjoni tal-kompożitur Ruben Zahra u bi produzzjoni ta' *Soundscapes*. Il-proġett huwa mfassal biex jgħaqqad tfal mill-komunità ma' professjonisti fil-qasam tal-kreattività minn Malta permezz ta' sensiela ta' *workshops* li jwasslu biex issir produzzjoni multimedjali. Permezz ta' *workshops* dwar il-mużika kontemporanja u żfin b'sessjonijiet tal-perkussjoni, minn animazzjoni diġitali għal tpinġija bid-dawl, KIRANA tħeġġeġ lit-tfal biex jikkontribwixxu għall-kontenut artistiku tal-prestazzjoni permezz tal-kreattività tagħhom stess. Fl-aħħar sentejn, KIRANA kienet ippreżentata f'numru ta' teatri tal-opra u festivals f'Malta, fi Franza, fil-Ġermanja, fl-Italja, fid-Danimarka, fil-Latvja, f'Ċipru u fl-Awstralja. Matul is-sena tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura, KIRANA se tkun qed issir fl-Olanda permezz ta' prestazzjonijiet f'*Leeuwarden* u *Sneek*, fil-provinċja ta' *Friesland*.



c. Chris Mangion

# OĦLOQ KULTURA

Scholastic Year // Oħloq Kultura Programme 2018

Various Schools Across Malta & Gozo

27 October 2018 // Capital of Invented Cultures

Valletta

This project helps school children to understand how cultures develop across the world, nurturing cultural awareness while inspiring creative thinking and storytelling among young generations. This highly interactive programme is a unique opportunity for young people to get a glimpse into the role of cultural bodies like the Valletta 2018 Foundation. Over 10 sessions, children participate in workshops to imagine a vivid and detailed fictional culture; by comparing these cultures to Valletta's identity, children also learn about history, architecture and cultural heritage in fun and accessible ways. In October 2018, partner schools on the Maltese Islands and in Leeuwarden will collaborate on the 'Capital of Invented Cultures', an assembly for children modelled on the United Nations that will showcase the vibrant cultures created through the project.

**Created by //** *Maħluq minn:* More or Less Theatre

**Organised by //** *Organizzat minn:* More or Less Theatre, Valletta 2018

**With the Participation of //** *Bil-Parteċipazzjoni ta':* Student Services Department within the Ministry of Education and Employment // *id-Dipartiment tas-Servizzi tal-Istudenti fil-Ministeru għall-Edukazzjoni u Xogħol*

**OĦLOQ KULTURA**

Matul is-Sena Skolastika // Oħloq Kultura Programm 2018

F'diversi skejjel madwar Malta u Għawdex

27 ta' Ottubru 2018 // *Capital of Invented Cultures*

Il-Belt Valletta

Dan il-proġett jgħin lit-tfal tal-iskola jifhmu kif il-kulturi jiżviluppaw madwar id-dinja, jinkoraġġixxi aktar l-għarfien kulturali filwaqt li jispira l-ħsieb kreattiv u l-qari ta' stejjer fost il-ġenerazzjonijiet żagħżugħa. Dan il-programm mill-aktar interattiv huwa opportunità għaż-żgħażagħ biex jifhmu r-rwol ta' istituzzjonijiet kulturali bħalma hi l-Fondazzjoni Valletta 2018. It-tfal jieħdu sehem f'*workshops* mifruxa fuq għaxar sessjonijiet fejn huma jintalbu jimmaġinaw b'mod dettaljat u ħaj kultura fittizja; iqabblu dawn il-kulturi mal-identità tal-Belt Valletta, waqt li t-tfal jitgħallmu wkoll dwar l-istorja, l-arkitettura u l-wirt kulturali b'modi aċċessibbli u divertenti. F'Ottubru tal-2018, l-iskejjel imsieħba fil-proġett *Capital of Invented Cultures* fil-Gżejjer Maltin u f'*Leeuwarden,* se jikkollaboraw flimkien bħala assemblea tat-tfal, mibnija fuq il-mudell tan-Nazzjonijiet Uniti, fejn bis-saħħa tal-proġett jintwerew il-kulturi vibranti.



c. Lisa Rastl



# BODIES IN URBAN SPACES

10 & 11 November 2018

Mellieħa

*A city has many stories to tell and each one has many sides: what's it like to walk through our cities during the day or in the dead of night?; Do the roads to work, home and play make travel a breeze or a chore?* Bodies in Urban Spaces is all about making young people aware of the way we interact with public space. Through a series of urban interventions, this project transforms city spaces with a series of obstacles mounted at various times of day. Irritation and amusement provoke a physical and emotional reaction, prompting participants to reflect on the rules, restrictions and possibilities of the city. The interventions themselves are temporary, but the imprint left on memory persists, establishing a stronger relationship between citizens and their neighbourhoods.

**Created by //** *Maħluq minn:* Willi Dorner
**Organised by //** *Organizzat minn:* Valletta 2018

**BODIES IN URBAN SPACES**
Fl-10 u fil-11 ta' Novembru 2018
Il-Mellieħa

Belt għandha x'tirrakkonta diversi stejjer, u kull storja għandha verżjonijiet differenti: *x'taħseb li kieku tkun miexja madwar il-bliet tagħna matul il-ġurnata jew fl-eqqel ta' lejl?; It-toroq li nużaw waqt li sejrin lejn ix-xogħol, id-dar jew biex niddevertu, jagħmlu l-vjaġġ tagħna pjaċevoli jew nispiċċaw nitilfu l-paċenzja? 'Bodies in Urban Spaces'* jippermetti liż-żgħażagħ isiru konxji tar-rabtiet li aħna għandna mal-ispazju pubbliku. Permezz ta' serje ta' interventi urbani, dan il-proġett jibdel l-ispazji fil-belt f'sensiela ta' ostakli li jinħolqu f'ħinijiet differenti matul il-ġurnata. Bejn id-dwejjaq u d-divertiment, tinħoloq provokazzjoni għal reazzjoni fiżika u ta' emozzjoni, li twassal lill-parteċipanti jirriflettu fuq ir-regoli, ir-restrizzjonijiet u l-alternattivi l-oħra li hemm fil-belt. Dawn l-interventi huma temporanji, imma l-effett fuq il-moħħ tant jibqa' jippersisti, li tiġi stabbilita relazzjoni bejn iċ-ċittadini u l-komunità tagħhom.





c. Tumer Gencturk – Artist: Matthew Pandolfino



c. St James




c. Tumer Gencturk - Artist: Matthew Pandolfino

# ŻIGUŻAJG - INTERNATIONAL ARTS FESTIVAL FOR CHILDREN AND YOUNG PEOPLE

16 – 25 November 2018

Various Localities in Malta & Gozo

ŻiguŻajg is an annual international arts festival that puts the creative arts for children and young people at the heart of Malta's cultural landscape. The festival showcases high-quality professional performances in various disciplines to create a programme that is an enticing mix of newly devised work and renowned international productions. This inclusive and accessible festival often provides children's first experience of live performance with cross-collaborations between public as well as private arts and cultural entities. The 2018 edition will be a special one with a bigger number of events and outreach initiatives around Malta and Gozo.

**Created and Organised by //** *Maħluq u Organizzat minn:* Fondazzjoni Kreattività

**In Collaboration with //** *Bil-Kollaborazzjoni ta':* Valletta 2018

**ŻIGUŻAJG – FESTIVAL INTERNAZZJONALI TAL-ARTI GĦAL TFAL U ŻGĦAŻAGĦ**

16 - 25 ta' Novembru 2018

F'Bosta Siti Madwar Malta u Għawdex

ŻiguŻajg huwa festival internazzjonali tal-arti li jsir kull sena mmirat għat-tfal u ż-żgħażagħ fejn l-arti kreattiva tkun fil-qalba tal-pajsaġġ kulturali Malti. Dan il-festival jesebixxi prestazzjonijiet professjonali tal-ogħla kwalità f'dixxiplini varji biex jinħoloq programm li jkun taħlita attraenti ta' xogħol ġdid armonizzat u produzzjonijiet internazzjonali magħrufa. Dan il-festival inklussiv u mill-aktar aċċessibbli, ħafna drabi jservi tal-ewwel esperjenza għat-tfal fi prestazzjoni diretta; bis-sehem tal-pubbliku u dak ta' entitajiet privati li jaħdmu fl-oqsma tal-arti u l-kultura. L-edizzjoni 2018 se tkun waħda speċjali, b'numru t'aktar avventimenti u inizjattivi li jilħqu 'l Malta u 'l Għawdex.

**Created by //** *Maħluq minn:* Studio 18

**Organised by //** *Organizzat minn:* Studio 10, Valletta 2018

**Final Performance in Collaboration with //** *Prestazzjoni Finali bil-Kollaborazzjoni ta':* Żigużajg International Arts Festival for Children & Young People

**With the Participation of //** *Bil-Parteċipazzjoni ta':* Student Services Department within the Ministry of Education and Employment // *id-Dipartiment tas-Servizzi tal-Istudenti fil-Ministeru għall-Edukazzjoni u Xogħol*

# THE BOX

Scholastic Year // *The Box* Programme 2018

Participating Schools in Malta & Gozo

November 2018 (During *Żigużajg* // 16 - 25 November 2018) // Valletta 2018 Edition

Valletta Campus Theatre, University of Malta

A creative approach to youth performance, The Box places five objects before students aged thirteen to fourteen, encouraging these young theatre-makers to devise an inspired performance. The project engages youths via two strands: the first uses workshops to guide secondary and sixth form students through non-linear approaches to performance and other aspects of theatrical production. The second strand is a special edition of the project developed especially for our European Capital of Culture year, where a select group of Maltese young adults team up with international mentors to create a devised performance for children based on the theme Island Stories. The resulting performance will be shared with local audiences in collaboration with *Żigużajg*, while the valuable experiences of the performers contribute to future workshops with students.

**THE BOX**

Matul is-Sena Skolastika // The Box Programm 2018

Fi Skejjel Parteċipanti f'Malta u f'Għawdex

F'Novembru 2018 (Matul Żigużajg // 16 - 25 ta' Novembru 2018) // Edizzjoni Valletta 2018

*Fit-Teatru tal-Kampus tal-Belt Valletta, l-Università l-Qadima*

F'dan il-programm teżisti qrubija kreattiva lejn prestazzjoni miż-żgħażagħ. F'*The Box* jitpoġġew ħames oġġetti quddiem studenti tal-età bejn it-13 u l-14-il sena, waqt li jkunu mħeġġa biex jippjanaw prestazzjoni li tkun ispirata. Il-proġett jgħin lill-istudenti jinvolvu ruħhom f'żewġ oqsma: l-ewwel billi jsir użu minn *workshops* li jiggwidaw studenti tas-sekondarja u tas-*sixth form* permezz ta' avviċinamenti mhux stabbiliti lejn prestazzjoni u aspetti oħra tal-produzzjoni teatrali.

It-tieni punt huwa edizzjoni speċjali tal-proġett żviluppat apposta fl-okkażjoni tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura, fejn grupp magħżul ta' adulti żgħażagħ se jingħaqdu ma' għalliema internazzjonali biex joħolqu prestazzjoni ppjanata għal tfal bit-tema 'Stejjer ta' Gżira'. Il-prestazzjoni finali tkun ippreżentata lil udjenza lokali b'kollaborazzjoni ma' ŻiguŻajg, filwaqt li l-esperjenza imprezzabbli li tkun inkisbet mill-parteċipanti sservi għal *workshops* li jkunu se jsiru 'l quddiem għall-istudenti.



c. Franco Rizzo

**Created by //** *Maħluq minn:* Alex Vella Gregory, Charlot Briguglio

**Organised by //** *Organizzat minn:* Alex Vella Gregory, Charlot Briguglio, Valletta 2018

**Final Event in Collaboration with //** *Avventiment Finali bil-Kollaborazzjoni ta':* ŻiguŻajg International Arts Festival for Children & Young People

**With the Participation of //** *Bil-Parteċipazzjoni ta':* Student Services Department within the Ministry of Education and Employment // *id-Dipartiment tas-Servizzi tal-Istudenti fil-Ministeru għall-Edukazzjoni u Xogħol*



c. Chris Mangion



c. Turner Gencturk - Artist: Matthew Pandolfino

# KANTAKANTUN

Scholastic Year // *KantaKantun* Programme 2018

Participating Schools in Malta & Gozo

November 2018 (During *ŻiguŻajg* // 16 - 25 November 2018) // Final Installation

Valletta

This innovative project encourages middle school students to explore the relationship between music and architecture in fun and accessible ways. The programme introduces classes to key concepts in both disciplines through a tour of the school's locality, followed by a hands-on approach that explores space and sound during the workshops. Participants are then encouraged to compose unique soundscapes based on the urban landscapes explored. These soundscapes are then shared with other participating schools, which interpret each other's locality through the creation of art installations. By the end of KantaKantun, participants take away a holistic approach to learning that helps them with their listening, observation, communication within a team setting, planning and creation, and finalising their ideas. An art installation inspired by the students who have participated in *KantaKantun* over the years will then be set up in Valletta as part of the *ŻiguŻajg Festival*.

**KANTAKANTUN**

Matul is-Sena Skolastika // KantaKantun Programm 2018

Fi Skejjel Parteċipanti f'Malta u f'Għawdex

F'Novembru 2018 (Matul ŻiguŻajg // 16 - 25 ta' Novembru 2018) // L-Installazzjoni Finali

Il-Belt Valletta

Dan il-proġett innovattiv jinkoraġġixxi lill-istudenti fil-livell medju tal-edukazzjoni biex jesploraw ir-relazzjoni bejn il-mużika u l-arkitettura b'modi divertenti u aċċessibbli. Il-programm jintroduċi l-klassijiet għal kunċetti ewlenin f'dawn iż-żewġ dixxiplini permezz ta' żjara fl-iskola tal-lokalità, u wara, permezz ta' *workshops* ikun hemm esperjenza prattika diretta li tesplora l-ispazju u l-ħsejjes. Imbagħad, il-parteċipanti jkunu mħeġġa biex jikkomponu ħsejjes uniċi marbuta mal-pajsaġġ urban li jkunu esploraw. Wara, dawn il-ħsejjes jitqassmu mal-iskejjel l-oħra li jkunu qed jieħdu sehem fil-proġett, li permezz t'installazzjonijiet tal-arti tingħata interpretazzjoni fuq kull lokalità. Fi tmiem dan il-proġett il-parteċipanti jkunu waslu għall-avviċinament ħolistiku li jgħinhom biex bl-osservazzjoni, is-smigħ u l-komunikazzjoni bħala tim, jippjanaw, joħolqu u jiffinalizzaw l-ideat tagħhom. Bħala parti mill-Festival Żigużajg, se titwaqqaf installazzjoni fil-Belt Valletta ispirata mill-istudenti li jkunu ħadu sehem f'KantaKantun matul is-snin.



c. Gareth Degiorgio



# MCAST COLLABORATIONS: DIGITAL PROJECTIONS

December 2018

Grandmaster's Palace, Valletta

The Valletta 2018 Foundation in collaboration with MCAST BA Graphic Design and Interactive Media students bring special audio-visual shows to our capital during the month of December. The façade of the Grandmaster's Palace in St George's Square is lit up with digital projections which feature a special audio-visual show during Christmas time and on New Year's Eve as part of grand national celebration during the festive season. The 2018 projections will be running until the end of December and a special New Year's Eve edition of the show will also be part of the celebrations. The projections are the result of an ongoing collaboration between Valletta 2018 and the MCAST Institute for the Creative Arts.

**Created and Organised by //** *Maħluq u Organizzat minn:* Valletta 2018

**In Collaboration with //** *Bil-Kollaborazzjoni tal-:* the Malta College for Science, Arts and Technology (MCAST) // *Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija (MCAST)*

**With the Participation of //** *Bil-Parteċipazzjoni ta':* MCAST students // *Studenti tal-MCAST*

**KOLLABORAZZJONIJIET MAL-KULLEĠĠ MALTI TAL-ARTI, IX-XJENZA U T-TEKNOLOĠIJA: PROJEZZJONIJIET DIĠITALI**

F'Diċembru 2018

Fil-Palazz tal-Granmastru, Il-Belt Valletta

Il-Fondazzjoni Valletta 2018 b'kollaborazzjoni mal-istudenti tal-Kulleġġ Malti tal-Arti, ix-Xjenza u t-Teknoloġija li qed isegwu kors fid-Disinn Grafiku u l-Midja Interattiva fil-Livell ta' Baċellerat jippreżentaw spettaklu awdjoviżiv speċjali fil-Belt Kapitali tagħna tul ix-xahar ta' Diċembru. Il-faċċata tal-Palazz tal-Granmastru f'Misraħ San Ġorġ se tinxtegħel permezz ta' projezzjonijiet diġitali li matul iż-żmien tal-Milied u lejlet l-Ewwel tas-Sena bħala parti minn ċelebrazzjoni nazzjonali kbira tul dan l-istaġun tal-festi. Il-projezzjonijiet se jibqgħu għaddejjin sa tmiem Diċembru waqt li se ssir edizzjoni speċjali lejlet l-Ewwel tas-Sena bħala parti minn dawn iċ-ċelebrazzjonijiet. Il-projezzjonijiet diġitali huma riżultat ta' kollaborazzjoni kontinwa bejn il-Fondazzjoni Valletta 2018 u l-Istitut għall-Kreattività tal-Arti fi ħdan il-Kulleġġ Malti tal-Arti, ix-Xjenza u t-Teknoloġija.



c. Darrin Zammit Lupi

## PERFORMANCE

THE POLITICS OF FOOD, GAMBLING IN THE UNDERWORLD, AND SOME VERY DECEITFUL TUNA – EXPECT THE UNEXPECTED FROM SOME OF EUROPE'S MOST INNOVATIVE PERFORMANCE ARTISTS. OUR PERFORMANCE PROGRAMME INVITES YOU TO EXPERIENCE SENSUAL, PHYSICAL, PROVOCATIVE THEATRE AND TO DISCOVER YOUR INNER ARTIST THROUGH MANY EXCITING CREATIVE WORKSHOPS.

## PRESTAZZJONIJIET

IL-POLITIKA TAL-IKEL, IL-LOGĦOB TAL-AZZARD FIL-KRIMINALITÀ ORGANIZZATA U XI TONNA TASSEW SUSPETTUŻA – STENNA L-IMPREVEDIBBLI MINN PRESTAZZJONIJIET TA' WĦUD MILL-ARTISTI L-AKTAR INNOVATTIVI TAL-EWROPA. IL-PROGRAMM TAL-PRESTAZZJONIJIET LI ĦEJJEJNA JISTEDINKOM TESPERJENZAW IT-TEATRU SENSWALI, FIŻIKU U PROVOKATTIV U TISKOPRU L-ARTIST LI HEMM FIKOM PERMEZZ TA' SESSJONIJIET TA' ĦIDMA KREATTIVI U EĊĊITANTI.

# GREENSCREEN

7 & 8 April 2018 // Multi-site Performance

Spanning Qrendi to Rabat



c. Thomas Aurin



This multidisciplinary performance project about youth and community empowerment brings professional and non-professional dancers of all ages together in unusual and 'invisible' locations all over the Maltese Islands. Creator of the Dorky Park dance company, Constanza Macras, encourages viewers to layer real, imaginary, surreal and sublime imagery onto existing spaces to create an experience that is unique to each individual. The resulting pieces blend contemporary dance, parkour, square dancing and a short film to revive or re-imagine the potential of local spaces and places – such as heritage sites – as venues for performance art and community functions.

**Created by //** *Maħluq minn:* Constanza Macras, Dorky Park
**Organised by //** *Organizzat minn:* Valletta 2018
**In Collaboration with //** *Bil-Kollaborazzjoni ta':* Aġenzija Żgħażagħ
**With the Participation of //** *Bil-Parteċipazzjoni ta':* Active Ageing Centre, local Carnival groups

**GREENSCREEN**

Fis-7 u fit-8 ta' April 2018 // Prestazzjoni f'Bosta Siti

Mill-Qrendi sar-Rabat

Dan il-proġett performattiv multidixxiplinari dwar iż-żgħażagħ u t-tisħiħ tal-komunità ilaqqa' żeffiena professjonali u mhux professjonali ta' kull età f'postijiet mhux tas-soltu u 'inviżibbli' madwar il-Gżejjer Maltin kollha. Il-fondatriċi tal-kumpanija taż-żfin Dorky Park, Costanza Macras, tħeġġeġ lill-udjenza biex tgħaqqad xbihat reali, immaġinarji, surreali u siblimi fi spazji eżistenti biex tinħoloq esperjenza li hija unika għal kull indiviwu. Il-biċċiet li jirriżultaw jgħaqqdu ż-żfin kontemporanju, il-*parkour*, is-*square dancing* u film qasir biex jerġa' jitqajjem jew jiġi immaġinat mill-ġdid il-potenzjal ta' spazji u postijiet lokali – bħal siti ta' patrimonju – bħala postijiet għall-arti performattiva u għal funzjonijiet tal-komunità.

# TUNA LIES I TUNA TRUTH

**April - June 2018**



c. Stummerer - hablesreiter – Koeb

Sonja Stummerer and Martin Hablesreiter of the art and design atelier Honey & Bunny bring contemporary ethical and sustainable food-sourcing issues to the public in edgy and provocative ways. The truths, untruths, half-truths and conspiracy theories that surround the Maltese and Mediterranean fishing industry inspired them to create the Tuna Lies I Tuna Truth project. This artistic performance is part theatre, part food experience, a pop culture mash-up that's stitched together from fake news items that play with truth, rumour, lie, and identity to provoke open discussion. In the end, a public event will finally bring the whole truth about tuna to the public... Or will it? When it comes to tuna on the Maltese Islands, not all is as it seems...



**Created by //** *Maħluq minn:* Honey & Bunny
**Organised by //** *Organizzat minn:* Valletta 2018

**TUNA LIES I TUNA TRUTH**
Minn April sa Ġunju 2018

Sonja Stummerer u Martin Hablesreiter tal-atelier tal-arti u d-disinn Honey & Bunny iwasslu kwistjonijiet tal-akkwist tal-ikel etiku u sostenibbli lill-pubbliku b'modi eċċitanti u provokattivi. Il-veritajiet, in-nuqqasijiet tal-veritajiet, in-nofs veritajiet u t-teoriji tal-kospirazzjoni li għandhom x'jaqsmu mal-industrija tas-sajd Maltija u Mediterranja kienu ta' ispirazzjoni biex joħolqu l-proġett *Tuna Lies I Tuna Truth*. Din il-prestazzjoni artistika hija taħlita ta' teatru, esperjenza tal-ikel u kultura *pop* iffurmata minn punti ta' aħbarijiet foloz li jilgħabu mal-verità, l-għajdut, il-ġideb u l-identità biex tipprovoka diskussjoni miftuħa. Finalment, attività pubblika se twassal il-verità kollha dwar it-tonn lill-pubbliku... Jew jista jkun li le? Meta niġu għat-tonn fil-Gżejjer Maltin, mhux kollox huwa kif jidher...

# DANCE SHOWCASES

May 2018 // 'Open Art Surgery' Workshops
Summer 2018 // Final Dance Showcases



An open call for the two fastest growing genres globally - contemporary and hip hop dance – offers resident choreographers the chance to participate in Valletta 2018's Dance Showcases. In Summer 2017, the winners of the open call for contemporary dance choreographers will be mentored by *ŻfinMalta*'s Artistic Director, Paolo Mangiola and other guest artists. The selected participants will create a new piece of work to be premiered in Malta in 2018 and then submitted to wider European platforms such as the Aerowaves network – which links dance houses and theatres from all over Europe. In May 2018, Breakin' Convention presents Open Art Surgery, where choreographers will be mentored by Jonzi D, one of the world's master hip hop artists and artistic directors. Through intense masterclasses, participants will work on experimenting and developing innovative ideas for a dedicated showcase event produced by Valletta 2018.

**Breakin' Convention Created by //** *Maħluq minn:* Jonzi D, Breakin' Convention
**Organised by //** *Organizzat minn:* Valletta 2018
**New Contemporary Work in Collaboration with //** *Xogħol Kontemporanju bil-Kollaborazzjoni ta':* ŻfinMalta

**ESPOŻIZZJONIJIET TA' ŻFIN**
F'Mejju 2018 - 'Open Art Surgery' *Workshops*
Fis-Sajf 2018 // Espożizzjonijiet Finali

Sejħa miftuħa għall-aktar żewġ ġeneri li qed jikbru globalment – żfin kontemporanju u *hip hop* – toffri lil koreografi residenti l-opportunità li jipparteċipaw fid-Dimostrazzjonijiet taż-Żfin ta' Valletta 2018. Fis-Sajf tal-2017 ir-rebbieħa tas-sejħa miftuħa għal koreografi taż-żfin kontemporanju se jkunu mħarrġa mid-Direttur Artistiku ta' ŻfinMalta, Paolo Mangiola u artisti mistiedna oħrajn. Il-parteċipanti magħżula se joħolqu biċċa xogħol ġdida li se titnieda f'Malta fl-2018 u mbagħad tiġi sottomessa fi pjattaformi Ewropej usa' bħan-netwerk *Aerowaves* - li jgħaqqad kumpaniji taż-żfin u teatri mill-Ewropa kollha. F'Mejju tal-2018 *Breakin' Convention* tippreżenta *Open Art Surgery*, fejn il-koreografi se jkunu mħarrġa minn Jonzi D, wieħed mill-artisti u diretturi artistiċi tal-*hip hop* ewlenin fid-dinja. Permezz ta' *masterclasses* intensi l-parteċipanti se jaħdmu fuq l-esperimentazzjoni u l-iżvilupp ta' ideat innovattivi għal avveniment ta' dimostrazzjoni ddedikat imtella' minn Valletta 2018.

# CANTINA

11 - 13 May 2018
Ta' Qali




c. Laica

The visionary Laika theatre group produce strange and sensory performances based on food, taste and smell. Together with Valletta 2018, Laika are co-producing Cantina, a performance that engages with Bertolt Brecht's modern classic, *Saint Joan of the Stockyards*. Laika's imaginative team brings their signature theatrical style to play throughout this project, offering an expressive performance that directly engages with its audience; Cantina forgoes a literal adaptation of Brecht's modern classic in favour of an inspired, interdisciplinary vision that uses food to look at class, capitalism and the struggles associated with them. Rooted in solidarity, this multi-faceted project also includes workshops designed to explore the diverse food values and customs that our communities hold to heart.

**Created by //** *Maħluq minn:* Laika
**Organised by //** *Organizzat minn:* Valletta 2018
**In Collaboration with //** *Bil-Kollaborazzjoni tal-:* the City of Antwerp // *belt ta' Antwerp, Lavrar O Mar, Festival International des Artes Performativas, Aljezur e Monchique*
**With the Participation of //** *Bil-Parteċipazzjoni ta':* local vendors, fishermen and farmers // *Bejjiegħa, sajjieda u bdiewa lokali*

**CANTINA**
11 - 13 ta' Mejju 2018
Ta' Qali

Il-grupp teatrali viżjonarju Laika jipproduċi prestazzjonijiet strambi u sensorji bbażati fuq l-ikel, it-togħma u x-xamm. Flimkien ma' Valletta 2018 Laika qegħdin jikkoproduċu *Cantina*, prestazzjoni li hija marbuta mad-dramm klassiku modern ta' Bertold Brecht, *Saint Joan of the Stockyards*. It-tim immaġinattiv ta' Laika jġib l-istil teatriku tiegħu f'dan il-proġett, u joffri prestazzjoni espressiva li tinvolvi direttament lill-udjenza tagħha; *Cantina* tirrinunzja adattazzjoni litterali tal-letteratura klassika moderna ta' Brecht favur viżjoni ispirata u interdixxiplinari li tuża l-ikel biex tħares lejn il-klassi, il-kapitaliżmu u l-ġlidiet assoċjati magħhom. Bl-għeruq tiegħu fis-solidarjetà, dan il-proġett multidimensjonali jinkludi wkoll *workshops* imfassla sabiex jesploraw il-valuri u drawwiet tal-ikel li għandhom għal qalbhom il-komunitajiet tagħna.

# STAR OF STRAIT STREET

15 May 2018

Phoenicia Hotel, Floriana



Based on a true-life love story from World War II, this new musical by Philip Glassborow takes us back to the wild days of Valletta's most famous street. The beautiful singer Christina Ratcliffe arrives in Malta to entertain the troops in "The Gut" at The Morning Star. Then she meets the dashing RAF air-ace, Flying Officer Adrian Warburton – and the rest is history! Fondly remembered as "Christina of George Cross Island", Ratcliffe was awarded the British Empire Medal for her services to the RAF. The play stars Polly March, Larissa Bonaci and Geoff Thomas, and features wartime standards like "I'll Be Seeing You" alongside original songs such as "Welcome to Valletta". Staged at the Phoenicia Hotel – the daily view that greeted our heroine from her apartment in Floriana – it promises to be a feast for theatre and music lovers, enthusiasts of Maltese history, and anyone looking for a good show!

**Created by //** *Maħluq minn:* Philip Glassborow
**With the Participation of //** *Bil-Parteċipazzjoni ta':* Polly March, Larissa Bonaci, Geoff Thomas
**Supported by //** *Bl-Appoġġ ta':* Valletta 2018

**STAR OF STRAIT STREET**
15 ta' Mejju 2018
*Phoenicia Hotel*, il-Furjana

Ibbażat fuq l-istorja ta' mħabba li ġrat vera fit-tieni Gwerra Dinjija, dan il-*musical* ġdid ta' Philip Glassborow jeħodna lura għall-ġranet imqanqla tal-aktar triq famuża fil-Belt Valletta. Il-kantanta ħelwa Christina Ratcliffe tasal Malta sabiex tagħti intratteniment lit-truppi f'"*The Gut*" f'*The Morning Star*. Hi mbagħad tiltaqa' mal-bdot attraenti tal-RAF, l-Uffiċjal Adrian Warbuton – u ġara li kellu jiġri. Imfakkra b'għożża bħala "*Christina of George Cross Island*", Ratcliffe ingħatat il-Midalja tal-Imperu Britanniku għas-servizzi tagħha lill-RAF. Id-dramm jinkludi lil Polly March, Larissa Bonaci u Geoff Thomas, u fih kanzunetti tipiċi ta' żmien il-gwerra bħal "*I'll Be Seeing You*" flimkien ma' kanzunetti oriġinali bħal "*Welcome to Valletta*".

Ippreżentat fil-Phoenicia Hotel – il-veduta li ta' kuljum kienet faċċata tal-eroina tagħna fl-appartament tagħha fil-Furjana – dan jipprometti li jkun festa għal dawk li jħobbu t-teatru u l-mużika, dilettanti tal-istorja Maltija u kull min jixtieq jara wirja tajba!

# MALTA CALLS

**21 July 2018**

**St Clare's College, Pembroke**


c. DJ Per QX

This kaleidoscopic outdoor dance performance envelops the crowd in a 360-degree sensory experience. Drama, dance and film join forces in this pumping event, where projections representing 'Present' and 'Future' twist and turn, play and replay, as their movements capture aspirations, hopes and dreams in a moment of eternal anticipation. The line-up is a tour-de-force, with a thirty-minute set by DJ Per QX, choreography by Mavin Khoo, a performance by professional dancers from *ŻfinMalta* Dance Ensemble and young talent from JUMP, another collaboration with *ŻfinMalta* aimed at teens. All the while, London-based artist Shaun Prickemage and Dan Strutt, who previously worked with the Chemical Brothers and the English National Opera, make this experience even more electrifying with a dynamic light show. An epic dance party kicks off at the end of the performance.

**Created by //** *Maħluq minn:* Mavin Khoo
**Organised by //** *Organizzat minn:* Valletta 2018, ŻfinMalta
**With the Participation of //** *Bil-Parteċipazzjoni ta':* JUMP youth dance group // *żeffiena żgħażagħ mill-grupp JUMP*

**MALTA CALLS**
21 ta' Lulju 2018
Fil-Kulleġġ Sekondarju ta' Santa Klara, Pembroke

Din il-prestazzjoni kalejdoskopika ta' żfin fil-miftuħ taqbad lill-ispettaturi f'esperjenza sensorja ta' 360 grad. Teatru, żfin u film jingħaqdu flimkien f'dan l-avveniment enerġetiku, fejn projezzjonijiet li jirrappreżentaw il-'Preżent' u l-'Futur' jagħqdu u jduru, jibdew u jerġgħu jibdew, hekk kif il-movimenti tagħhom jaqbdu aspirazzjonijiet, tamiet u ħolm f'mument ta' antiċipazzjoni eterna. Il-lista ta' nies involuti hija impekkabbli, b'sett ta' tletin minuta minn DJ Per QX, koreografija minn Mavin Khoo, prestazzjoni minn żeffiena professjonisti minn *ŻfinMalta Dance Ensemble* u talent żagħżugħ minn *JUMP*, kollaborazzjoni oħra ma' ŻfinMalta mmirata għaż-żgħażagħ. Fl-istess waqt l-artisti bbażati f'Londra Shaun Prickemage u Dan Strutt, li ħadmu mal-*Chemical Brothers* u l-*English National Opera*, jagħmlu din l-esperjenza saħansitra aktar eċċitanti b'wirja tad-dawl dinamika. Wara l-prestazzjoni se jkun hemm festa epika mimlija żfin.

# MEWĠA MUŻIKA

September 2018
Venue TBC



c. Luis Barbosa

*Mewġa Mużika* is an interactive musical work curated by the Portuguese group Ondamarela. Rooted in co-operation and collaboration, the programme is open to people of all ages and musical backgrounds. It proposes the creation of a public music performance that builds bridges through music. Various communities take part in intensive workshops with maestro Tim Steiner, to create a big community orchestra. The result is a unique and irreplicable concert that reflects the diverse memories, worldview and culture of the communities involved. *Mewġa Mużika* reinforces the idea that all citizens can have a large-scale impact on artistic initiatives in a structured, rigorous and ludic way, while also creating a platform for local musicians from all genres and walks of life.

**Created by //** *Maħluq minn:* Ondamarela, Tim Steiner
**Organised by //** *Organizzat minn:* Valletta 2018

**MEWĠA MUŻIKA**
F'Settembru 2018
Il-post jitħabbar aktar tard

Mewġa Mużika huwa xogħol mużikali interattiv ikkurat mill-grupp Portugiż *Ondamarela*. Bl-għeruq tiegħu fil-kooperazzjoni u kollaborazzjoni l-programm huwa miftuħ għal persuni ta' kull età u sfondi mużikali. Dan jipproponi l-ħolqien ta' prestazzjoni mużikali pubblika li tibni pontijiet permezz tal-mużika. Komunitajiet varji jieħdu sehem f'*workshops* intensivi mal- maestro Tim Steiner sabiex joħolqu orkestra tal-komunità kbira. Ir-riżultat huwa kunċert uniku u irreplikabbli li jirrifletti l-memorji, il-perċezzjoni tad-dinja u l-kultura diversi tal-komunitajiet involuti. Mewġa Mużika jsaħħaħ l-idea li ċ-ċittadini kollha jista' jkollhom impatt kbir fuq inizjattivi artistiċi b'mod strutturat, rigoruż u spontanju, filwaqt li joħloq ukoll pjattaforma għal mużiċisti lokali mill-ġeneri u esperjenzi tal-ħajja kollha.

# KAŻIN BAROKK

**7 - 9 September 2018**
**Notre Dame Gate, Birgu**


c. Alex Kat

In this immersive hybrid performance directed by Elli Papakonstantinou, visuals, music, text and interviews unite to form a "Baroque pastiche" that's rife with passion, innocence, gambling and mistrust. *Każin Barokk* plays with many sources, including Regnard's *The Gamester*, Pushkin's *The Queen of Spades* and Dostoyevsky's *The Gambler*. As a decadent cast of lovers, saints and sinners go about the maze-like performance, the piece becomes a soul-searching experience that invites contemporary audiences to influence its structure while exploring Valletta's Baroque aesthetic. Collaborations with students, local artists and practitioners create a fluid connection between the Maltese Baroque tradition and contemporary society, between popular and high art.

**Created by //** *Maħluq minn:* Elli Papakonstantinou, ODC Ensemble
**Organised by //** *Organizzat minn:* Valletta 2018
**In Collaboration with //** *Bil-Kollaborazzjoni tal-:* the University of Malta // *Università ta' Malta*

**KAŻIN BAROKK**
7 - 9 ta' Settembru 2018
F'Bieb is-Sultan, il-Birgu

F'din il-prestazzjoni ibrida immersiva diretta minn Elli Papakonstantinou, viżwali, mużika, test u intervisti jingħaqdu sabiex jiffurmaw taħlita Barokka li hija mimlija passjoni, innoċenza, logħob tal-azzard u nuqqas ta' fiduċja. Każin Barokk tmiss ħafna sorsi, inkluż *The Gamester* ta' Regnard, *The Queen of Spades* ta' Pushkin u *The Gambler* ta' Dostoyevsky. Hekk kif kast dekadenti ta' maħbubin, qaddisin u midinbin jimxu fil-prestazzjoni li qisha labirint, din il-biċċa xogħol issir esperjenza ta' tiftix fir-ruħ li tistieden udjenzi kontemporanji sabiex jinfluwenzaw l-istruttura tagħha filwaqt li jesploraw l-estetika Barokka tal-Belt Valletta. Kollaborazzjonijiet ma' studenti, artisti u prattikanti lokali joħolqu konnessjoni flessibbli bejn it-tradizzjoni Barokka Maltija u s-soċjetà kontemporanja, bejn l-arti popolari u l-arti fina.

**Created by //** *Maħluq minn:* Valletta 2018, La Monnaie (BEL), Le Festival International d'Art Lyrique d'Aix-en-Provence (FRA)

**Organised by //** *Organizzat minn:* Valletta 2018

**In Collaboration with //** *Bil-Kollaborazzjoni ta':* La Monnaie (BEL), Le Festival International d'Art Lyrique d'Aix-en-Provence (FRA), Wiener Konzerthausgesellschaft (AUT), Krakowskie Biuro Festiwalowe (POL), Operadagen Rotterdam (NLD), Santa Maria da Feira (PRT)

**Co-funded by //** *Kofinanzjat mill-:* the Creative Europe Programme of the European Commission // *Programm Ewropa Kreattiva tal-Kummissjoni Ewropea*

# ORFEO & MAJNUN

19 & 20 October 2018

Mediterranean Conference Centre, Valletta

Drawing on the timeless themes of forsaken love, loss and longing, this interdisciplinary project in two parts connects the Middle Eastern legend of Layla and Majnun and the Greek myth of Orpheus and Eurydice. Orfeo & Majnun is an exciting new retelling expressed through multiple textures; the narration interweaves Maltese, English and Arabic, while the score combines oriental and occidental styles – Dick van der Harst, Moneim Adwan, and Howard Moody. This poetic music theatre also encourages local citizens to take part in creative workshops; under the artistic direction of Martina Winkel and Airan Berg, the first part of the performance celebrates co-creation with associative stories and a cast of animal puppets conceived during workshops. The second part continues to unfold a unique and uniting spectacle, a theatre of emotions.

**ORFEO & MAJNUN**

Fid-19 u fl-20 ta' Ottubru 2018

F'Dar il-Mediterran għall-Konferenzi, Il-Belt Valletta

Filwaqt li jislet mit-temi li ma jispiċċaw qatt tal-imħabba abbandunata, telfien u xenqa, dan il-proġett interdixxiplinarju f'żewġ partijiet jgħaqqad il-leġġenda mil-Lvant Nofsani ta' Layla u Majnun u l-ħrafa Griega ta' Orpheus u Eurydice. Orfeo & Majnun huwa rakkont mill-ġdid eċċitanti espress permezz ta' livelli differenti; in-narrattiva tinseġ flimkien Malti, Ingliż u Għarbi, filwaqt li l-mużika tgħaqqad stili orjentali u oċċidentali – Dick van der Harst, Moneim Adwan, u Howard Moody. Dan it-teatru mużikali poetiku jinkoraġġixxi wkoll liċ-ċittadini lokali sabiex jieħdu sehem f'*workshops* kreattivi; taħt id-direzzjoni artistika ta' Martina Winkel u Airan Berg, l-ewwel parti tal-prestazzjoni tiċċelebra l-kokreazzjoni bi stejjer assoċjattivi u kast ta' pupazzi ta' annimali mfassla waqt il-*workshops*. It-tieni parti tkompli tiżvolġi spettaklu uniku u ta' għaqda, teatru ta' emozzjonijiet.



c. Roger Titley

# GET YOUR ACT TOGETHER

October - December 2018

Touring 10 Regional Theatres



c. Jacob Sammut

In the run-up to our European Capital of Culture year, the homegrown theatre programme Get Your Act Together has been supported by Valletta 2018 and Arts Council Malta, through the Multi-Annual Fund. Through interdisciplinary collaborations and a series of skill development workshops in various aspects of theatrical production, Get Your Act Together empowers diverse creatives working on the theatre circuit with the know-how to jump-start quality community-conscious projects. This valuable development platform also encourages the exportation of local cultural works by enabling theatre practitioners to share performances with diverse regional communities before showcasing their work in Valletta and on the international circuit.

**Created and Organised by //** *Maħluq u Organizzat minn:* More or Less Theatre

**In Collaboration with //** *Bil-Kollaborazzjoni tal-:* Arts Council Malta // *Kunsill Malti għall-Arti*

**Supported by //** *Bl-Appoġġ tal-:* Arts Council Malta and Valletta 2018 Foundation - Malta Arts Fund Multi-Annual Support Grant // *Kunsill Malti għall-Arti u l-Fondazzoni Valletta 2018 – Malta Arts Fund Multi-Annual Support Grant.*

**GET YOUR ACT TOGETHER**

Minn Ottubru sa Diċembru 2018

Tour ta' 10 Teatri Reġjonali

Bi preparazzjoni għas-sena tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura tagħna, il-programm teatrali lokali *Get Your Act Together* ġie appoġġjat minn Valletta 2018 u l-Kunsill Malti għall-Arti permezz tal-Fond Pluriennali. Permezz ta' kollaborazzjonijiet interdixxiplinari u serje ta' *workshops* għall-iżvilupp ta' ħiliet f'varji aspetti ta' produzzjoni teatrali, *Get Your Act Together* jagħti s-setgħa lil diversi persuni kreattivi li jaħdmu fil-qasam teatrali bl-għarfien sabiex jagħtu bidu għal proġetti marbutin mal-komunità. Din il-pjattaforma ta' żvilupp prezzjuża tinkoraġġixxi wkoll l-esportazzjoni ta' xogħlijiet kulturali lokali billi tippermetti lil prattikanti teatrali sabiex jaqsmu prestazzjonijiet ma' komunitajiet reġjonali diversi qabel ma juru xogħlhom fil-Belt Valletta u fiċ-ċirkwit internazzjonali.

# L-IKLA T-TAJBA

**December 2018**

**Venues TBC**



c. Stephen Galea

Inspired by the Mediterranean image of sitting down with good food and good company, *L-Ikla t-Tajba* has devised a performative, contemporary look at Maltese ingredients, food culture and gastronomy. Through community cooking and interactive sessions, *L-Ikla t-Tajba* creates a mood board for the ultimate community meal through performance; with this ethos in mind, a group of thespians and circus performers then gather the experiences collected to design a weird and wonderful five-star dining experience that audiences can enjoy together. It's a friendly space where food builds bridges and where tradition meets the new.

**Created and Organised by //** *Maħluq u Organizzat minn:* Teatru Malta, Valletta 2018

**L-IKLA T-TAJBA**

F'Diċembru 2018

Il-postijiet jitħabbru aktar tard

Ispirata mix-xbieha Mediterranja li wieħed ipoġġi ma' mejda b'ikel tajjeb u kumpanija tajba, L-Ikla t-Tajba fasslet ħarsa kontemporanja performattiva lejn ingredjenti, kultura tal-ikel u gastronomija Maltin. Permezz ta' tisjir u sessjonijiet interattivi fil-komunità, L-Ikla t-Tajba toħloq atmosfera għal ikla eċċezzjonali fil-komunità permezz ta' prestazzjoni; b'dan l-ispirtu f'moħħhom, grupp ta' tespjani u artisti taċ-ċirku mbagħad jgħaqqdu l-esperjenzi miġbura sabiex ifasslu esperjenza ta' ikel stramba u meraviljuża b'ħames stilel li l-udjenzi jistgħu jgawdu flimkien. Huwa spazju amikevoli fejn l-ikel joħloq pontijiet u fejn it-tradizzjoni tiltaqa' mal-ġdid.

# OPENING DOORS: (IN)VISIBILITY

Ongoing

Salesians' Theatre, Sliema



c. Jeremy De Maria

Opening Doors encourages adults with different intellectual needs to take up diverse artistic practices and develop skills related to the culture sector. The final performance will be the culmination of several months of intense workshops and activities involving participants, volunteers, artists, and other committed practitioners, who have supported the creation of original pieces in music, dance and theatre. This performance is part of a three-show series previewed across Malta and the UK, empowering these talented performers to hone their craft, develop their existing work and create future original pieces.

**Created and Organised by //** *Maħluq u Organizzat minn:* Opening Doors

**Supported by //** *Bl-Appoġġ tal-:* Arts Council Malta - Cultural Partnership Agreement, Malta Arts Fund, Cultural Export Fund, Valletta 2018 // *Kunsill Malti għall-Arti - Ftehim ta' Sħubija Kulturali, Fond għall-Arti ta' Malta, Fond għall-Esportazzjoni tal-Kultura, Valletta 2018*

**OPENING DOORS: (IN)VISIBILITY**

Kontinwu

Fit-Teatru tas-Sależjani, Tas-Sliema

*Opening Doors* tinkoraġġixxi lil adulti bi bżonnijiet intellettwali differenti biex jipparteċipaw fi prattiki artistiċi differenti u jiżviluppaw ħiliet relatati mas-settur tal-kultura. Il-prestazzjoni finali se tkun il-qofol ta' diversi xhur ta' *workshops* u attivitajiet intensi li jinvolvu lill-parteċipanti, voluntiera, artisti, u prattikanti oħra, li appoġġjaw il-ħolqien ta' biċċiet oriġinali tal-mużika, żfin u teatru. Din il-prestazzjoni hija parti minn serje ta' tliet spettakli li se jiġu murija f'Malta u fir-Renju Unit, b'hekk jinkorraġġixxu lill-dawn l-artisti biex jiżviluppaw it-talent tagħhom, jiżviluppaw ix-xogħol eżistenti tagħhom u joħolqu biċċiet oriġinali fil-futur.

# HAFIZ DHAOU & AÏCHA M'BAREK

**Dates & Venues TBC**



c. Doune Photo

Following their critically acclaimed works *Narcose* and *Sacré Printemps*!, Tunisian choreographers Hafiz Dhaou and Aïcha M'Barek now bring their poetic, topical and moving dance style to Valletta 2018. Based in Lyon, France, the founders of the Chatha Dance Company are leaving an indelible mark on the international choreographic scene with pieces that speak of politics, poetry and the Arab Spring against a wider European backdrop. Valletta 2018 will see the duo working closely with students, graduates, and alumni of the Department of Dance within the school of performing arts at the University of Malta. The pairing gives budding performers the space to nurture their skills and the directional freedom to surpass limitations. This performance is not just about the dance, but about the emotional journey that permeates through the dancers and reaches out to audiences.

**Created by //** *Maħluq minn:* Hafiz Dhaou, Aicha M'Barek, Chatha
**Organised by //** *Organizzat minn:* Valletta 2018
**In Collaboration with //** *Bil-Kollaborazzjoni ta':* Department of Dance within the school of performing arts at the University of Malta // *d-Dipartiment taż-Żfin fi ħdan l-iskola tal-arti performattiva fl-Università ta' Malta*

**HAFIZ DHAOU & AÏCHA M'BAREK**
Id-dati u l-postijiet jitħabbru aktar tard

Wara x-xogħlijiet tagħhom milqugħa tajjeb mill-kritiċi *Narcose* u *Sacré Printemps*!, il-koreografi Tuneżini Hafiz Dhaou u Aïcha M'Barek issa jwasslu l-istil ta' żfin poetiku, topiku u mċaqlaq tagħhom lil Valletta 2018. Ibbażati f'Lyon, Franza, il-fondaturi tal-*Chatha Dance Company* qed iħallu l-marka tagħhom fuq ix-xena koreografika internazzjonali b'xogħlijiet li jitkellmu dwar politika, poeżija u r-Rebbiegħa Għarbija fuq sfond Ewropew usa'. Valletta 2018 se tara lil dawn it-tnejn jaħdmu mill-qrib ma' studenti, gradwati u alumni tad-Dipartiment taż-Żfin fi ħdan l-iskola tal-arti performattiva fl-Università ta' Malta. Din il-kooperazzjoni se tagħti lil żeffiena emerġenti l-ispazju sabiex jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom u l-libertà direzzjonali sabiex jegħlbu limitazzjonijiet. Din il-prestazzjoni mhijiex biss dwar iż-żfin, iżda dwar il-vjaġġ emozzjonali li jinfiltra miż-żeffiena u jasal għand l-udjenzi.



c. Bozzo

# KENTARO!!

Dates & Venues TBC

Award-winning Japanese choreographer and DJ Kentaro!! will be collaborating with one of Malta's most exciting alternative bands, Plato's Dream Machine, on a new work which challenges the status quo. With the participation of Japanese dancers from Kentaro!!'s dance company Tokyo Electrock Stairs and local hip hop dancers, the year 2018 hosts an exciting hip hop dance theatre performance that breaks genre stereotypes.



c. Hiroyasu Daido

**Created by //** *Maħluq minn:* Kentaro!!, Valletta 2018

**Organised by //** *Organizzat minn:* Valletta 2018

**In Collaboration with //** *Bil-Kollaborazzjoni ta':* EU-Japan Fest Committee

**With the Participation of //** *Bil-Parteċipazzjoni tal-:* Plato's Dream Machine, the local hip hop community // *komunità lokali tal-hip hop*

**KENTARO!!**

Id-dati u l-postijiet jitħabbru aktar tard

Il-koreografu u DJ Ġappuniż rebbieħ ta' diversi premjijiet Kentaro!! se jikkollabora ma' wieħed mill-aktar gruppi ta' mużika alternattiva eċċitanti ta' Malta, *Plato's Dream Machine*, fuq xogħol ġdid li jisfida l-istatus quo. Bil-parteċipazzjoni ta' żeffiena Ġappuniżi mill-kumpanija ta' żfin ta' Kentaro!! - *Tokyo Electrock Stairs* u żeffiena tal-*hip hop* lokali, is-sena 2018 se tospita spettaklu eċċitanti ta' żfin *hip hop* u teatru li jkisser l-isterjotipi tal-ġeneru.



c. Hiroyasu Daido



c. Luiz Rodriguez



## OPERA

OUR CULTURAL PROGRAMME IS GOING ON A JOURNEY THROUGH THE WONDERFUL WORLD OF OPERA, WHERE WORLD-CLASS COLLABORATORS OFFER FRESH TAKES AND CONTEMPORARY TWISTS ON SOME OF THE GENRE'S MOST ICONIC WORKS AND MOTIFS. THE VISIONS THAT EMERGE ARE UNIQUELY MEDITERRANEAN – EPIC VOYAGES THAT BRING INTERNATIONAL AND LOCAL OPERA SINGERS TOGETHER ON THE WORLD'S STAGE.

## OPRA

IL-PROGRAMM KULTURALI TAGĦNA SE JEĦODKOM FUQ VJAĠĠ FID-DINJA MERAVILJUŻA TAL-OPRA, FEJN KOLLABORATURI TA' FAMA INTERNAZZJONALI SER JAGĦTU XEĦTA ĠDIDA U KONTEMPORANJA LIL UĦUD MIX-XOGĦLIJIET U L-MOTIFI L-AKTAR IKONIĊI TAL-ĠENERU. IL-VIŻJONIJIET RIŻULTANTI HUMA UNIKAMENT MEDITERRANJI – VJAĠĠI EPIĊI LI JPOĠĠU LIL KANTANTI LOKALI U INTERNAZZJONALI TAL-OPRA FUQ L-ISTESS PALK.

# MOZART'S DON GIOVANNI

5, 7 & 9 March 2018 // 7:30pm

Teatru Manoel



Opera singers Christian Bowers, Claire Debono and Pauls Putnins in Teatru Manoel's production of Le Nozze di Figaro.

Our European Capital of Culture year unveils Teatru Manoel's annual major opera: Mozart's *Don Giovanni.* Directed by Jack Furness, with the Malta Philharmonic Orchestra conducted by Philip Walsh, this new and daring production of the iconic masterpiece is the second of three operas by Wolfgang Amadeus Mozart and Lorenzo Da Ponte that are being produced by Teatru Manoel. Malta's lavish national theatre frames this definitive portrait of a rake, a young libertine whose racy exploits scandalize all who cross his path – until he meets one who cannot be swayed by charisma. In 2019, audiences can look forward to a third production in the series, *Così fan tutte, ossia La scuola degli amanti.*

**Directed by //***Taħt id-direzzjoni ta':* Jack Furness

**Musical Direction by //** *Direzzjoni Mużikali:* Philip Walsh

**Organised by //** *Organizzat minn:* Teatru Manoel

**With the Participation of //** *Bil-Parteċipazzjoni ta':* the Malta Philharmonic Orchestra // *l-Orkestra Filarmonika ta' Malta*

**DON GIOVANNI TA' MOZART**

Fil-5, is-7 u d-9 ta' Marzu 2018 - 7:30pm

Fit-Teatru Manoel, Il-Belt Valletta

Is-sena tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura tagħna tiżvela l-opra ewlenija annwali tat-Teatru Manoel: *Don Giovanni* ta' Mozart. Diretta minn Jack Furness, bl-Orkestra Filarmonika ta' Malta kondotta minn Philip Walsh, din il-produzzjoni ġdida u kuraġġuża tal-kapolavur ikoniku hija t-tieni minn tliet opri minn Wolfgang Amadeus Mozart u Lorenzo Da Ponte li qed jittellgħu mit-Teatru Manoel. It-teatru nazzjonali grandjuż ta' Malta se jinkwadra din ir-rappreżentazzjoni definittiva ta' libertin żagħżugħ laxk li l-azzjonijiet vivaċi tiegħu jiskandalizzaw lil dawk kollha li jiltaqgħu miegħu – sakemm jiltaqa' ma' persuna li ma taffettwahiex il-kariżma. Fl-2019 l-udjenzi jistgħu jistennew it-tielet produzzjoni fis-serje, *Così fan tutte, ossia La scuola degli amanti*.

# CENDRILLON

**28 & 30 June 2018**

**Teatru Manoel, Valletta**




c. Centrillon Score

Teatru Manoel presents *Cendrillon*, a French opera in three acts by Maltese-born composer, Nicolas Isouard. With libretto by Charles Guillaume Etienne, this charming opera is based on Charles Perrault's classic telling of the folk tale *Cinderella*, and takes the form of an *Opéra-comique* with spoken dialogue between the musical numbers. It was first performed in 1810 and took Europe by storm until the arrival of Gioachino Rossini's *La Cenerentola, ossia La bontà in trionfo* in 1817. Nicolò Isouard was born in Malta in 1773 and died in Paris in 1818. He is known to have studied in Rabat, Palermo and Naples before moving to Paris, where he began his career as a composer. Scholars originally believed that he was of French origin due to his association with the *Opéra comique* of Paris and the pronunciation of his surname. Today, Isouard is considered to be one of the best Maltese composers of his time.

**Organised by //** *Organizzat minn:* Teatru Manoel

**CENDRILLON**
Fit-28 u fit-30 ta' Ġunju 2018
Fit-Teatru Manoel, il-Belt Valletta

Teatru Manoel jippreżenta *Cendrillon*, opra Franċiża fi tliet atti mill-kompożitur imwieled Malta, Nicolas Isouard. B'librett minn Charles Guillaume Etienne, din l-opra affaxxinanti hija bbażata fuq ir-rakkont klassiku ta' Charles Perrault tal-ħrafa ta' *Cinderella*, u tieħu l-forma ta' *Opéra comique* bi djalogu mitħaddet bejn partijiet mużikali. Inħadmet għall-ewwel darba fl-1810 u ntlaqgħet tajjeb ħafna mill-Ewropa sakemm waslet *La Cenerentola, ossia La bontà in trionfo* ta' Gioachino Rossini fl-1817. Nicolò Isouard twieled f'Malta fl-1773 u miet f'Pariġi fl-1818. Hu magħruf li studja r-Rabat, Palermo u Napli qabel ma mar Pariġi, fejn beda l-karriera tiegħu bħala kompożitur. L-istudjużi oriġinarjament kienu jaħsbu li huwa ta' oriġini Franċiża minħabba l-assoċjazzjoni tiegħu mal-*Opéra comique* ta' Pariġi u l-pronunzja ta' kunjomu. Illum, Isouard huwa meqjus bħala wieħed mill-aqwa kompożituri Maltin ta' żmienu.

# AĦNA REFUĠJATI

31 August
2 & 4 September 2018
Floriana, il-Fossos



Valletta 2018's opera season includes a challenging new operatic work by Maltese composer, Mario Sammut. *Aħna Refuġjati* is Sammut's first operatic venture after working on multiple international and local media projects. In recounting the struggles of a family attempting to escape their war-torn country, the opera addresses timely concerns in the Euro-Mediterranean region, the human cost of large-scale migration and the universal theme of loss as a result of political convenience, racism and prejudice.

**Created by //** *Maħluq minn:* Valletta 2018
**Music by //** *Mużika minn:* Mario Sammut
**Music Direction by //** *Direzzjoni Mużikali minn:* Richard Merrill Brown
**Libretto by //** *Librett minn:* Mario Philip Azzopardi
**Organised by //** *Organizzat minn:* Valletta 2018
**In Collaboration with //** *Bil-Kollaborazzjoni ta':* Floriana Local Council, Grand Harbour Regeneration Corporation, Armed Forces of Malta, Mad About Video, Transport Malta // *Kunsill Lokali tal-Floriana, Korporazzjoni għar-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir, il-Forzi Armati ta' Malta, Mad About Video, Transport Malta*

**AĦNA REFUĠJATI**
Fil-31 ta' Awwissu 2018
Fit-2 u fl-4 ta' Settembru 2018
Fuq Il-Fosos tal-Furjana

L-istaġun tal-opra ta' Valletta 2018 jinkludi xogħol tal-opra intriganti ġdid mill-kompożitur Malti, Mario Sammut. Aħna Refuġjati huwa l-ewwel xogħol ta' opra għal Sammut wara li ħadem fuq għadd ta' proġetti tal-midja internazzjonali u lokali. Fir-rakkont tal-isfidi ta' familja li qed tipprova taħrab mill-pajjiż mifni mill-gwerra tagħha l-opra tindirizza tħassib f'waqtu fir-reġjun Ewro-Mediterranju, il-prezz uman tal-migrazzjoni fuq skala kbira u t-tema universali tat-telf bħala riżultat ta' konvenjenza politika, razziżmu u preġudizzju.

# GIUSEPPE VERDI'S AIDA

**11, 13 & 15 September 2018**
**Pjazza Teatru Rjal, Valletta**



c. Dinand van der Wal

Corina Van Eijk (*Rigoletto*, 2003; *Gianni Schicchi* 2014; *La Traviata* 2017) of *Spanga het Verona van Weststellingwerf (Opera Spanga)* directs this open-air reworking of Verdi's *Aida*, the much-beloved classic which depicts the trials of the princess Aida and her lover, the military commander of the enemy, Radamès. This contemporary production is set to reach out to new audiences during Valletta 2018 and Leeuwarden-Fryslân 2018, with performances staged in Valletta and the Dutch countryside where the company is based. In-keeping with Valletta 2018's capacity-building ethos, the prestigious *Opera Spanga* group is also offering students from MCAST (Malta) and D'Drive (Leeuwarden) opportunities in costume design – under the inspirational guidance of renowned designers Charles&Ron – as well as in the fields of production design and film production. The Maltese Philharmonic Orchestra will be the musical partner for these exciting performances.

**Directed by //** *Taħt id-direzzjoni ta':* Corina Van Eijk

**Created and Organised by //** *Maħluq u Organizzat minn:* Opera Spanga

**In Collaboration with //** *Bil-Kollaborazzjoni tal-:* Leeuwarden-Fryslân 2018 (NLD), Charles&Ron, D'Drive, MCAST Insitute for Creative Arts, Institute for Community Services
*// Istitut għall-Arti Kreattiva tal-MCAST, Istitut għas-Servizzi tal-Komunità*

**Supported by //** *Bl-Appoġġ ta':* Valletta 2018

**AIDA TA' GIUSEPPE VERDI**
Fil-11, fit-13 u fil-15 ta' Settembru 2018
Fi Pjazza Teatru Rjal, il-Belt Valletta

Corina Van Eijk (*Rigoletto*, 2003; *Gianni Schicchi* 2014; *La Traviata* 2017) ta' Spanga het Verona van Weststellingwerf (Opera Spanga) tidderieġi dan l-adattament li se jsir fuq barra ta' *Aida* ta' Verdi, l-opra klassika maħbuba mmens li titkellem dwar l-isfidi tal-prinċipessa *Aida* u l-maħbub tagħha, il-kmandant militari tal-għadu, Radamès. Din il-produzzjoni kontemporanja maħsuba tilħaq udjenzi ġodda matul Valletta 2018 u Leeuwarden-Fryslân 2018, bi spettakli fil-Belt Valletta u l-pajsaġġ Olandiż fejn hija bbażata l-kumpanija. F'konformità mal-ispirtu ta' bini tal-kapaċità ta' Valletta 2018, il-grupp prestiġjuż Opera Spanga qed joffri wkoll lil studenti mill-MCAST (Malta) u D'Drive (*Leeuwarden*) opportunitajiet fid-disinn tal-kostumi – taħt il-gwida kreattiva tad-disinjaturi rinomati Charles&Ron – kif ukoll fl-oqsma tad-disinn tal-produzzjoni u l-produzzjoni tal-films. L-Orkestra Filarmonika ta' Malta se tkun is-sieħeb mużikali għal dawn l-ispettakli eċċitanti.




c. 1987 Cong SA, Switzerland. All rights reserved



c. 1976 Cong SA, Switzerland. All rights reserved

# CORTO MALTESE: UNA BALLATA DEL MARE SALATO

**20 & 22 September 2018**

**Teatru Manoel Main Stage // 8:30 PM**

This contemporary production is based on the cult 1967 graphic novel, *Corto Maltese: Una Ballata del Mare Salato* by Hugo Pratt, where avid readers were first introduced to the series' eponymous protagonist. Set in the Pacific on the eve of World War I, the narrative follows the daring adventures of Corto Maltese, a sea captain and occasional pirate with a lust for travel, treasure and adventure. Audiences won't want to miss the chance to catch this swash-buckling adaptation of the original storyline where our dapper sailor meets the enigmatic character, Rasputin. This colourful production is the latest in a long-running initiative by the Teatru Manoel Youth Opera, which gives young local opera singers a platform to develop their skills while collaborating with local professionals and other European practitioners.

**Created by //** *Maħluq minn:* Teatru Manoel Youth Opera

**Organised by //** *Organizzat minn:* Valletta 2018, Teatru Manoel

**Based on an original story by Hugo Pratt //** *Ibbażata fuq storja oriġinali ta' Hugo Pratt*

**CORTO MALTESE:**
**UNA BALLATA DEL MARE SALATO**

Fl-20 u fit-22 ta' Settembru 2018 - 8:30pm

Fit-Teatru Manoel, Il-Belt Valletta

Din il-produzzjoni kontemporanja hija bbażata fuq ir-rumanz grafiku popolari tal-1967, *Corto Maltese: Una Ballata del Mare Salato* ta' Hugo Pratt, fejn qarrejja akkaniti kienu introdotti għall-ewwel darba mal-protagonist eponimiku tas-serje. Ambjentata fil-Paċifiku qabel l-Ewwel Gwerra Dinjija, in-narrattiva ssegwi l-avventuri awdaċi ta' Corto Maltese, kaptan tal-baħar u kultant pirata b'ġibda għall-ivvjaġġar, it-teżor u l-avventura. L-udjenzi ma jaqblilhomx jitilfu l-okkażjoni li jaraw dan l-adattament avventuruż tal-istorja oriġinali fejn il-baħri fuq ruħu tagħna jiltaqa' mal-karattru enigmatiku Rasputin. Din il-produzzjoni kkulurita hija l-aħħar waħda f'inizjattiva li ilha għaddejja tat-Teatru Manoel Youth Opera li tagħti lil kantanti tal-opra żgħażagħ lokali pjattaforma sabiex jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom filwaqt li jikkollaboraw ma' professjonisti lokali u prattikanti Ewropej oħrajn.

# TOSCA

13 October 2018

Aurora Theatre, Gozo



c. Leo Mario Haber

The Aurora Theatre in Victoria, Gozo, is an exquisite performance space housed inside a regal nineteenth Century Villa. Designed by architect Louis Naudi, and ornately decorated by venerated local artist Chev. Emvin Cremona, the Aurora Theatre has been a prime location for critically acclaimed operas since its inauguration in 1976. Since then, the venue has hosted several fine performances, including Georges Bizet's *Carmen* and Giacomo Puccini's *Madame Butterfly*. Audiences can now look forward to Giacomo Puccini's timeless classic Tosca, which speaks of a dangerous love triangle between the glamorous opera singer Floria Tosca, the love-driven painter Mario Cavaradossi, and one of opera's most memorable villains – the police chief Baron Scarpia. Melodrama and lyrical arias haunt this enduring masterpiece.

**Organised by //** *Organizzat minn:* Teatru tal-Opra Aurora

**TOSCA**
13 ta' Ottubru 2018
Fit-Teatru Aurora, Għawdex

It-Teatru Aurora fir-Rabat, Għawdex, huwa spazju għall-prestazzjonijiet eċċezzjonali ġewwa villa tas-seklu dsatax maestuża. Iddisinjat mill-arkitett Louis Naudi, u ddekorat b'mod eleganti mill-artist lokali meqjum il-Kav. Emvin Cremona, it-Teatru Aurora kien post ewlieni għal opri milqugħa tajjeb mill-kritiċi mill-inawgurazzjoni tiegħu fl-1976. Minn dak iż-żmien il-post ospita għadd ta' prestazzjonijiet eċċellenti, inklużi *Carmen* ta' Georges Bizet u *Madame Butterfly* ta' Giacomo Puccini.

L-udjenzi issa jistgħu jistennew bil-ħerqa l-klassika li ma tmut qatt ta' Giacomo Puccini *Tosca*, li titkellem fuq trijangolu ta' mħabba perikoluż bejn il-kantanta tal-opra attraenti Floria Tosca, il-pittur immexxi mill-imħabba Mario Cavaradossi, u wieħed mill-villani l-aktar memorabbli tal-opra – il-kap tal-pulizija Baron Scarpia. Melodrama u arji liriċi huma abbundanti f'dan il-kapolavur dejjiemi.

# MANON LESCAUT

**25 & 27 October 2018 // 7:30 pm**
**Teatru Astra, Victoria, Gozo**


c. Joe Attard

Taking a trip to Gozo's capital city for a night of opera at the beautiful Teatru Astra has become a tradition among culture lovers on the Maltese Islands. Since its inauguration in 1968, the Astra has hosted some of the world's top singing talent - and staged lavish operas such as *Rigoletto, Il Barbiere di Siviglia*, Aida and many others. World-famed tenor Joseph Calleja made his operatic debut in Macbeth way back in 1997. In 2018, audiences will be able to enjoy Giacomo Puccini's classic Manon Lescaut, accompanied by the National Philarmonic Orchestra under the direction of Maestro Joseph Vella. Puccini's classic about a woman who wants it all –love, luxury and ambition – in a society that limits her choices still holds sway over modern audiences.

**Organised by //** *Organizzat minn:* Teatru Astra
**Musical Direction by //** *Direzzjoni Mużikali minn:* Meastro Joseph Vella
**With the Participation of //** *Bil-Parteċipazzjoni tal-:* Malta Philarmonic Orchestra
**//** *Orkestra Filarmonika ta' Malta*

**MANON LESCAUT**
Fil-25 u fis-27 ta' Ottubru 2018 - 7:30 pm
Fit-Teatru Astra, Victoria, Għawdex

Vjaġġ lejn il-belt kapitali ta' Għawdex għal lejl ta' opra fit-Teatru Astra saret tradizzjoni fost dawk li jħobbu l-kultura fil-Gżejjer Maltin. Mill-inawgurazzjoni tiegħu fl-1968 l-Astra ospita fost l-aqwa talent tal-kant fid-dinja – u ppreżenta opri grandjużi bħal *Rigoletto, Il Barbiere di Siviglia*, Aida u ħafna oħrajn. It-tenur magħruf madwar id-dinja Joseph Calleja għamel id-debutt tal-opra tiegħu f'*Macbeth* fl-1997. Fl-2018, l-udjenzi se jkunu kapaċi jgawdu l-klassika ta' Giacomo Puccini *Manon Lescaut*, akkumpanjata mill-Orkestra Filarmonika Nazzjonali taħt id-direzzjoni tal-Meastro Joseph Vella. Il-klassika ta' Puccini dwar mara li tixtieq kollox – imħabba, lussu u ambizzjoni – f'soċjetà li tillimita l-għażliet tagħha għadha ssaħħar lill-udjenzi moderni.



c. Neville Borg



## MUSIC FESTIVALS

FROM DOOM METAL TO ACCORDIONS, BAROQUE COMPOSITIONS TO ALTERNATIVE SOUNDS, POP ANTHEMS TO JAZZ SESSIONS AND ELECTRONIC CONCERTS. OUR VARIED RUN OF MUSIC FESTIVALS IS SURE TO STRIKE A CHORD WITH MUSIC LOVERS ALL OVER THE ISLANDS.

### FESTIVALS TAL-MUŻIKA

MINN DOOM METAL GĦAL KUNĊERTINI, MINN KOMPOŻIZZJONIJIET BAROKKI GĦAL ĦSEJJES ALTERNATTIVI, MINN INNIJIET POP GĦAL SESSJONIJIET JAZZ U KUNĊERTI ELETTRONIĊI. L-GĦAŻLA VARJATA TA' FESTIVALS MUŻIKALI LI SER NOFFRULKOM ŻGUR SER TOLQOT IL-GOSTI TA' KULL MIN IĦOBB IL-MUŻIKA F'DAWN IL-GŻEJJER.



c. Nine Lamentations at St Nicholas Church

# MALTA INTERNATIONAL BAROQUE FESTIVAL

Valletta, Mdina, The Three Cities

13 - 27 January 2018

Each year, the Valletta International Baroque Festival draws crowds to the capital city with two weeks of world-class contemporary Baroque music. Previous editions have boasted a renowned line-up of artists – Mahan Esfahani, Philippe Herreweghe, Jordi Savall, Iestyn Davies and Christophe Rousset – and this edition promises an equally enticing music programme. The popular music festival also gave rise to the Valletta International Baroque Ensemble (VIBE) – a local group devoted to performing Renaissance and Baroque music in a historically informed way on original period instruments. In addition to its regular programme, 2018 also sees the Valletta International Baroque Festival bringing its magic out to play during Valletta 2018's Opening Weekend.

**Produced and Managed by //** *Prodott u Mmexxi minn:* Teatru Manoel

**Supported by //** *Bl-Appoġġ ta':* Valletta 2018

**FESTIVAL INTERNAZZJONALI TAL-BAROKK TAL-BELT VALLETTA**

13 - 27 ta' Jannar 2018

Il-Belt Valletta, L-Imdina u t-Tlett Ibliet

Kull sena, il-Festival Internazzjonali tal-Barokk jiġbed il-folol lejn il-belt kapitali b'ġimgħatejn mużika Barokka kontemporanja ta' klassi dinjija. L-edizzjonijiet preċedenti ppreżentaw b'sodisfazzjon elenku ta' artisti bħal Mahan Esfahani, Philippe Herreweghe, Jordi Savall, Lestyn Davies u Christophe Rousset. Din l-edizzjoni twiegħed programm mużikali daqstant ieħor eċċitanti. Dan il-festival ta' mużika popolari wiled ukoll il-*Valletta International Baroque Ensemble* (VIBE) – grupp lokali ddedikat għall-prestazzjonijiet mgħarrfa mill-istorja ta' mużika Rinaxximentali u Barokka, bi strumenti tal-perjodu oriġinali. Flimkien mal-programm regolari tiegħu, fl-2018 il-Festival Internazzjonali tal-Barokk mistenni jkun qed jixħet il-maġija mużikali tiegħu matul il-Ftuħ ta' Valletta 2018.



c. The King's Consort

# 2018 ACCORDION FESTIVAL

3 & 4 April 2018
Corinthia Palace Hotel, Attard



This festival dedicated to accordion music is organised by the Santa Maria Accordion Band in Malta and the Accord Orchestra Potsdam from Germany, an organization that seeks to bring the unique sound of the accordion to audiences in different countries at least once a year. In 2018, this initiative brings local and international musicians together on the Maltese Islands for two large-scale concerts where accordionists and accordion enthusiasts of all ages and nationalities can share their passion for this complex instrument.

**Created and Organised by //** *Maħluq u Organizzat minn:* Santa Maria Accordion Band
**In Collaboration with //** *Bil-Kollaborazzjoni ta':* Accord Orchestra Potsdam
**Supported by //** *Bl-Appoġġ ta':* Valletta 2018

**2018 ACCORDION FESTIVAL**
Fit-3 u fl-4 ta' April 2018
Corinthia Palace, Ħ'Attard

Dan il-festival iddedikat għall-mużika bl-akkordjin jiġi organizzat mis-Santa Maria Accordion Band f'Malta u mill-Accord Orchestra Potsdam fil-Ġermanja – organizzazzjoni li tfittex li twassal il-ħoss uniku tal-akkordjin lil udjenzi minn pajjiżi differenti mill-inqas darba fis-sena. Fl-2018 din l-inizjattiva ser tlaqqa' mużiċisti lokali u internazzjonali fil-Gżejjer Maltin għal żewġ kunċerti fuq skala kbira fejn l-akkordjinisti u dawk li jħobbu l-akkordjin minn kull età u pajjiż jistgħu jaqsmu l-passjoni tagħhom għal dan l-istrument kumpless.

# CIRCUITS 2018 - AN ELECTRONIC MUSIC CONCERT AND CONFERENCE

**7 April 2018**

**St James Cavalier, Valletta**



This annual conference is led by the voluntary organisation, Electronic Music Malta, with the 2016 and 2017 editions held in collaboration with *Fondazzjoni Kreattività*. Over the course of a day, the conference showcases a mix of arts, music and technology related to electronic music performance and production: installations, talks, workshops, challenges, equipment, expositions and a final performance. In 2018, Circuits will also host an interactive music installation at St James Cavalier, a series of talks by two international electronic music artists, and a performance on modular synthesisers. University and MCAST students are invited to participate in the organisation of the upcoming conference, which offers great networking in the sphere of electronic and world music and visual arts.

**Created and Organised by //** *Maħluq u Organizzat minn:* Electronic Music Malta
**Supported by //** *Bl-Appoġġ ta':* Valletta 2018

**CIRCUITS 2018 – KUNĊERT TA' MUŻIKA ELETTRONIKA U KONFERENZA**
7 ta' April 2018
Il-Kavallier ta' San Ġakbu, Valletta

Din il-konferenza annwali hija mmexxija mill-organizzazzjoni volontarja Electronic Music Malta. L-edizzjonijiet tal-2016 u tal-2017 ittellgħu flimkien mal-Fondazzjoni Kreattività. Matul il-ġurnata, il-konferenza turi taħlita ta' arti, mużika u teknoloġija marbuta mal-prestazzjoni u mal-produzzjoni tal-mużika elettronika: installazzjonijiet, taħditiet, *workshops*, sfidi, apparat, espożizzjonijiet u mbagħad prestazzjoni finali. Fl-2018, *Circuits* ser jospita wkoll installazzjoni mużikali interattiva fil-Kavallier ta' San Ġakbu, sensiela ta' taħdidiet minn żewġ artisti internazzjonali tal-mużika elettronika, u prestazzjoni fuq sintetizzaturi modulari. L-istudenti tal-Università u tal-MCAST huma mistiedna jieħdu sehem fl-organizzazzjoni tal-konferenza li ġejja, li ser toffri possibiltajiet kbar ta' netwerking fl-isferi tal-mużika elettronika, tal-mużika dinjija u tal-arti viżiva.

# ROCK THE SOUTH 2018

20 - 22 April 2018 // Rock the South 2018
Zion Bar, Marsascala
Date TBC // Rock the City 2018
Valletta, Venue TBC



c. Rock the South 2017

To celebrate Valletta 2018, Rock the South is hosting a special edition of this popular annual music festival, which includes an exclusive one-night event by the name of Rock the City. The spin-off event brings an exciting line-up of alternative acts and DJ sets into the heart of Valletta. Now in its 6th edition, Rock the South has become a staple of the local alternative music scene. Throughout the years the festival has hosted over one hundred bands, including an ever-growing list of high-quality international acts, establishing itself as the leading showcase for alternative talent in Malta. Each year, Rock the South treats music lovers to a packed line-up of forty local and international music acts, as well as DJs playing throughout the weekend.

**Created and Organised by //** *Maħluq u Organizzat minn:* Nick Morales
**Supported by //** *Bl-Appoġġ ta':* Valletta 2018

**ROCK THE SOUTH 2018**

20 - 22 ta' April 2018 - *Rock the South* 2018
Zion Bar, Marsascala
Id-dati jitħabbru aktar tard - *Rock the City* 2018
Il-Belt Valletta, Il-post jitħabbar aktar tard

Biex jiċċelebra lil Valletta 2018, *Rock the South* ser jospita edizzjoni speċjali ta' dan il-festival mużikali annwali popolari, li din id-darba se jinkludi avveniment esklussiv ta' lejl wieħed bl-isem *Rock the City.* Din l-edizzjoni speċjali se ġġib elenku eċċitanti ta' esponenti alternattivi u DJ sets fil-qalba tal-Belt Valletta. Issa li wasal fis-sitt edizzjoni tiegħu, *Rock the South* sar appuntament permanenti tax-xena lokali tal-mużika alternattiva. Matul is-snin il-festival laqa' aktar minn mitt grupp b'lista dejjem tikber ta' esponenti internazzjonali ta' kwalità għolja, u b'hekk stabbilixxa ruħu bħala l-vetrina numru wieħed għat-talent alternattiv f'Malta. Kull sena, *Rock the South* jirregala lil dawk li jħobbu l-mużika katalogu sfieq b'erbgħin esponent mużikali lokali u internazzjonali, kif ukoll diversi DJs li jdoqqu tul tmiem il-ġimgħa kollu.





c. Mario Casha

# MALTA WORLD MUSIC FESTIVAL

May 2018
Venue TBC

Malta's strategic geography at the crossroads of the Mediterranean has contributed to its rich history and ever-growing cultural diversity. With a myriad of influences from the Mediterranean and beyond, the Maltese Islands are an ideal meeting point for an event as diverse as the Malta World Music Festival, which celebrates the beauty of cultural diversity through the expressive medium of music. The year 2018 will see the second edition of the festival unfold with another great line up of local bands and a number of highly acclaimed international world music acts.

**Created and Organised by //** *Maħluq u Organizzat minn:* Arts Council Malta // *Kunsill Malti għall-Arti*
**Supported by //** *Bl-Appoġġ ta':* Valletta 2018



**MALTA WORLD MUSIC FESTIVAL**
F'Mejju 2018
Il-post jitħabbar aktar tard

Il-ġeografija strateġika ta' Malta f'salib it-toroq tal-Mediterran tat il-kontribut tagħha fl-istorja rikka tagħha u fid-diversità kulturali dejjem tikber li tħaddan. B'ħafna influwenzi mill-Mediterran u lil hinn, il-Gżejjer Maltin huma punt ta' inkontru ideali għal avveniment tant varjat bħall-*Malta World Music Festival,* li jiċċelebra s-sbuħija tad-diversità kulturali bil-mezz espressiv tal-mużika. Is-sena 2018 ser tara t-tieni edizzjoni tal-festival tiżvolġi b'elenku eċċellenti ieħor ta' gruppi lokali u għadd ta' esponenti internazzjonali tal-ġeneru world music b'reputazzjoni kritika tajba.

# EARTH GARDEN FESTIVAL 2018

31 May - 3 June 2018
Ta' Qali



For twelve years, the Earth Garden festival has been hosting local and international musicians and fans in a friendly and environmentally conscious space. Today, the festival's line-up of alternative acts and its safe community vibe attracts an audience of more than 150,000 people each year. The Earth Garden festival is a well-recognised local brand that brings an eclectic array of musical styles to our legendary Maltese summers – a feast of colours, sounds and positive energy. With four music areas, over thirty-five live acts and DJs, two camping zones complete with amenities, food stalls and various chill out zones, it's become a staple event on the local cultural calendar.

**Created and Organised by //** *Maħluq u Organizzat minn:* Reuben Spiteri
**Supported by //** *Bl-Appoġġ ta':* Valletta 2018

**EARTH GARDEN FESTIVAL 2018**
Mill-31 ta' Mejju sat-3 ta' Ġunju 2018
Ta' Qali

Tul tnax-il sena, il-festival *Earth Garden* laqa' mużiċisti u segwaċi mużikali lokali u internazzjonali f'ambjent amikevoli u fi spazju konxju mill-ambjent. Illum, l-elenku tal-festival ta' esponenti alternattivi u l-atmosfera ta' komunità sikura tiegħu jattiraw udjenza li taqbeż il-150,000 persuna kull sena. Il-festival *Earth Garden* huwa marka lokali magħrufa ħafna li ġġib firxa eklettika ta' stili mużikali lis-sjuf leġġendarji Maltin tagħna – festa ta' lwien, ħsejjes u enerġija pożittiva. B'erba' żoni mużikali differenti, b'aktar minn ħamsa u tletin grupp u DJs lajv, b'żewġ żoni tal-ikkampjar mgħammra b'bosta faċilitajiet, bi stands tal-ikel u b'diversi żoni *chill-out*, dan il-festival sar avveniment ewlieni fil-kalendarju kulturali lokali.

# GĦANAFEST

**June 2018**

**Buskett Gardens, Siġġiewi**



c. Stephen Buħagiar

Every Summer, this two-day music festival dedicated to traditional Maltese *Għana*, or folk song, sets up stage in Malta's magical Buskett Gardens. Now in its eleventh edition, the festival strives to expand its reach and repertoire, bringing audiences a fresh set of folk soundscapes from beyond our shores and encouraging creative exchange between local and international artists working in this ever-evolving genre. Nowadays, *Għanafest* also organizes fringe events with local folk singers and songwriters; with *Għana* veterans and newcomers touring major village feasts all over the Island, this well-respected festival never rests on its laurels, continuously strengthening its roots and tending to the next generation of folk artists on our Islands.

**Created and Organised by //** *Maħluq u Organizzat minn:* Arts Council Malta // *Kunsill Malti għall-Arti*
**Supported by //** *Bl-Appoġġ ta':* Valletta 2018

**GĦANAFEST**
F'Ġunju 2018
Il-Buskett, Is-Siġġiewi

Kull sajf, dan il-festival mużikali ta' jumejn iddedikat lill-Għana Malti tradizzjonali, jew għall-kanzunetta folkloristika, jarma l-palk tiegħu fil-ġonna maġiċi tal-Buskett. Issa li wasal fil-ħdax-il edizzjoni tiegħu, il-festival qed ifittex li jwessa' l-ambitu u r-repertorju tiegħu billi jwassal lill-udjenzi sett ġdid ta' ħsejjes *folk* minn lil hinn mix-xtut tagħna u jħeġġeġ skambju kreattiv bejn artisti lokali u internazzjonali li jaħdmu f'dan il-ġeneru li baqa' dejjem jevolvi. Illum il-ġurnata, Għanafest jorganizza wkoll avvenimenti marġinali ma' kantanti u ma' kittieba lokali tal-kanzunetti folkloristiċi. B'esponenti veterani tal-Għana u b'oħrajn ġodda jżuru l-festi l-kbar tal-irħula mal-Gżira kollha, dan il-festival tabilħaqq rispettat qatt ma jehda jistrieħ fuq is-suċċessi tal-bieraħ, iżda minflok jibqa' jsaħħaħ għeruqu u jixħet għajnejh fuq il-ġenerazzjoni ġejjiena ta' artisti *folk* fil-Gżejjer tagħna.

# MALTA INTERNATIONAL JAZZ FESTIVAL // JAZZ ON THE FRINGE

July 2018
Valletta


c. Stefano Vella Photography

The Malta International Jazz Festival is undoubtedly one of the more eclectic musical celebrations in the Valletta 2018 Programme. Bringing together some of the best Maltese and international artists, this event promises to thrill its audience with contemporary jazz styles that are currently dominating the musical scene. Each year, the festival brings a variety of world-renowned artists to perform in the capital city, with previous editions having hosted world-class performers such as Wayne Shorter, Herbie Hancock, Michael Brecker and Brad Mehldau. With a variety of gripping main sets and fringe events staged under Malta's starry summer sky, the Malta International Jazz Festival has become a staple favourite on the local cultural calendar.

**Created and Organised by //** *Maħluq u Organizzat minn:* Arts Council Malta // *Kunsill Malti għall-Arti*
**Supported by //** *Bl-Appoġġ ta':* Valletta 2018

**MALTA INTERNATIONAL JAZZ FESTIVAL // JAZZ ON THE FRINGE**
F'Lulju 2018
Il-Belt, Valletta

Il-*Malta International Jazz Festival* huwa bla dubju wieħed mill-aktar ċelebrazzjonijiet mużikali eklettiċi fil-Programm ta' Valletta 2018. Billi jlaqqa' flimkien xi wħud mill-aħjar artisti lokali u internazzjonali, dan l-avveniment iwiegħed li jqanqal lill-udjenza tiegħu bi stili ta' jazz kontemporanju li qegħdin jiddominaw ix-xena mużikali fil-mument. Kull sena, il-festival iġib fostna varjetà ta' artisti ta' fama dinjija biex idoqqu fil-belt kapitali – l-edizzjonijiet preċedenti ospitaw artisti ta' livell dinji bħal Wayne Shorter, Herbie Hancock, Michael Brecker u Brad Mehldau. B'varjetà ta' settijiet ewlenin eċċitanti u b'għadd ta' avvenimenti marġinali mtella' taħt is-sema mkewkeb ta' Malta, il-*Malta International Jazz Festival* sar wieħed mill-avvenimenti favoriti ewlenin fil-kalendarju kulturali lokali.

# BEWYLD FESTIVAL

21 - 23 September 2018

Boċċi Club, Gżira



c. Oliver Degabriele

By definition, 'be wild' means 'to be very enthusiastic about something or someone'. 'BEWYLD' is all that and more; a mini-DIY festival devoted to showcasing lo-fi, quirky music. The festival brings together several local and international acts on a new kind of platform, where artists and audiences meet in a friendly, collaborative and creative space. As an event that also does away with the conventional notion of supporting or opening acts, it's a great informal space where established and upcoming musicians and their audiences can connect while enjoying an eclectic platter of musical styles.

**Created and Organised by //** *Maħluq u Organizzat minn:* Shawn James

**Supported by //** *Bl-Appoġġ ta':* Valletta 2018

**BEWYLD FESTIVAL**

21 – 23 ta' Settembru 2018

Fil-Klabb tal-Boċċi, il-Gżira

Id-definizzjoni tal-frażi Ingliża "be wild" hija "li tkun kollok entużjażmu dwar xi ħaġa jew xi ħadd". "BEWYLD" huwa dan kollu u aktar – *mini-DIY* festival iddedikat lill-preżentazzjoni ta' mużika *lo-fi* b'xeħta stramba. Il-festival ilaqqa' flimkien diversi esponenti lokali u internazzjonali fuq għamla ta' pjattaforma ġdida, fejn l-artisti u l-udjenzi jiltaqgħu f'ambjent amikevoli, kollaborattiv u kreattiv. Bħala avveniment li jżomm alalarga mill-prattika stabbilita ta' gruppi li jappoġġjaw jew jiftħu l-festival, "BEWYLD" huwa spazju informali wiesa' fejn mużiċisti stabbiliti u oħrajn ġejjiena u l-udjenzi tagħhom jistgħu jsiru konnessi ma' xulxin filwaqt li jgawdu selezzjoni eklettika ta' stili mużikali.

# MALTA DOOM METAL FESTIVAL 2018

19 & 20 October 2018

Chateau Buskett, Siġġiewi



c. Alexia Baldacchino (Loudpix)

An annual festival dedicated to rock music and heavy metal, Malta Doom Metal festival (MDM) was founded in 2009. Since then MDM has established a stable cult following that attracts a large number of foreign attendees and has been voted among the Top 10 international heavy metal festivals of the year. To commemorate its 10th edition, MDM will be roping in an enhanced line-up featuring underground local and foreign bands; a mix that includes upcoming acts looking to attract new audiences, as well as some of the leading names on the international underground metal scene. As Valletta celebrates its year as European Capital of Culture, the 2018 edition of MDM is set to expand its audience reach and metal network further than ever before.

**Created and Organised by //** *Maħluq u Organizzat minn:* First Light Productions
**Supported by //** *Bl-Appoġġ ta':* Valletta 2018

**MALTA DOOM METAL FESTIVAL**
Fid-19 u fl-20 ta' Ottubru 2018
F'Chateau Buskett, is-Siġġiewi

Fl-2009 twaqqaf festival annwali ddedikat għall-mużika *rock* u *heavy metal* – il-*Malta Doom Metal Festival* (MDM). Maż-żmien l-MDM stabbilixxa kult ta' segwitu stabbli li sar jiġbed lejh għadd kbir ta' barranin, u saħansitra ġie vvutat bħala wieħed mill-Aqwa 10 Festivals Internazzjonali tal-*heavy metal*. Biex jiċċelebra l-għaxar edizzjoni tiegħu, l-MDM ser jinkludi elenku usa' ta' gruppi lokali u barranin mix-xena *underground*. Din ser tkun taħlita li tħaddan esponenti ġodda li jridu jiġbdu udjenzi ġodda, kif ukoll uħud mill-ismijiet ewlenin fix-xena underground internazzjonali tal-ġeneru metal. Filwaqt li l-Belt Valletta ser tkun qed tiċċelebra s-sena tagħha bħala Kapitali Ewropea tal-Kultura, l-edizzjoni tal-MDM tal-2018 mistennija twessa', iktar minn qatt qabel, l-ambitu tal-udjenza tagħha u n-netwerk tal-*metal*.



c. Alexia Baldacchino (Loudpix)



c. Mario Casha



## WORLD SOUNDS

# A STRONG COLLABORATIVE SPIRIT RUNS THROUGH THE DIVERSE SOUNDS OF OUR WORLD MUSIC PROGRAMME. WITH PERFORMANCES AND WORKSHOPS CREATED TO SHARE POWERFUL RHYTHMS AND EXPERIENCES, THIS IS A SPACE WHERE MUSIC TRANSCENDS BORDERS.

**MUŻIKA DINJIJA**

IN-NUMRU VARJAT TA' ĦSEJJES FIL-PROGRAMM TAL-MUŻIKA DINJIJA LI ĦEJJEJNIELKOM SER JIDWI SPIRTU KOLLABORATTIV B'SAĦĦTU. BI PRESTAZZJONIJIET U SESSJONIJIET TA' ĦIDMA MAĦLUQIN BIEX JAQSMU MAGĦNA RITMI U ESPERJENZI QAWWIJIN, DAN HUWA SPAZJU FEJN IL-MUŻIKA M'GĦANDHIEX FRUNTIERI.



c. Charles Paul Azzopardi

# MODERN MUSIC DAYS

**February // The Cave**
**March // MMD - Toi Toi**
**July // Bandli**
**September // Calligraphy**
**December // Music in Motion**


c. Stephen Buhagiar



Modern Music Days (MMD) promotes the performance and appreciation of twentieth century repertoire and contemporary music in Malta through a series of projects that build connections between creatives in the field of music. In this way, the project fosters an interdisciplinary approach to music and introduces contemporary music to new audiences. This initiative seeks to build a relationship between local musicians and international artists and organisations, thus giving local artists the opportunity to move beyond the local music scene through diverse collaborations.

**Created and Organised by //** *Maħluq u Organizzat minn:* Teatru Manoel, Malta Association of Contemporary Music, Valletta 2018

**MODERN MUSIC DAYS**
Fi Frar 2018 - The Cave
F'Marzu 2018 - MMD - Toi Toi
F'Lulju 2018 - Bandli
F'Settembru 2018 - Kaligrafija
F'Diċembru 2018 - Music in Motion

Modern Music Days (MMD) jippromwovi l-prestazzjoni u l-apprezzament tar-repertorju tas-seklu għoxrin u tal-mużika kontemporanja f'Malta b'sensiela ta' proġetti li jibnu konnessjonijiet bejn il-persuni kreattivi fil-qasam tal-mużika. B'dan il-mod, il-proġett irawwem approċċ interdixxiplinarju għall-mużika u jintroduċi l-mużika kontemporanja lil udjenzi ġodda. Din l-inizjattiva tfittex li tibni rapport bejn mużiċisti lokali u artisti u organizzazzjonijiet internazzjonali, u b'hekk, permezz ta' kollaborazzjonijiet diversi, tagħti lill-artisti lokali l-opportunità li jmorru lil hinn mix-xena mużikali lokali.

# THE OTHER EUROPEANS

3 February 2018

St Agatha's Auditorium, Rabat



c. Paweł Mazur

Fourteen leading *klezmer* (Yiddish) and *lautari* (Roma) musicians, unite to lead a multi-cultural experience. Formed and directed by Alan Bern, and funded by a grant from the European Union, this performance presents a supergroup that creates powerful, deeply emotional music. Theirs is a collective sound that restores a centuries-old cooperation between two groups who inhabited the same space in present-day Moldova before being torn apart by war, the holocaust and immigration. Featuring distinguished soloists from seven countries, The Other Europeans – which received the Best Practices in Favour of the Roma Community award from the European Commission – seeks to build new cultural relationships, mainly between two peoples often considered marginally European, but who have played a key role in creating and transmitting European musical traditions.

**Created by //** *Maħluq minn:* Alan Bern

**Organised by //** *Organizzat minn:* Valletta 2018

**Financed by //** *Finanzjat mill-:* Partly financed by a grant from the European Union // *Parzjalment iffinanzjat minn għotja mill-Unjoni Ewropea*

**THE OTHER EUROPEANS**

3 ta' Frar 2018

Fl-Awditorju ta' Sant'Agata, ir-Rabat

Erbatax-il mużiċist *klezmer* (Yiddish) u *lautari* (Roma) ewlenin ser jingħaqdu biex imexxu esperjenza multikulturali. Imfassla u ggwidata minn Alan Bern u ffinanzjata b'għotja mill-Unjoni Ewropea, din il-prestazzjoni tippreżenta supergrupp li joħloq mużika qawwija li tmiss l-emozzjonijiet mill-qiegħ. Il-ħoss tagħhom huwa ħoss kollettiv li jirreżona koperazzjoni antika sekli bejn żewġ gruppi li kienu jgħixu fl-istess spazju tal-Moldova ta' żmienna qabel ma nfirdu kaġun tal-gwerra, tal-olokawstu u tal-immigrazzjoni. Bil-preżentazzjoni ta' solisti distinti minn seba' pajjiżi, *The Other Europeans* – li ngħata l-premju *Best Practices in Favour of the Roma Community* mill-Kummissjoni Ewropea – ifittex li jibni rapporti kulturali ġodda, prinċipalment bejn żewġ popli li spiss jitqiesu Ewropej b'mod mariġnali biss, iżda li madankollu kellhom rwol ewlieni fil-ħolqien u fix-xandir tat-tradizzjonijiet mużikali Ewropej.

# MOKADELIC PERFORM GOMORRAH

**10 February 2018**

**Valletta Campus Theatre, Old University Building, Valletta**



Inside the immersive atmosphere of the MITP 'black box' theatre, experimental Italian band Mokadelic prepare to unleash a heady mix of ambient, post-rock and neo-psychedelic sounds. Mokadelic have earned a reputation for emotional musical backdrops, and this set unrolls music from their albums and soundtracks, including their haunting score for the hit television series, Gomorrah. The experimental Maltese band Eyes to Argus opens for the legendary main act, bringing to bear their signature fluid, dreamy soundscapes that play with mood, ambience and an eclectic range of influences. With two nights of atmospheric music set in our capital, it's a rare treat for long-standing fans of experimental genres and anyone curious enough to listen in.

**Organised by //** *Organizzat minn:* Hairy Amp
**With the Participation of //** *Bil-Parteċipazzjoni ta':* Mokadelic, Eyes to Argus
**Supported by //** *Bl-Appoġġ ta':* Valletta 2018

**MOKADELIC JIPPREŻENTAW GOMORRAH**

10 ta' Frar 2018

Fit-Teatru tal-Kampus tal-Belt Valletta, l-Università l-Qadima

Fl-atmosfera immersiva tat-teatru *black box* tal-MITP, il-grupp sperimentali Taljan Mokadelic ser iħejji ruħu biex ixeħħet taħlita alluċinanti ta' ħsejjes mill-ġeneri *ambient, post-rock u neo-psikadelja*. Mokadelic kiseb reputazzjoni għall-ħolqien ta' sfondi mużikali emotivi, u dan is-sett partikolari se jiżvolġi b'mużika mill-albums u mis-*soundtracks* tiegħu, inklużi l-kompożizzjonijiet għas-serje televiżiva ta' suċċess *Gomorrah*. Il-grupp sperimentali Malti *Eyes to Argus* ser jiftaħ is-serata għal dan l-esponent prinċipali leġġendarju, billi jiżvela dawk il-ħsejjes fluwidi u ħalliema tipiċi tiegħu li jilagħbu bil-burdata, bl-atmosfera u b'firxa eklettika ta' influwenzi. B'żewġ iljieli ta' mużika atmosferika fil-kapital tagħna, dan ser ikun rigal rari għas-segwaċi akkaniti tal-ġeneri sperimentali u għal dawk li tegħlibhom il-kurżità biex jisimgħu.

# THE MEDITERRANEAN DIMENSION

March 2018

St James Cavalier, Valletta



c. Rene Rossignaud

This collaborative platform presented by Valletta 2018 deals with themes of conflict and exile, extending a hand of friendship to Mediterranean artists affected by the struggles of war in their own country. As part of the *Festival d'Aix-en-Provence* hosted by the Egyptian Centre, the project scouts for talent through auditions, workshops and strategic networking. These spaces are designed to create a safe space for dialogue where all Mediterranean artists are free to share their experiences creatively and develop their professional practice together.

**Created by //** *Maħluq minn:* ARC Research & Consultancy

**In Collaboration with //** *Bil-Kollaborazzjoni tal-:* Arts Council Malta // *Kunsill Malti għall-Arti*

**Supported by //** *Bl-Appoġġ tal-:* Arts Council Malta and Valletta 2018 Foundation - Malta Arts Fund Multi-Annual Support Grant // *Kunsill Malti għall-Arti u l-Fondazzoni Valletta 2018 – Malta Arts Fund Multi-Annual Support Grant.*

**THE MEDITERRANEAN DIMENSION**

F'Marzu 2018

Fil-Kavallier ta' San Ġakbu, Il-Belt Valletta

Din il-pjattaforma kollaborattiva ppreżentata minn Valletta 2018 tittratta temi ta' kunflitt u eżilju, filwaqt li testendi id ta' ħbiberija lejn l-artisti Mediterranji milquta mill-ġlied tal-gwerra f'pajjiżhom stess. Bħala parti mill-Festival *d'Aix-en-Provence* ospitat miċ-Ċentru Eġizzjan, il-proġett jesplora t-talent permezz ta' provi, *workshops* u netwerking strateġiku. Dawn l-ispazji tfasslu apposta biex joħolqu spazju ta' djalogu sigur fejn l-artisti Mediterranji kollha jkunu ħielsa li jaqsmu l-esperjenzi tagħhom b'mod kreattiv u jiżviluppaw flimkien il-prattika professjonali tagħhom.

# IDA KELAROVA'S JAZZ FAMELIJA

10 March 2018
Gozo



Ida Kelarova invites the best of Czech and Slovak musicians to collaborate on this music formation that links Romani harmonies and Latin-American rhythms to the sound of a jazz band. Besides classical compositions from previous albums and folk Romani songs, the repertoire also covers new songs composed by the lead singer, guitarist and bandleader, Desiderius Dužda. All the while, Ida Kelarova opens her heart to the audience, investing her legendary voice into this passionate performance. The locally-based Organic Choir will open for the show and collaborating with Ida Kelarova's Jazz Famelija later in the set. Kelarova will also present a short workshop based around her 'Everyone Can Sing' concept.

**Created by //** *Maħluq minn:* Ida Kelarova
**Organised by //** *Organizzat minn:* Valletta 2018
**In Collaboration with //** *Bil-Kollaborazzjoni ta':* Organic Choir

**JAZZ FAMELIJA TA' IDA KELAROVA**
10 ta' Marzu 2018
F' Għawdex

Ida Kelarova tistieden lill-aqwa mużiċisti Ċeki u Slovakki biex jaħdmu flimkien f'din il-formazzjoni mużikali li torbot l-armoniji Romani u r-ritmi Latin-Amerikani mal-ħoss ta' grupp jazz. Minbarra l-kompożizzjonijiet klassiċi minn albums preċedenti u kanzunetti Romani folkloristiċi, ir-repertorju tagħha jkopri wkoll kanzunetti ġodda miktuba mill-kantant, il-kitarrist u l-mexxej tal-grupp *Desiderius Dužda*. Fl-istess waqt Ida Kelarova ser tkun qed tiftaħ qalbha lill-udjenza, billi tħaddem il-vuċi leġġendarja tagħha f'din il-prestazzjoni mqanqla. L-esponent lokali Organic Choir ser jiftaħ l-ispettaklu u jikkollabora mal-Jazz Famelija ta' Ida Kelarova aktar tard matul is-sett. Kelarova ser tippreżenta wkoll *workshop* qasir imsejjes fuq il-kunċett 'Kulħadd Jista' Jkanta'.



# UNITY IN MUSIC DIVERSITY

25 March 2018

Chateau Buskett, Siġġiewi

Unity in Music Diversity is a DJ music festival that hosts diverse genres, with multiple DJs playing sets in a single venue. The concept behind this gathering is to present the different sounds and beats that have spawned so much diversity in dance music under one roof. The audience is encouraged to explore the different styles; to move around, linger or better still, dance to the different styles that will be creating the rhythmic soundtrack for this event. The festival also showcases diverse technologies related to different music genres, giving new talent a platform from which to launch innovative styles and reach out to local audiences.

**Created and Organised by //** *Maħluq u Organizzat minn:* Joven Grech

**Supported by //** *Bl-Appoġġ ta':* Valletta 2018

**UNITY IN MUSIC DIVERSITY**

25 ta' Marzu 2018

F'*Chateau Buskett,* Is-Siġġiewi

*Unity in Music Diversity* huwa festival tal-mużika tad-DJs li jħaddan bosta ġeneri, b'diversi DJs idoqqu settijiet tagħhom f'post wieħed. Il-kunċett wara dan it-tlaqqigħ huwa li jippreżenta, taħt l-istess saqaf, il-ħsejjes u r-ritmi differenti li skjeraw tant diversità fil-mużika *dance.* L-udjenza ser titħeġġeġ tesplora l-istili differenti, timraħ, titnikker – jew aħjar – tiżfen mal-istili differenti li ser jinsġu *soundtrack* ritmiku għal dan l-avveniment. Il-festival ser juri wkoll diversi teknoloġiji marbuta ma' ġeneri mużikali differenti, u b'hekk joħloq pjattaforma biex it-talent il-ġdid ikun jista' jvara stili innovattivi u jilħaq udjenzi lokali.

# APOCALYPSE TRIO // VINCENZO DELUCI

**20 April 2018**
**Sir Temi Zammit Hall, University of Malta Campus, Msida**



The Apocalypse Trio is the brainchild of three Apulian musical navigators who, with their experience and vision, explore new musical worlds by combining acoustic and electronic instruments to create new electro-jazz with a contemporary feel. The trio, made up of Vincenzo Deluci, Camillo Pace and Giuseppe Mariani, tirelessly strive to look for music that breaks with the past while expressing their electric roots – namely rock, jazz, contemporary and ancient music – in an unprecedented fusion. This isn't your average performance. It's a musical mosaic that's built on sound-based architecture: broken rhythms, interventions, a schizoid trumpet, and bass and electronic elements. Maltese act Gomez's Experiment will also be performing on the night – will the night bring a spontaneous collaboration? There's only one way to find out...

**Created by //** *Maħluq minn:* Vincenzo Deluci
**Organised by //** *Organizzat minn:* Valletta 2018
**In Collaboration with //** *Bil-Kollaborazzjoni ta':* Gomez's Experiment

**APOCALYPSE TRIO // VINCENZO DELUCI**
20 ta' April 2018
Fis-Sala Sir Temi Zammit, Fil-Kampus tal-Universita' ta' Malta, l-Imsida

L-*Apocalypse Trio* huwa l-wild kreattiv ta' tliet navigaturi mużikali mir-reġjun Taljan tal-Puglia li bl-esperjenza u l-viżjoni tagħhom jesploraw dinjiet mużikali ġodda billi jlaqqgħu flimkien strumenti akustiċi u elettroniċi biex joħolqu elektro-jazz ġdid b'ħoss kontemporanju. It-triju, li huwa magħmul minn Vincenzo Deluci, Camillo Pace u Giuseppe Mariani, ifittex bla hedu mużika li tinfatam mill-imgħoddi filwaqt li jesprimi l-għeruq elettriċi tiegħu – jiġifieri r-*rock*, il-*jazz*, u l-mużika kontemporanja u antika – f'fużjoni sonora mingħajr preċedent. Din mhix il-prestazzjoni tas-soltu. Hija mużajk mużikali li nbena fuq arkitettura msejsa fuq il-ħoss: ritmi miksura, interventi, trumbetta skiżojde kif ukoll elementi tal-baxx u elettroniċi. Matul is-serata ser ikun qed idoqq ukoll l-esponent Malti *Gomez's Experiment*. Tgħid il-lejla ser toffri xi kollaborazzjoni spirtu pront? Tista' ssir taf b'mod wieħed biss...

# GUITARRA DE TIERRAS IMAGINARIAS

5 May 2018
Bacchus, Mdina



c. Fernando Ibarra

*Guitarra de Tierras Imaginarias* offers an exquisite journey into the fascinating world of the classical guitar. Apart from an opening performance by local band Tact, the concert will feature Maestro Carlos Eduardo Bojarski, an accomplished Argentinean musician of international repute with an interest in contemporary sounds. Maestro Bojarski is renowned for his inquisitive bent – a trait which he employs in his live interpretations, making each of his performances one-of-a-kind. The concert hosted by Valletta 2018 is unique in that Maestro Bojarski – amid his repertoire of works by Berio, and the Latin-American world renowned composers Alberto Ginastera and Hèitor Villa-Lobos – will also be performing two major guitar compositions by the contemporary Maltese composer Maestro John Zammit Pace, including the world premiere of his brand new Third Sonata.

**Created by //** *Maħluq minn:* Maestro Carlos Eduardo Bojarski
**Organised by //** *Organizzat minn:* Valletta 2018
**In Collaboration with //** *Bil-Kollaborazzjoni ta':* Tact

**GUITARRA DE TIERRAS IMAGINARIAS**
5 ta' Mejju 2018
Il-Bacchus, l-Imdina

*Guitarra de Tierras Imaginarias* joffri vjaġġ mill-isbaħ fid-dinja affaxxinanti tal-kitarra klassika. Apparti l-ftuħ mill-grupp lokali *Tact*, il-kunċert ser jinkludi lill-Maestro Carlos Eduardo Bojarski, mużiċist Arġentin stabbilit ta' fama internazzjonali b'interess fil-ħoss kontemporanju. Il-Maestro Bojarski huwa magħruf għax-xeħta kurjuża tiegħu – karatteristika li jħaddem fuq il-palk biex b'hekk kull prestazzjoni tiegħu ssir eċċezzjonali. Il-kunċert ospitat minn Valletta 2018 huwa uniku għax il-Maestro Bojarski – qalb ir-repertorju tiegħu ta' xogħlijiet minn Berio u mill-kompożituri magħrufa mad-dinja Latina-Amerikana Alberto Ginastera u Hèitor Villa-Lobos – ser idoqq ukoll żewġ kompożizzjonijiet maġġuri bil-kitarra mill-kompożitur kontemporanju Malti l-Maestro John Zammit Pace, inkluża l-*premiere* dinjija ġdida tiegħu *Third Sonata*.

# CALYPSO PROJECT: STORIES OF ISLANDS

**7 April 2018**
**Venue TBC**



Many islands in the Mediterranean Sea have unique and curious stories to share. Calypso Project: Stories of Islands invites you to undertake a musical journey through twelve Mediterranean islands, wherein their stories are told through music, words and musical instruments. A family of musicians composed of father, mother, son, and daughter-in-law, sing folk music in Italian, Sicilian, Sabir, Sardinian, and Spanish, while playing unusual musical instruments together on stage – the hurdy-gurdy, nickel harp, lira, accordion, shell, trumpet-violin, autoharp, and many others. During their performance resident communities share typical Maltese dishes seasoned with the aromas of the Mediterranean. It's an informal and friendly atmosphere that invites people to forge new friendships.

**Created and Organised by //** *Maħluq u Organizzat minn:* Finisterre
**Supported by //** *Bl-Appoġġ ta':* Valletta 2018

**CALYPSO PROJECT: STORIES OF ISLANDS**
7 ta' April 2018
Il-post jitħabbar aktar tard

Ħafna gżejjer fil-Baħar Mediterran għandhom stejjer uniċi u kurjużi x'jaqsmu. Il-*Calypso Project: Stories of Islands* jistiednek tagħmel vjaġġ mużikali ma' tnax-il gżira Mediterranja, fejn l-istejjer tagħhom jingħadu bil-mużika, bil-kliem u bl-istrumenti mużikali. Familja ta' mużiċisti magħmula minn missier, omm, iben u bint tar-rispett ser tkanta mużika folkloristika bit-Taljan, bl-Isqalli, bis-Sabir, bis-Sard u bl-Ispanjol, filwaqt li ddoqq fuq il-palk strumenti mużikali mhux tas-soltu – l-organistru, l-arpa tan-nijkel, il-lira, l-akkordjin, il-konċ, il-vijotrumbetta, l-*autoharp* u bosta oħrajn. Waqt il-prestazzjoni tagħhom, il-komunitajiet residenti ser jaqsmu platti tipiċi Maltin imħawra b'aromi Mediterranji. Ser tkun atmosfera informali u amikevoli li tistieden lin-nies biex joħolqu ħbiberiji ġodda.



# IRA LOSCO & FRIENDS: WOMEN IN MUSIC

Summer 2018
Pjazza Teatru Rjal, Valletta



Women in Music is a two-night event featuring Ira Losco & Friends, which brings a true treasure trove of music to our capital city. These concerts are a celebration of the integral roles that female artists have played in boosting both the local and international music industry, with vibrant performances that unite artists from different genres while celebrating women's creative collaborations. The line-up spans different generations and offers a music repertoire infused with diverse sounds, and that bridges music from the past and the present across myriad genres. Ira Losco & Friends: Women in Music promises to be a memorable event for music lovers of all genders and ages.

**Created and Organised by //** *Maħluq u Organizzat minn:* Ira Losco, Howard Keith
**Supported by //** *Bl-Appoġġ ta':* Valletta 2018

**IRA LOSCO & FRIENDS: WOMEN IN MUSIC**
Fis-sajf 2018
Fi Pjazza Teatru Rjal, Il-Belt Valletta

*Women in Music* huwa avveniment b'żewġ iljieli li ser jinkludi lil *Ira Losco & Friends* biex b'hekk iġib teżor mużikali ta' veru fil-belt kapitali tagħna. Dawn il-kunċerti huma ċelebrazzjoni tar-rwoli integrali li kellhom l-artisti nisa fit-tisħiħ tal-industrija mużikali lokali u internazzjonali, bi prestazzjonijiet vibranti li ser jgħaqqdu artisti minn ġeneri differenti filwaqt li jiċċelebraw il-kollaborazzjonijiet kreattivi tan-nisa. L-elenku jilħaq ġenerazzjonijiet differenti u joffri repertorju mużikali miżgħud bi ħsejjes differenti li jservi ta' pont mifrux tul għadd kbir ta' ġeneri bejn il-mużika tal-imgħoddi u dik tal-mument. *Ira Losco & Friends: Women in Music* iwiegħed avveniment li ma jintesiex għas-segwaċi tal-mużika ta' kull ġeneru u età.

# MAP OF THE MEDITERRANEAN

20 - 22 June 2018

Maori, Valletta



c. Jonathan Borg

Over the course of history, people have moved to other countries for many reasons: survival, hunger, persecution, climate change, and a new future. Sometimes they even move for love. Without migration and travel, the Mediterranean wouldn't be what it is today: a region with a rich array of cultural backgrounds and heritage. The Maltese poet Antoine Cassar wrote a poem about this theme, called Map of the Mediterranean. This poem moved Malta-based composer Luc Houtkamp and his *POW Ensemble* so deeply that they've created a show around the theme of migration in time for World Refugee Day. As Antoine Cassar recites his own poem, the experimental *POW Ensemble* perform newly composed songs about migration, the Mediterranean Sea and the current refugee crises.

**Created by //** *Maħluq minn:* Lucien Houtkamp
**In Collaboration with //** *Bil-Kollaborazzjoni ta':* Antoine Cassar, POW Ensemble
**Supported by //** *Bl-Appoġġ ta':* Valletta 2018

**MAP OF THE MEDITERRANEAN**
20 - 22 ta' Ġunju 2018
*F'Maori*, Il-Belt Valletta

Matul l-istorja n-nies iċċaqilqu lejn pajjiżi oħra għal ħafna raġunijiet: is-sopravivenza, il-ġuħ, il-persekuzzjoni, it-tibdil fil-klima u ġejjieni ġdid. Xi drabi jagħmlu dan saħansitra għall-imħabba. Mingħajr il-migrazzjoni u l-ivvjaġġar, il-Mediterran ma kienx ikun dak li hu llum: reġjun b'firxa rikka ta' sfondi u wirt kulturali. Il-poeta Malti Antoine Cassar kiteb poeżija dwar din it-tema bl-isem *Map of the Mediterranean*.

Din il-poeżija tant qanqlet lill-kompożitur ibbażat f'Malta Luc Houtkamp u lill-*POW Ensemble* tiegħu li ħolqu kunċert bit-tema tal-migrazzjoni għall-Jum Dinji għar-Rifuġjati. Waqt li Antoine Cassar ser ikun qed jinterpreta l-poeżija tiegħu, il-grupp sperimentali *POW Ensemble* ser idoqq kanzunetti ġodda li kiteb dan l-aħħar dwar il-migrazzjoni, il-Baħar Mediterran u l-kriżijiet attwali tar-refuġjati.

# CODE RED

29 June 2018 // First Performance
Valletta, Venue TBC
30 June 2018 // Second Performance
Valletta, Venue TBC



CODE Red is a project spearheaded by local youths, with music acting as a creative vehicle through which they seek to raise awareness about the perils of human trafficking – that's affecting the lives of many vulnerable young people across Europe and the entire world. The participating youths are themselves sound engineers and musicians, each one looking to improve their song writing and vocal skills while promoting musical expression as a language that transcends borders and embraces multiculturalism. The project seeks to make a real difference to young creative practitioners through initiatives that promote social inclusion, youth participation and meaningful exchange between the resident and international music and arts scene.

**Created and Organised by //** *Maħluq u Organizzat minn:* Alec Douglas
**Supported by //** *Bl-Appoġġ ta':* Valletta 2018

**CODE RED**
29 ta' Ġunju 2018 - L-Ewwel Prestazzjoni
Il-Belt Valletta, Il-post jitħabbar aktar tard
30 ta' Ġunju 2018 - It-Tieni Prestazzjoni
Il-Belt Valletta, Il-post jitħabbar aktar tard

*CODE Red* huwa proġett immexxi minn żgħażagħ lokali, b'mużika li taġixxi bħala vettura kreattiva li biha jfittxu li jqajmu kuxjenza dwar il-perikli tat-traffikar tal-bnedmin – fenomenu li qiegħed jolqot il-ħajjiet ta' ħafna żgħażagħ vulnerabbli fl-Ewropa u fid-dinja kollha. Iż-żgħażagħ li jieħdu sehem fihom huma inġiniera sonori u mużiċisti, b'kull wieħed minnhom ifittex li jtejjeb il-ħiliet tiegħu fil-kitba tal-kanzunetti u fil-kant filwaqt li jippromwovi l-espressjoni mużikali bħala lingwa li tittraxxendi l-fruntieri u li tħaddan il-multikulturaliżmu. Il-proġett għandu l-għan li jagħmel differenza reali lil prattikanti kreattivi żgħażagħ b'inizjattivi li jmexxu 'l quddiem l-inklużjoni soċjali, il-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ u skambji sinifikanti bejn ix-xena mużikali lokali u dik internazzjonali.

# BURHAN ÖÇAL'S BOSPHORUS QUARTET

13 July 2018

Misraħ iż-Żjara ta' Papa Ġwanni Pawlu II, Mellieħa



Valletta 2018's music programme is hosting a colourful musical melange delivered by Burhan Öçal's *Bosphorus Quartet*. Öçal is a multi-instrumentalist of international repute – a regular guest at leading jazz festivals who has given numerous concerts around the world. His roots in Anatolian, Thracian and Balkan music are at the core of his mission to combine different genres and cultural traditions, which he set out to do upon discovering Western music. Together with the *Bosphorus Quartet*, Öçal delivers music with a distinctly Mediterranean flavour. For Valletta 2018, Burhan Öçal's *Bosphorus Quartet* bring contemporary Turkish compositions and a mix of international pieces specially adapted for the occasion to the scenic village of Mellieħa.

**Created by //** *Maħluq minn:* Burhan Öçal
**Organised by //** *Organizzat minn:* Valletta 2018
**In Collaboration with //** *Bil-Kollaborazzjoni ta':* Chris Tanti

**BURHAN ÖÇAL'S BOSPHORUS QUARTET**

13 ta' Lulju 2018

Misraħ iż-Żjara ta' Papa Ġwanni Pawlu II, Il-Mellieħa

Il-programm mużikali ta' Valletta 2018 ser jospita taħlita mużikali mlewna mill-*Burhan Öçal's Bosphorus Quartet*. Öçal huwa multi-strumentalista b'fama internazzjonali u mistieden regolari f'bosta festivals maġġuri tal-jazz li ta diversi kunċerti mad-dinja kollha. L-għeruq tiegħu fil-mużika Anatoljana, Traka u Balkana jinsabu fil-qofol tal-missjoni tiegħu li jgħaqqad flimkien ġeneri u tradizzjonijiet kulturali differenti – xi ħaġa li tħajjar iwettaq wara li skopra l-mużika tal-Punent. Flimkien mal-*Bosphorus Quartet*, Öçal ser iwassal mużika b'togħma tipika Mediterranja. Għal Valletta 2018, il-*Burhan Öçal's Bosphorus Quartet* ser jippreżenta kompożizzjonijiet Torok kontemporanji u taħlita ta' siltiet internazzjonali adattati apposta għall-okkażjoni fir-raħal pittoresk tal-Mellieħa.

# NIGHTSHADE: AUBERGINE

**1 September 2018**
**St Aloysius' College, Birkirkara**


c. Koen Broos

Music is just one of three important ingredients that contribute to this performance's impact and aftertaste, the other two being the documentary that portrays Claron McFadden's travels – which kickstarted the idea for this project – and food, but not just any food. The iconoclastic star of the show is the aubergine: on the night of the main event, this project lets the audience experience rich aubergine-centred cuisine while enjoying travel stories, a documentary film and live music with influences from many cultures. Along with filmmaker Lisa Tahon, McFadden traces the migration route of the aubergine in reverse, back to its roots in the Far East, where she learns local aubergine recipes and practices traditional songs in multiple households.

**Created by //** *Maħluq minn:* Aubergine, Transparent
**Organised by //** *Organizzat minn:* Valletta 2018

**NIGHTSHADE: AUBERGINE**
Fl-1 ta' Settembru 2018
Fil-Kulleġġ ta' San Alwiġi, Birkirkara

Il-mużika hija biss wieħed mit-tliet ingredjenti importanti li jagħtu kontribut fl-impatt u fit-tifkira li tħalli din il-prestazzjoni. It-tnejn l-oħra huma d-dokumentarju li jirrakkonta l-vjaġġi ta' Claron McFadden li nisslu l-idea ta' dan il-proġett, u l-ikel – iżda mhux biss ikel. L-istilla ikonika tal-ispettaklu hija l-brunġiela: fil-lejl tal-avveniment prinċipali dan il-proġett ser iħalli lill-udjenza ssir midħla ta' tisjir rikk imsejjes fuq il-brunġiel filwaqt li tieħu gost issegwi stejjer ta' vjaġġar, dokumentarju u mużika lajv b'influwenzi minn bosta kulturi. Flimkien mal-produttriċi taċ-ċinema Lisa Tahon, McFadden issib it-traċċi tar-rotta tal-migrazzjoni tal-brunġiel b'lura – jiġifieri lura għall-għeruq tagħha fil-Lvant Imbiegħed – fejn tiskopri riċetti lokali tal-brunġiel u tinterpreta bosta kanzunetti tradizzjonali f'diversi djar ta' familji.

# GILGAMESH 5000

15 October 2018

Palazzo de la Salle Courtyard, Valletta



Gilgamesh 5000 is part of a three-year project focusing on the recurrence of cultural tropes in proto-Semitic and Indo-European culture, art and literature – especially the trope of the flood, that brings about the collapse of a given order into disorder. Inspired by the Akkadian Epic of Gilgamesh, Siegfried Kutterer brings his composition, 'Gilgamesh', to local audiences. Together with resident musicians, Kutterer – who is classically trained in the European and Carnatic traditions – explores the historical transmission of the Carnatic to the European through North Africa, while interpreting the classical and contemporary forms of its transmission within the eclectic Mediterranean context. His work is accompanied by a video inspired by Monika Beisner's new illustrations for the Epic of Gilgamesh, a publication by Pratt Contemporary, designed and produced by Carlos Jimenez.

**Organised by //** *Maħluq minn:* Malta Classics Association
**With the Participation of //** *Bil-Parteċipazzjoni ta':* Siegfried Kutterer, Monika Beisner
**Supported by //** *Bl-Appoġġ ta':* Valletta 2018

**GILGAMESH 5000**
15 ta' Ottubru 2018
Fil-Bitħa tal-*Palazzo de la Salle*, Il-Belt Valletta

*Gilgamesh 5000* huwa parti minn proġett ta' tliet snin li jiffoka fuq ir-rikorrenza tal-figuri tat-taħdit kulturali fil-kultura, fl-arti u fil-letteratura Proto-Semitika u Indo-Ewropea – b'mod speċjali l-figuri tat-taħdit dwar l-għargħar, li jġarraf ordni partikolari u jġib id-diżordni. Imnebbaħ mill- *Akkadjan Epic of Gilgamesh*, Siegfried Kutterer se jwassal il-kompożizzjoni tiegħu 'Gilgamesh' lil udjenzi lokali. Flimkien ma' mużiċisti residenti, Kutterer – li huwa mħarreġ b'mod klassiku fit-tradizzjonijiet Ewropej u Karnatiċi – jesplora t-trażmissjoni storika tal-Karnatika għall-Ewropew permezz tal-Afrika ta' Fuq, filwaqt li jinterpreta l-forom klassiċi u kontemporanji tat-trażmissjoni tagħha fi ħdan il-kuntest Mediterranju eklettiku. Ix-xogħol tiegħu ser ikun akkumpanjat b'vidjo ispirat mill-illustrazzjonijiet ġodda ta' Monika Beisner għall-*Epic of Gilgamesh*, li hija pubblikazzjoni minn *Pratt Contemporary*, iddisinjata u prodotta minn Carlos Jimenez.

# OF PEACE AND UNREST

**29 November - 2 December 2018**

**Valletta Campus Theatre, Valletta**



c. Renzo Spiteri

Under the creative direction of musician, composer and arts collaborator Renzo Spiteri, Of Peace and Unrest is a two-year collaborative journey that stimulates, challenges and immerses audiences in multicultural debate. In its creative process, the project integrates a team of creative practitioners to develop and present a multimedia performance and a docu-film that highlight the socio-cultural realities of contemporary society and document the social reality of exile, of conflict and of struggle for space. Of Peace and Unrest offers a dynamic platform through which audiences can experience seamless artistic co-operation and contemporary transnational integration through the universal language of the arts that transcends language, religion and race.

**Created and Organised by //** *Maħluq u Organizzat minn:* Renzo Spiteri, Vakia Stavrou, Toni Cuenca, Jovan Milosevski, Musiconnect

**In Collaboration with //** *Bil-Kollaborazzjoni ta':* Arts Council Malta // *il-Kunsill Malti għall-Arti*

**Supported by //** *Bl-Appoġġ tal-:* Arts Council Malta and Valletta 2018 – Malta Arts Fund Multi-Annual Support Grant // *Kunsill Malti għall-Arti, Valletta 2018 – Malta Arts Fund Multi-Annual Support Grant*

**OF PEACE AND UNREST**

Mid-29 ta' Novembru sat-2 ta' Diċembru 2018

Fit-Teatru tal-Kampus tal-Belt Valletta, l-Università l-Qadima

Immexxija mid-direzzjoni kreattiva tal-mużiċist, il-kompożitur u l-kollaboratur artistiku Renzo Spiteri, Of *Peace and Unrest* huwa vjaġġ kollaborattiv ta' sentejn li jistimula, jisfida u jassorbi l-udjenzi f'dibattitu multikulturali. Fil-proċess kreattiv tiegħu, il-proġett jintegra tim ta' prattikanti kreattivi sabiex jiżviluppa u jippreżenta prestazzjoni multimedjali u film f'għamla ta' dokumentarju li jenfasizza r-realtajiet soċjokulturali tas-soċjetà kontemporanja u jiddokumenta r-realtajiet soċjali tal-eżilju, tal-kunflitt u tal-ġlieda għall-ispazju. *Of Peace and Unrest* joffri pjattaforma dinamika li fuqha l-udjenzi jistgħu jieħdu sehem f'koperazzjoni artistika bla xkiel u integrazzjoni transnazzjonali kontemporanja bil-lingwa universali tal-arti li tittraxxendi l-ilsien, lir-reliġjon u lir-razza.

# QUINTESSENCE

Ongoing

Touring Europe



c. European Central Bank

Presented as a series of artistic events that tap into Valletta 2018's legacy of engagement with audiences, Quintessence is an immersive and innovative project created and curated by musician, composer and sound artist Renzo Spiteri. The project experiments with awareness through sound, inviting the public to engage with experiences in sound and space. In addition to solo performances and sound and video installations, Quintessence includes 'Sounding Dance', a series of artistic encounters designed for European public spaces. These encounters explore modes of interaction within a space with, through and between sound to explore vital questions such as: *How does sound affect communities and identities? and How does it relate to time, memory and diverse spaces?* Quintessence is an on-going collaboration between Valletta 2018 and Musiconnect and is Valletta 2018's touring project.

**Created by //** *Maħluq minn:* Renzo Spiteri

**Organised by //** *Organizzat minn:* #EngageCREATIVES

**A Collaborative Project between //** *Proġett Kollaborattiv bejn:* Valletta 2018, #EngageCREATIVES

**QUINTESSENCE**

Kontinwu

*Tour* tal-Ewropa

Ippreżentat bħala sensiela ta' avvenimenti artistiċi li jisfruttaw il-legat tal-interazzjoni ta' Valletta 2018 mal-udjenzi, *Quintessence* huwa proġett immersiv u innovattiv maħluq u kkurat mill-mużiċist, kompożitur u artist mużikali Renzo Spiteri. Il-proġett jesperimenta bl-għarfien permezz tal-ħoss, u jistieden lill-pubbliku jirrelata ma' esperjenzi ġodda fil-ħoss u fl-ispazju. Minbarra l-prestazzjonijiet solisti u l-installazzjonijiet tal-ħoss u tal-vidjo, *Quintessence* jinkludi wkoll '*Sounding Dance*' – serje ta' laqgħat artistiċi mfassla apposta għal spazji pubbliċi Ewropej. Dawn il-laqgħat jistħarrġu modi ta' interazzjoni fi spazju bil-ħoss, permezz tal-ħoss u bejn il-ħsejjes biex jittrattaw mistoqsijiet kruċjali bħal: *Il-ħoss kif jaffettwa l-komunitajiet u l-identitajiet? u Dan kif jirrelata mal-ħin, mal-memorja u ma' spazji differenti? Quintessence* huwa kollaborazzjoni kurrenti bejn Valletta 2018 u Musiconnect u huwa t-touring project ta' Valletta 2018.

# A MUSICAL JOURNEY THROUGH THE MEDITERRANEAN

**Ongoing**

**Valletta**



c. Edward Caruana Dingli (1876-1950) - Portraits, Views and Folkloristic Scenes, Nadine Debattista Briffa, Nicholas de Piro, Natalino Fenech, Madeleine Gera, Fondazzjoni Patrimonju Malti, 2010

*Fondazzjoni Patrimonju Malti* (FPM) presents a journey through the history of music on the Maltese Islands. The project outlines the influence and progression of musical instruments while giving the public the opportunity to enjoy and examine antique instruments from different periods of our history. The project hosts a programme of musical performances by local and international artists in the run up to a major exhibition of instruments sourced from Maltese collections. The exhibition will dive deep into the culture of Maltese musical instruments with sounds that span from the prehistoric era to the nineteenth century and which demonstrate how local music bears the mark of the great Empires that swept the Mediterranean throughout history.

**Created by //** *Maħluq minn:* Fondazzjoni Patrimonju Malti

**Supported by //** *Bl-Appoġġ ta':* Valletta 2018

**VJAĠĠ MUŻIKALI MAL-MEDITERRAN**

Kontinwu

Fil-Belt Valletta

Il-Fondazzjoni Patrimonju Malti (FPM) ser tippreżenta vjaġġ mal-istorja tal-mużika fil-Gżejjer Maltin. Il-proġett jiddeskrivi l-influwenza u l-progressjoni ta' diversi strumenti mużikali filwaqt li jagħti lill-pubbliku l-opportunità li jgawdi u jifli strumenti antiki minn perjodi differenti tal-istorja tagħna. Il-proġett jospita programm ta' esibizzjonijiet mużikali minn artisti lokali u internazzjonali bi tħejjija għal esibizzjoni maġġuri ta' strumenti miġbura minn kollezzjonijiet Maltin. L-esibizzjoni ser tidħol fil-qalba tal-kultura tal-istrumenti mużikali Maltin bi ħsejjes li jvarjaw mill-era preistorika sas-seklu dsatax u turi kif il-mużika lokali għandha l-marka tal-Imperi l-kbar li rebħu l-Mediterran matul l-istorja.



c. Ali Tollervey and Film Grain Foundation



## FILM

THE PROJECTS ON OUR FILM PROGRAMME MAKE PERFECT COMPANIONS TO THOSE HAZY SUMMER DAYS. AMONG THESE INITIATIVES ARE OUTDOOR SCREENINGS SHOWCASING ALTERNATIVE CINEMA, PERFORMANCES THAT EXPERIMENT WITH FILM AND SOUND, AND WORKSHOPS THAT BUILD CREATIVE SUPPORT NETWORKS AND AUDIENCES FOR YOUNG ASPIRING FILMMAKERS.

## FILM

IL-PROĠETTI FIL-PROGRAMM TAL-FILM LI ĦEJJEJNIELKOM SER JIFFRISKAWKOM FIL-JIEM SĦAN TAS-SAJF. FOST DAWN L-INIZJATTIVI SSIBU PROJJEZZJONIJIET GĦALL-APERT IDDEDIKATI GĦAĊ-ĊINEMA ALTERNATTIVA, PRESTAZZJONIJIET LI JESPERIMENTAW BIL-FILMS U L-ĦSEJJES, U SESSJONIJIET TA' ĦIDMA LI JOĦOLQU NETWERKS KREATTIVI T'APPOĠĠ U UDJENZI GĦAL PRODUTTURI ASPIRANTI ŻGĦAŻAGĦ.

# ICON ISLAND – A LIVE BATTLE OF PICTURES AND SOUNDS

17 February 2018

Salesians' Theatre, Sliema



Icon Island is a project by Virgil Widrich, an Austrian filmmaker and director known for his experimental films and multimedia works. The collage of visuals is inspired by films dealing with the mystic and romantic journey to islands representing alternative societies or different states of mind. Questioning local customs and the identity of their visitors, these places can be both a paradise and a threat. Carefully selected visuals – many of which include a connection to Malta and its cinematic history – will be projected as a 'live' mix, accompanied by an improvised electronic music performance by Maltese artist Sonitus Eco. The sounds of the films are re-imagined on the fly, with sound reacting to – or even opposing – the images.

**Created by //** *Maħluq minn:* Virgil Widrich
**Organised by //** *Organizzat minn:* Valletta 2018
**In Collaboration with //** *Bil-Kollaborazzjoni ta':* Sonitus Eco

**ICON ISLAND – BATTALJA LAJV TA' STAMPI U ĦSEJJES**

17 ta' Frar 2018

Fit-Teatru tas-Salesjan, Tas-Sliema

*Icon Island* huwa proġett ta' Virgil Widrich – direttur u produttur ċinematografiku Awstrijakk magħruf għall-films sperimentali u x-xogħlijiet multimedjali tiegħu. Il-*collage* ta' immaġni viżivi huwa mnebbaħ minn films li jittrattaw il-vjaġġ mistiku u romantiku lejn gżejjer li jirrappreżentaw soċjetajiet alternattivi jew stati mentali differenti. Billi jqajmu diversi mistoqsijiet dwar id-drawwiet lokali u l-identità tal-viżitaturi tagħhom, dawn il-postijiet jistgħu jkunu kemm ġenna tal-art u kemm theddida. Għadd ta' immaġni magħżula bir-reqqa – li ħafna minnhom jinkludu rabta ma' Malta u mal-istorja ċinematika tagħha – ser ikunu projettati bħala taħlita 'ħajja', akkumpanjata b'wirja improvizzata ta' mużika elettronika mill-artist Malti Sonitus Eco. Il-ħsejjes tal-films jerġgħu jiġu mistħajla dak il-ħin stess, bi ħsejjes li jirreaġixxu – jew anki jopponu – l-immaġni.

# MODS COLLECTIVE: MEET CECIL SATARIANO

25 March 2018

*Spazju Kreattiv*, Upper Galleries, Valletta



The word MODS stands for "Music on D Spot", which describes the mission of this collective of Portuguese musicians: to create improvised music with intimate connections to moving images in cinema or video. This edition of MODS COLLECTIVE investigates the work of Malta's cinema pioneer, Cecil Satariano, an award-winning filmmaker of great artistic value whose work is still largely unrecognised in Malta and Europe. Taking as its starting point two short films by Satariano – *I'm Furious Red* and *Giuseppi* – Portuguese and Maltese musicians bring improvisational forms to table, including the local singing tradition of spirtu pront. Much more than a soundtrack, this is a piece of music that works symbiotically with cinema, creating a new layer of meaning alongside Satariano's work.

**Created and Organised by //** *Maħluq u Organizzat minn:* Samuel Martins Coelho
**Supported by //** *Bl-Appoġġ ta':* Valletta 2018

**MODS COLLECTIVE: LAQGĦA MA' CECIL SATARIANO**

25 ta' Marzu 2018

Spazju Kreattiv, Galleriji ta' Fuq, Il-Belt Valletta

Il-kelma MODS tfisser *"Music on D Spot"* (Mużika fuq il-Post), li tiddeskrivi l-missjoni ta' dan il-grupp ta' mużiċisti Portugiżi: il-ħolqien ta' mużika improvizzata b'konnessjonijiet intimi ma' stampi mobbli fiċ-ċinema jew fil-vidjo. Din l-edizzjoni ta' *MODS COLLECTIVE* tinvestiga x-xogħol tal-pijunier ċinematografiku ta' Malta Cecil Satariano, direttur tal-films rebbieħ ta' premji artistiċi b'valur artistiku kbir li fil-biċċa l-kbira għadu mhux rikonoxxut f'Malta u fl-Ewropa. Billi jieħdu bħala punt tat-tluq żewġ films qosra minn Satariano – *I'm Furious Red* u *Giuseppi* – il-mużiċisti Portugiżi u Maltin ser jintroduċu forom ta' improvizzazzjoni, inkluża t-tradizzjoni lokali tal-kant spirtu pront. Dan l-avveniment huwa ħafna aktar minn *soundtrack*, għax huwa biċċa mużika li taħdem f'simbjożi maċ-ċinema u toħloq saff ġdid ta' tifsir biswit ix-xogħol ta' Satariano.

# SOLAR CINEMA

**May - October 2018**
**Various Sites in Malta & Gozo**



c. SWC OirschotNL

The concept of Solar Cinema has been travelling the world for ten years, bringing unseen films to unusual places, all powered by 100% solar energy. By way of The Netherlands, Croatia, Brazil and the Sahara Desert, the mobile solar-powered cinema now makes its way to various public spaces across Malta and Gozo. Solar Cinema offers a curated programme of local and international short films, thought-provoking documentaries, animations and feature films that tackle diverse issues, with a focus on the themes of sustainabilty and the environment. Visitors are invited to bring a cushion or a chair to free open-air screenings and post-film discussions. Solar Cinema is also working on stop-motion film workshops for children that bear a green theme thanks to the use of recycled materials. The short films produced in the workshops will be screened on Maltese beaches for the children's family and friends to enjoy!

**Created by //** *Maħluq minn:* Maureen Prins, Cathleen Tanti
**Organised by //** *Organizzat minn:* Solar Cinema Malta, Valletta 2018

**ĊINEMA SOLARI**
Minn Mejju sa Ottubru 2018
F'Bosta Siti Madwar Malta u Għawdex

Il-kunċett ta' *Solar Cinema* ilu jivvjaġġa mad-dinja tul għaxar snin, u jġib films li qatt ma dehru f'postijiet mhux tas-soltu, kollha mħaddma b'100% ta' enerġija solari. Permezz *tan-Netherlands*, il-Kroazja, il-Brażil u d-deżert tas-Saħara, iċ-ċinema mobbli li jitħaddem bl-enerġija solari ser jerħilha lejn diversi spazji pubbliċi f'Malta u f'Għawdex. *Solar Cinema* joffri programm ikkurat ta' films qosra lokali u internazzjonali, dokumentarji li jqanqlu l-ħsieb u animazzjonijiet u films li jittrattaw diversi kwistjonijiet, b'enfasi fuq it-temi tas-sostenibbiltà u tal-ambjent. Il-viżitaturi ser jiġu mistiedna jġibu mħadda jew siġġu biex jaraw wirjiet fil-miftuħ u biex jibqgħu jiddiskutu wara tmiem il-film. *Solar Cinema* qed jaħdem ukoll fuq *workshops* ta' films *stop-motion* għat-tfal b'temi ambjentali bis-saħħa tal-użu ta' materjali riċiklati. Il-films qosra li jiġu prodotti fil-*workshops* ser jintwerew fuq bajjiet Maltin biex jitgawdew mill-familji u mill-ħbieb tat-tfal!





c. Benn Deceuninck

# AMALGAMA

26 May 2018

City Lights Cinema, Valletta

AMALGAMA is an innovative piano and audio-reactive visual performance – a collaboration between pianist Gabi Sultana and visual artist Mark Dingli. They explore minimalistic works by international contemporary composers, such as John Cage, Philip Glass and Benjamin Van Esser, amongst others. During the performance, Sultana's piano sound is fed through Dingli's visuals, which are specifically made for this program, thus creating a homogeneous experience that brings a visual aspect into what is usually a purely listening environment. The result is an immersive experience for music, art and experimental-sound enthusiasts. This project will also include Sultana's piano transcription of a piece by NSI. Non Standard Institute (a partnership between Tobias Freund and Max Loderbauer) and a rendition of a local Maltese artist's cover tailor-made for this event.

**Created and Organised by //** *Maħluq u Organizzat minn:* Gabi Sultana
**In Collaboration with //** *Bil-Kollaborazzjoni ta':* Mark Dingli
**Supported by //** *Bl-Appoġġ ta':* Valletta 2018

**AMALGAMA**
26 ta' Mejju 2018
Fiċ-Ċinema City Lights, il-Belt Valletta

AMALGAMA hija esibizzjoni innovattiva u awdjo-reattiva viżwali għall-pjanu – kollaborazzjoni bejn il-pjanista Gabi Sultana u l-artist viżiv Mark Dingli. Huma ser jesploraw xogħlijiet minimalistiċi minn kompożituri internazzjonali kontemporanji bħal John Cage, Philip Glass u Benjamin Van Esser fost oħrajn. Matul il-prestazzjoni, il-ħoss tal-pjanu ta' Sultana ser ikun akkumpanjat bl-immaġnijiet ta' Dingli li tfasslu speċifikament għal dan il-programm, u b'hekk tinħoloq esperjenza omoġenja li ddaħħal aspett viżiv f'dik li s-soltu jkun ambjent purament għall-widna. Ir-riżultat huwa esperjenza immersiva għal dawk li jħobbu l-mużika, l-arti u l-ħoss sperimentali. Dan il-proġett ser jinkludi wkoll traskrizzjoni għall-pjanu minn Sultana ta' silta tal-NSI. *Non Standard Institute* (sħubija bejn Tobias Freund u Max Loderbauer) u eżekuzzjoni ta' interpretazzjoni minn artist Malti lokali maħsuba apposta għal dan l-avveniment.

# 14TH KINEMASTIK INTERNATIONAL SHORT FILM FESTIVAL

27 - 29 July // 8pm Onwards
Garden of Rest, Floriana


c. Ali Tollervey

Short films are becoming an increasingly popular vehicle for artistic producers seeking to tackle topical and provocative issues. For the last fourteen years, the Maltese cultural NGO, Kinemastik, has been organising an annual short film festival as part of its year-round programme of film-related events and activities. The Kinemastik International Short Film Festival provides an ideal platform through which resident filmmakers can forge meaningful creative and professional connections with leaders in the world of cinema, as well as share their work with local audiences and guest speakers. Over the years, the festival has also earned itself a place in the hearts of local filmgoers thanks to an intimate ambience that allows viewers to experience the full appeal of the short films selected.

**Created and Organised by //** *Maħluq u Organizzat minn:* Kinemastik

**L-14-IL EDIZZJONI TAL-KINEMASTIK INTERNATIONAL SHORT FILM FESTIVAL**

27 – 29 ta' Lulju - Mit-8pm 'il Quddiem
Fi Ġnien il-Mistrieħ, il-Furjana

Il-films qosra qed isiru vettura dejjem aktar popolari fost il-produtturi artistiċi li jfittxu li jittrattaw kwistjonijiet topiċi u provokanti. Tul dawn l-aħħar erbatax-il sena, l-NGO kulturali Maltija Kinemastik organizzat festival annwali ta' films qosra bħala parti mill-programm tal-avvenimenti u tal-attivitajiet ċinematografiċi li ttella' tul is-sena kollha. *Il-Kinemastik International Short Film Festival* joffri pjattaforma ideali li fuqha l-produtturi tal-films residenti jkunu jistgħu jsawru konnessjonijiet kreattivi u professjonali sinifikanti mal-mexxejja tad-dinja taċ-ċinema, kif ukoll jaqsmu x-xogħol tagħhom ma' udjenzi lokali u ma' kelliema mistiedna. Matul is-snin il-festival kiseb ukoll post fil-qlub tan-nies lokali li jaraw il-films grazzi għal atmosfera intima li tippermetti li t-telespettaturi jesperjenzaw bis-sħiħ il-faxxinu tal-films qosra magħżula.

# 9TH EDITION OF KINEMASTIK'S LITTLE ROCK PEOPLE CHILDREN'S FILM FESTIVAL

**29 July 2018 // 8pm Onwards**
**Garden of Rest, Floriana**


c. Ali Tollervey

The 9th edition of the Little Rock People Children's Film Festival is open to kids of all ages. The festival is run by the film veterans over at Kinemastik, an NGO that prides itself on carefully selected, non-patronising short film programmes for young people. Set in the beautiful Garden of Rest cemetery in Floriana, this outdoor event also appeals to the young at heart – meaning that adults are also very welcome to join! After watching the films, the children are asked to vote for their favourite. The winner is then awarded the 'Golden Dot' Award 2018.

**Created and Organised by //** *Maħluq u Organizzat minn:* Kinemastik

**ID-9 EDIZZJONI TAL-KINEMASTIK LITTLE ROCK PEOPLE CHILDREN'S FILM FESTIVAL**
29 ta' Lulju 2018 // Mit-8pm 'il Quddiem
Fi Ġnien il-Mistrieħ, il-Furjana

Id-9 edizzjoni tal-*Little Rock People Children's Film Festival* ser tkun miftuħa għal tfal ta' kull età. Il-festival huwa mmexxi mill-veterani tal-films tal-Kinemastik – NGO li b'ċertu sodisfazzjon tagħżel bir-reqqa programmi qosra li ma jkunux patronizzanti għaż-żgħażagħ. Imtella' fiċ-ċimiterju Ġnien il-Mistrieħ fil-Furjana, dan l-avveniment fil-beraħ għandu jappella wkoll għal dawk li għadhom żgħażagħ fil-qalb, li jfisser li l-adulti huma wkoll mistiedna jissieħbu! Wara li jaraw il-films, it-tfal ser jintalbu jivvutaw għall-films favoriti tagħhom. Ir-rebbieħ jingħata l-Premju *'Golden Dot'* 2018.

# POETRY ON FILM

23 - 25 August 2018

Fort St Elmo, Valletta



c. Martin Bonnici

Inizjamed, in collaboration with Valletta 2018, present an initiative that merges the moving image with Malta's rich literature. Each year, one or more Maltese poems are selected and adapted into short films, which then premiere at the Malta Mediterranean Literature Film Festival. This project aims to develop the poetry and film sectors in Malta through training, and the commissioning and exporting of short poetry films. With collaboration and co-creation taking place across different artistic disciplines and media, poetry provides young artists with new opportunities for experimentation.

**Created and Organised by //** *Maħluq u Organizzat minn:* Inizjamed, Valletta 2018

**POETRY ON FILM**

23 – 25 ta' Awwissu 2018

Fil-Forti Sant'Iermu, Il-Belt Valletta

*Inizjamed*, b'kollaborazzjoni ma' Valletta 2018, ser tippreżenta inizjattiva li twaħħad l-immaġni mobbli mal-letteratura rikka ta' Malta. Kull sena, poeżija Maltija waħda jew iktar jintgħażlu u jiġu adattati għal films qosra, li mbagħad jixxandru fil-Festival Mediterranju tal-Letteratura ta' Malta. Dan il-proġett għandu l-għan li jiżviluppa s-setturi tal-poeżija u tal-films f'Malta permezz tat-taħriġ, tal-ikkummissjonar u tal-esportazzjoni ta' films poetiċi qosra. B'kollaborazzjoni u b'ħolqien konġunt li jsiru f'dixxiplini u f'midja artistiċi differenti, il-poeżija tipprovdi lill-artisti żgħażagħ opportunitajiet ġodda għall-esperimentazzjoni.

# TAFXNAF

**23 - 25 August 2018 (During the Malta Mediterranean Literature Festival)**
**Fort St Elmo, Valletta**


c. Kenneth Scicluna

Tafxnaf gives children a voice through storytelling and film-making, encouraging young people to develop a sense of ownership over creative projects. The project was born out of a collaboration with like-minded institutions in Leeuwarden-Fryslân 2018 and Aarhus 2017. An open call invited students in Form 2 or its equivalent to submit their stories for publication, after which twenty-five submissions were carefully selected for a series of workshops in creative writing and film appreciation taking place in 2017. Chosen participants will encounter innovative ways of telling stories during workshops and some of these stories will even go on to become short films produced by young people. The end results will be showcased during red-carpet film premieres in Malta, Leeuwarden and Aarhus in 2018.

**Created by //** *Maħluq minn:* Valletta 2018, Kenneth Scicluna
**In Collaboration with //** *Bil-Kollaborazzjoni ta':* Leeuwarden-Fryslân 2018 (NLD), Aarhus 2017

**TAFXNAF**
Mit-23 sal-25 ta' Awwissu 2018
(Waqt Il-Festival Mediterranju Tal-Letteratura Maltija)
Fil-Forti Sant'Iermu, Il-Belt Valletta

Tafxnaf jagħti leħen lit-tfal permezz tar-rakkonti tal-istejjer u tal-produzzjoni tal-films, billi jħeġġeġ liż-żgħażagħ jiżviluppaw sens ta' sjieda fuq proġetti kreattivi. Il-proġett twieled minn kollaborazzjoni ma' istituzzjonijiet tal-istess xeħta f'Leeuwarden-Fryslân 2018 u f'Aarhus 2017. Ixxandret sejħa miftuħa fost l-istudenti tal-Form 2 jew l-ekwivalenti tagħha biex iressqu l-istejjer tagħhom għall-pubblikazzjoni, u wara mbagħad intgħażlu bir-reqqa ħamsa u għoxrin storja għal sensiela ta' *workshops* fil-kitba kreattiva u fl-apprezzament tal-films li ttellgħu fl-2017. Il-parteċipanti magħżula ser jiltaqgħu ma' modi innovattivi fir-rakkont tal-istejjer matul *workshops*, u xi wħud minn dawn l-istejjer saħansitra ser isiru films qosra magħmula minn żgħażagħ. Ir-riżultati finali ser jintwerew matul it-tnedijiet tal-films *red-carpet* f'Malta, f'Leeuwarden u f'Aarhus fl-2018.



c. Tumer Gencturk



# ENCOUNTERS

## BEING EMBEDDED IN A NEW ENVIRONMENT ALLOWS ARTISTS TO EXPLORE PERSPECTIVES FROM UNEXPECTED AND ORIGINAL ANGLES, TO CREATE MEANINGFUL TOUCH POINTS BETWEEN CREATIVE PRACTITIONERS AND DIVERSE COMMUNITIES. FOR THIS REASON, VALLETTA 2018 IS SUPPORTING DEBATE PLATFORMS AND RESIDENCIES THAT FACILITATE ARTIST MOBILITY.

**INKONTRI**

IT-TQEGĦID F'AMBJENT ĠDID JIPPERMETTI LILL-ARTISTI JESPLORAW PERSPETTIVI ĠODDA MINN ANGOLI ORIĠINALI U XEJN MISTENNIJA, SABIEX JINĦOLQU PUNTI SINIFIKANTI GĦALL-INTERAZZJONIJIET BEJN IL-PRATTIKANTI KREATTIVI U L-KOMUNITAJIET DIFFERENTI. GĦAL DIN IR-RAĠUNI, VALLETTA 2018 QED TAPPOĠĠJA PJATTAFORMI GĦAD-DIBATTITI U RESIDENZI LI JĦAFFU L-MOBILITÀ TAL-ARTIST.

# GOZO RESIDENCY PROGRAMME

Ongoing


c. Ingo Taylor

Valletta 2018 and *Spazju Kreattiv* jointly invite creatives from all fields to apply for an immersive Artist-in-Residence programme based on the Island of Gozo during Valletta's title of European Capital of Culture 2018. These residencies work hand in hand with a growing cultural scene related to Valletta's European Capital of Culture title and the Arts Council Malta's Strategy 2020. Moreover, the programme bodes well with the *Spazju Kreattiv* vision to provide a professional framework wherein creatives can engage in creative exchanges and encounters with other artists and the local communities. With local and international creatives exploring the Island's communities, landscapes, seascapes and soundscapes, the Gozo Residency Programme promotes cultural immersion and diversity and looks to build bridges throughout and beyond our European Capital of Culture.

**Created and Organised by //** *Maħluq u Organizzat minn:* Valletta 2018, Fondazzjoni Kreattività

**In Collaboration with //** *Bil-Kollaborazzjoni tal-:* the Ministry for Gozo, the Għarb Local Council, Victoria Local Council and other supporting local councils all over Gozo // *Ministeru għal Għawdex, il-Kunsill Lokali tal-Għarb, il-Kunsill Lokali tal-Vittoria u bl-appoġġ ta' bosta kunsilli lokali oħra madwar Għawdex*

**With the Participation of //** *Bil-Parteċipazzjoni ta':* Fragmenta Malta, Gozo Ferries

**PROGRAMM TA' RESIDENZA GĦAWDEX**

Kontinwu

Valletta 2018 u Spazju Kreattiv b'mod konġunt jistiednu lil persuni kreattivi mill-oqsma kollha sabiex japplikaw għal programm ta' Residenza għall-Artisti immersiv ibbażat fuq il-gżira ta' Għawdex matul it-titlu tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura 2018 tal-Belt Valletta. Dawn ir-residenzi jaħdmu id f'id ma' xena kulturali dejjem tikber marbuta mat-titlu ta' Kapitali Ewropea tal-Kultura tal-Belt Valletta u l-Istrateġija 2020 tal-Kunsill Malti għall-Arti. Barra minn hekk, il-programm jawgura tajjeb mal-viżjoni ta' Spazju Kreattiv li jipprovdi qafas professjonali li fih il-persuni kreattivi jistgħu jkunu involuti fi skambji kreattivi u laqgħat ma' artisti oħrajn u mal-komunitajiet lokali. B'persuni kreattivi lokali u internazzjonali jesploraw il-komunitajiet, il-pajsaġġi, il-baħar u l-ħsejjes tal-Gżira, il-Programm ta' Residenza Għawdex jippromwovi immersjoni u diversità kulturali u jfittex li jibni pontijiet ġewwa u lil hinn mill-Kapitali Ewropea tal-Kultura tagħna.

# THE ARTIST PROTECTION FUND, NEW YORK, NY

Ongoing



Valletta 2018 and the local human rights NGO Kopin (VO/200) are collaborating on this initiative, designed specifically for artists who are struggling to work in conflict zones. Sponsored by the Andrew W. Mellon Foundation, the Artist Protection Fund (APF) is a new program at the Institute of International Education, which provides life-saving fellowship grants to threatened artists from any field of artistic endeavour and places them at host universities and arts centres in safe countries. Malta will be hosting one APF Fellow for twelve months—providing the artist with a safe environment in which to live and work—including: accommodation, studio space, local support and networking opportunities with fellow artists and members of Maltese civil society.

**Created by //** *Maħluq minn:* Institute of International Education for Malta // *Institut għall-Edukazzjoni Internazzjonali għal Malta*

**Organised by //** *Organizzat minn:* Kopin (Koperazzjoni Internazzjonali), Valletta 2018

**Supported by //** *Bl-Appoġġ ta':* The Artist Protection Fund, New York, NY // *Il-Fond għall-Protezzjoni tal-Artisti, New York, NY*

**In Collaboration with //** *Bil-Kollaborazzjoni ta':* Diverse partners in the cultural and educational sectors // *Diversi msieħba fis-setturi tal-kultura u l-edukazzjoni*

**IL-FOND GĦALL-PROTEZZJONI TAL-ARTISTI, NEW YORK, NY**

Kontinwu

Valletta 2018 u l-NGO lokali tad-drittijiet tal-bniedem Kopin (VO/200) qed jikkollaboraw fuq din l-inizjattiva, imfassla speċifikament għal artisti li qed jissieltu biex jaħdmu f'żoni ta' kunflitt. Sponsorjat mill-Fondazzjoni Andrew W. Mellon, il-Fond għall-Protezzjoni tal-Artisti (APF) huwa programm ġdid fl-Istitut tal-Edukazzjoni Internazzjonali, li jipprovdi boroż ta' studju essenzjali lil artisti mhedda li jiġu minn kwalunkwe qasam artistiku u jpoġġihom f'universitajiet u ċentri tal-arti ospitanti f'pajjiżi sikuri. Malta se tkun qed tospita Membru APF wieħed għal tnax-il xahar—dan se jipprovdi lill-artist b'ambjent sikur fejn jgħix u jaħdem—inkluż: akkomodazzjoni, spazju ta' *studio*, appoġġ lokali u opportunitajiet ta' netwerking ma' artisti oħra u ma' membri tas-soċjetà ċivili Maltija.

# BLITZ RESIDENCY PROGRAMME

Ongoing
Blitz, Valletta


c. Ducks! Residency

Blitz is an independent, non-profit project space which supports experimental and radical arts practice. Its in-house residency programme is a core strand of its artistic and public programme, created to facilitate a long-term, international artistic cultural exchange. It is aimed at those working across creative fields in a range of media, including (but not limited to) film, photography, performance, sound, immersive installation and digital platforms. Blitz residencies support the cultural structures of Valletta and Malta, while maintaining a strong international outlook; this process facilitates the development and exchange of ideas, allowing residents to build new professional relationships. Each residency is presented to audiences through a public programme that can take the form of an exhibition, performance, publication, screening, or a series of talks or workshops, depending on the nature of the resident's work.

**Created by //** *Maħluq minn:* Blitz
**Supported by //** *Bl-Appoġġ ta':* Valletta 2018, Arts Council Malta - Cultural Partnership Agreement // *Kunsill Malti għall-Arti – Ftehim ta' Sħubija Kulturali.*

**PROGRAMM TA' RESIDENZA TA' BLITZ**
Kontinwu
Fi Blitz, Il-Belt Valletta

Blitz huwa spazju għal proġetti indipendenti u mingħajr profitt li jappoġġja prattiki tal-arti sperimentali u radikali. Il-programm ta' residenza intern tiegħu huwa fergħa ewlenija tal-programm artistiku u pubbliku tiegħu, maħluq sabiex jiffaċilita skambju kulturali artistiku internazzjonali fit-tul. Huwa mmirat għal dawk li jaħdmu f'għadd ta' oqsma kreattivi f'firxa ta' midja, inklużi (iżda mhux limitati għal) film, fotografija, prestazzjonijiet, ħoss, installazzjonijiet immersivi u pjattaformi diġitali. Ir-residenzi ta' Blitz jappoġġjaw l-istrutturi kulturali tal-Belt Valletta u Malta, filwaqt li jżommu perspettiva internazzjonali b'saħħitha; dan il-proċess jiffaċilita l-iżvilupp u l-iskambju ta' ideat, li jippermetti lir-residenti jibnu relazzjonijiet professjonali ġodda. Kull residenza hija ppreżentata lil udjenzi permezz ta' programm pubbliku li jista' jieħu l-forma ta' esibizzjoni, prestazzjoni, pubblikazzjoni, wiri ta' materjal viżiv jew serje ta' taħditiet jew *workshops*, skont in-natura tax-xogħol tar-resident.

# DEEP SHELTER PROJECT

Ongoing

Sir Anthony Mamo Oncology Centre



The Deep Shelter Project is an interdisciplinary residency that analyses the experience of hospitalisation and care in relation to visual art. It merges research within the Psychological Support Services at Sir Anthony Mamo Oncology Centre, with sensory, art-based workshops for terminally ill patients. The project follows the stories that emerge during patients' journeys – experiences that trigger a feeling of being at home, of being understood and sheltered. Resulting visual works are brought into the clinical space, providing a vehicle through which patients can relate that which cannot be expressed through words.

**Created by //** *Maħluq minn:* Pam Baldacchino

**Organised by //** *Organizzat minn:* Valletta 2018

**In Collaboration with //** *Bil-Kollaborazzjoni tal-:* Mater Dei Hosptial, Sir Anthony Mamo Oncology Centre, the University of Malta // *Isptar Mater Dei, iċ-Ċentru tal-Onkoloġija Sir Anthony Mamo, l-Università ta' Malta*

**DEEP SHELTER PROJECT**

Kontinwu

Fiċ-Ċentru tal-Onkoloġija Sir Anthony Mamo

Deep Shelter Project huwa residenza interdixxiplinari li tanalizza l-esperjenza tal-ospitalizzazzjoni u kura b'rabta mal-arti viżiva. Din tħallat riċerka fi ħdan is-Servizzi ta' Appoġġ Psikoloġiku fiċ-Ċentru tal-Onkoloġija Sir Anthony Mamo, ma' *workshops* sensorji bbażati fuq l-arti għal pazjenti b'mard terminali. Il-proġett isegwi stejjer li joħorġu matul il-vjaġġi tal-pazjenti – esperjenzi li jġegħeluk tħossok f'ambjent familjari, li hemm xi ħadd jifhmek u li qiegħed għall-kenn. Ix-xogħlijiet viżivi li jirriżultaw jinġiebu fl-ispazju kliniku, u jipprovdu mezz li bih il-pazjenti jistgħu jiddeskrivu dak li ma jistax jiġi espress permezz tal-kliem.

# ESPLORA ARTIST RESIDENCY

Ongoing

Esplora Interactive Science Centre, Bighi, Kalkara



c. Esplora

When we tell stories, we are in a powerful position to stimulate curiosity and ignite a life-changing passion for knowledge. The Esplora Interactive Science Centre Artist Residency Programme promotes storytelling among diverse professionals, laying the foundations for a more engaged and vibrant delivery of scientific content. Over at Esplora, science and stories are viewed as two different yet complementary ways of understanding our world – two fields that share a quest for truth and meaning. Always looking for innovative ways to engage children and young adults with scientific subject matter while stimulating a greater sense of direction and purpose, this forward-looking programme is a unique opportunity for educators and other creative professionals. It is supported by Valletta 2018 and runs throughout our European Capital of Culture year.

**Created and Organised by //** *Maħluq u Organizzat miċ-:* **Esplora Interactive Science Centre, the Foundation for Science and Technology, Malta Council for Science and Technology (MCST), Valletta 2018 //** *Ċentru Nazzjonali Interattiv tax-Xjenza, l-Esplora, il-Fondazzjoni għax-Xjenza u t-Teknoloġija, il-Kunsill Mlata għax-Xjenza u Teknoloġija (MCST), Valletta 2018*

**RESIDENZA TAL-ARTISTI ESPLORA**

Kontinwu

Fiċ-Ċentru tax-Xjenza Interattiva Esplora, Bighi, il-Kalkara

Meta nirrakkontaw l-istejjer inkunu f'pożizzjoni b'saħħitha biex inħeġġu l-kurżità u nixegħlu passjoni għall-għarfien b'impatt kbir fuq il-ħajja. Il-Programm ta' Residenza tal-Artisti taċ- Ċentru tax-Xjenza Interattiva Esplora jippromwovi r-rakkontar tal-istejjer fost diversi professjonisti, filwaqt li joħloq il-pedamenti għal komunikazzjoni aktar attraenti u dinamika ta' kontenut xjentifiku. Fl-Esplora x-xjenza u l-istejjer huma kkunsidrati bħala żewġ modi differenti iżda kumplimentari li bihom nifhmu d-dinja tagħna – żewġ oqsma li jaqsmu t-tiftixa għall-verità u t-tifsira. Filwaqt li dejjem ifittex modi innovattivi sabiex jinvolvi lit-tfal u ż-żgħażagħ f'suġġetti xjentifiċi u fl-istess ħin jistimula sens akbar ta' direzzjoni u skop, dan il-programm li jħares 'il quddiem huwa opportunità unika għal edukaturi u professjonisti kreattivi oħrajn. Huwa appoġġjat minn Valletta 2018 u jibqa' għaddej matul is-sena tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura tagħna.

# DANCE4ALL

Ongoing
Various localities around Malta & Gozo





*ŻfinMalta* dancers and different communities unite to share movement and creativity throughout this outreach residency programme that focuses on inclusivity. The programme encourages physical activity and participation in dance and builds awareness of dance among new audiences. Over eight short residencies with different communities – which may include patients in hospital, day care centres, youth centres, and other organisations – two members of the company deliver guided workshops. Participants are encouraged to create their own movement material during these workshops, culminating in the performance of an informal short dance that can be shared with family and friends.



**Created and Organised by //** *Maħluq u Organizzat minn:* ŻfinMalta, Valletta 2018

**DANCE4ALL**
Kontinwu
F'Bosta Siti Madwar Malta u Għawdex

Żeffiena ta' ŻfinMalta u komunitajiet differenti jingħaqdu sabiex jaqsmu moviment u kreattività permezz ta' dan il-programm ta' residenza ta' komunikazzjoni li jiffoka fuq l-inklussività. Il-programm jinkoraġġixxi attività fiżika u parteċipazzjoni fiż-żfin u jibni kuxjenza taż-żfin fost udjenzi ġodda. Matul tmien residenzi qosra ma' komunitajiet differenti – li jistgħu jinkludu pazjenti fi sptar, ċentri tal-kura ta' matul il-jum, ċentri taż-żgħażagħ u organizzazzjonijiet oħrajn – żewġ membri tal-kumpanija jwasslu *workshops* iggwidati. Il-parteċipanti huma mħeġġa joħolqu l-materjal ta' moviment tagħhom stess matul dawn il-workshops, li jilħqu l-qofol tagħhom fil-prestazzjoni ta' żifna qasira informali li tista' tinqasam mal-familja u l-ħbieb.



c. Tomoko Goto

# ROBERTO CIMETTA FUND

Ongoing

Since 2015, the Roberto Cimetta Fund and Valletta 2018 have been collaborating on a mobility grant scheme that facilitates networking and collaboration between creatives living and working in the Euro-Arab geographical region. Throughout our European Capital of Culture, funds are focused on Valletta 2018's three themes – Island Stories, Future Baroque and Voyages – and applicants must be living or working in Malta, Europe or the Arab region while developing projects that contribute artistic interventions to the wider Euro-Arab context. Open calls for travel grants will be issued at intervals between June 2017 and December 2018.

**Created by //** *Maħluq minn:* Roberto Cimetta Foundation
**Supported by //** *Bl-Appoġġ ta':* Valletta 2018

FOND ROBERTO CIMETTA
Kontinwu

Mill-2015, il-Fond Roberto Cimetta u Valletta 2018 kienu qed jikkollaboraw fuq skema ta' għotjiet għall-mobbiltà li tiffaċilita n-networking u l-kollaborazzjoni bejn persuni kreattivi li jgħixu u jaħdmu fir-reġjun ġeografiku Ewro-Għarbi. Matul il-Kapitali Ewropea tal-Kultura tagħna, il-fondi huma ffokati fuq it-tliet temi ta' Valletta 2018 – Stejjer ta' Gżira, Barokk Futur u Vjaġġi – u l-applikanti għandhom ikunu jgħixu jew jaħdmu f'Malta, l-Ewropa jew ir-reġjun Għarbi filwaqt li jiżviluppaw proġetti li jikkontribwixxu interventi artistiċi għall-kuntest Ewro-Għarbi usa'. Sejħiet miftuħa għal għotjiet tal-ivvjaġġar se jinħarġu f'intervalli bejn Ġunju 2017 u Diċembru 2018.





# MONTEVERDI PROJECT

**Ongoing**

**Teatru Manoel, Valletta**

For the 2018 edition of the Valletta International Baroque Festival, Valletta 2018, VIBE, Teatru Manoel and Ana Balat Limited have joined forces on series of masterclasses tutored by Maestro Marco Mencoboni, one of the leading specialists in Baroque and Renaissance music. Since July 2017, Maestro Mencoboni has been training a consort of singers in ensemble work and Baroque vocal and musical techniques. The masterclasses focus on the work of the influential Italian composer Claudio Monteverdi and his contemporaries and culminates in a showcase concert in December 2017, a performance with the Maestro during the festival, and a production for Teatru Manoel's 2018/2019 season – Monteverdi's *L'incoronazione di Poppea*, which depicts a power struggle between the goddesses of Virtue of Fortune and the god of Love.

**Managed by //** *Immexxi minn:* Valletta International Baroque Ensemble (VIBE)
**In Collaboration with //** *Bil-Kollaborazzjoni ta':* Maestro Marco Mencoboni
**Supported by //** *Bl-Appoġġ ta':* Ana Balat Limited, Valletta 2018
**Financed by //** *Finanzjat mit-:* Teatru Manoel

**MONTEVERDI PROJECT**
Kontinwu
Fit-Teatru Manoel, il-Belt Valletta

Għall-edizzjoni tal-2018 tal-Festival Internazzjonali tal-Barokk tal-Belt Valletta, Valletta 2018, VIBE, Teatru Manoel u Ana Blat Ltd ingħaqdu għal serje ta' *masterclasses* immexxija mill-Maestro Marco Mencoboni, wieħed mill-ispeċjalisti ewlenin tal-mużika Barokka u Rinaxximentali. Minn Lulju tal-2017 il-Maestro Mencoboni kien qed iħarreġ grupp ta' kantanti f'xogħol ta' *ensemble* u tekniki vokali u mużikali Barokki.

Il-*masterclasses* jiffokaw fuq ix-xogħol tal-kompożitur influwenti Taljan Claudio Monteverdi u l-kontemporanji tiegħu u jilħqu l-qofol tagħhom f'kunċert ta' dimostrazzjoni f'Diċembru 2017, prestazzjoni mal-Maestro matul il-festival u produzzjoni għall-istaġun 2018/2019 tat-Teatru Manoel - *L'incoronazione di Poppea* ta' Monteverdi, li tiddeskrivi l-ġlieda għall-poter bejn l-allat tal-Virtù u tal-Fortuna u l-alla tal-Imħabba.

## BUILDING INFRASTRUCTURE & NETWORKS

# THE INITIATIVES ON OUR CULTURAL PROGRAMME ARE DESIGNED TO EVOLVE AND EXPAND LONG PAST OUR EUROPEAN CAPITAL OF CULTURE YEAR. FOR THIS REASON, VALLETTA 2018 HAS BEEN DEVELOPING INFRASTRUCTURES AND NETWORKS THAT SUPPORT THE GROWTH OF CULTURAL AND ARTISTIC ACTIVITY ON THE MALTESE ISLANDS.



## IL-ĦOLQIEN TA' INFRASTRUTTURA U NETWERKS ĠODDA

L-INIZJATTIVI FIL-PROGRAMM KULTURALI TAGĦNA HUMA DDISINJATI BIEX JEVOLVU U JESPANDU ŻMIEN WARA S-SENA KAPITALI EWROPEA TAL-KULTURA. GĦAL DIN IR-RAĠUNI, VALLETTA 2018 ŻVILUPPAT INFRASTRUTTURI U NETWERKS LI JSOSTNU T-TKABBIR FL-ATTIVITÀ KULTURALI U ARTISTIKA FUQ IL-GŻEJJER MALTIN.

c. MUZA project – Heritage Malta



The infrastructural development supported by Valletta 2018 relates to the creation of support networks for creative practice as well as the creation and renovation of physical spaces suitable for cultural events. For this reason, a series of festivals and creative networks are being co-produced and promoted internationally throughout the year. Meanwhile, several of Valletta's treasured but underused spaces are also being restored and renovated for use by the culture sector and existing platforms are also receiving vital makeovers that make them more accessible to diverse audiences.

The **Valletta Design Cluster** shall be housed in *il-Biċċerija Antika*, or the Old Abbatoir site, on St Christopher Street corner with Bull Street, Valletta. The site is being transformed into a hub for community and economic development thanks to the support of the European Regional Development Fund and is projected for completion in April 2019. With a focus on design activity in Malta and Gozo, this platform will provide space and support for design practices and creative start ups and organisations, while forging connections with creative collaborators and urban regeneration projects overseas.

L-iżvilupp infrastrutturali sostnut minn Valletta 2018 jirrelata kemm mal-ħolqien ta' netwerks t'appoġġ għal prattiki kreattivi kif ukoll mal-ħolqien u r-rinnovazzjoni ta' spazji fiżiċi adegwati għal avvenimenti kulturali. Għal din ir-raġuni, serje ta' festivals u netwerks kreattivi qed jiġu koprodotti u rreklamati internazzjonalment matul is-sena. Sadanittant, bosta spazji miżmuma tajjeb iżda li ma kinux jintużaw daqstant qed jiġu restawrati u rinnovati wkoll biex jintużaw mis-settur kulturali, flimkien ma' pjattaformi eżistenti li wkoll qed isirilhom tibdil vitali sabiex ikunu aktar aċċessibbli għal udjenzi differenti.

Il-***Valletta Design Cluster*** ser tkun stazzjonata fil-Biċċerija l-Antika li qegħda fi Triq San Kristofru kantuniera ma' Triq il-Gendus, il-Belt Valletta. Is-sit qed jiġi ttrasformat f'ċentru għall-iżvilupp ekonomiku u tal-komunità grazzi għall-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u mistenni jitlesta f'April tal-2019. Iffukat fuq l-attività tad-disinn kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex, dil-pjattaforma ser tipprovdi spazju u appoġġ lil prattiki tad-disinn u lil negozji ġodda u organizzazzjonijiet kreattivi, waqt li jinħolqu u jissaħħu konnessjonijiet ma' kollaboraturi kreattivi u proġetti ta' riġenerazzjoni urbana lil hinn minn xtutna.





The project combines research and policy initiatives with education, awareness building and industry support that contribute to social and economic improvements on the Maltese Islands and which shall have a positive impact that lasts long past the year 2018.

***MUŻA***, the new Museum of Fine Arts, will relocate to the Auberge d'Italie, a historic building dating back to the late sixteenth century and which was once used as the seat and residence of the Italian knights of the Order of St John. The Auberge will be converted into a modern museum space that makes the national art collection more accessible to visitors through careful curation, design and the widespread activities related to ***Naqsam il-MUŻA***. Throughout this community-centred project, community representatives from different localities select works from the national collection, to be reproduced in various community spaces.

Within the ambit of the Cultural Mapping project, Valletta 2018 conducted an exploratory research study, commissioned by Arts Council Malta, into theatre spaces across the Maltese islands. The outcome was '***Spazji Teatrali* - A Catalogue of Theatres in Malta and Gozo**', a comprehensive and visual audit of theatrical spaces, providing artists and creative practitioners with valuable information about theatre and performance spaces available across Malta and Gozo.

Il-proġett jgħaqqad flimkien inizjattivi ta' riċerka u ta' politika mal-edukazzjoni, mal-ħolqien ta' kuxjenza u mal-appoġġ industrijali li jikkontribwixxu għal titjib soċjali u ekonomiku fuq il-Gżejjer Maltin u li għandhom iħallu impatt pożittiv li jibqa' għal żmien twil wara s-sena 2018.

***MUŻA***, il-**MUŻ**ew Nazzjonali tal-**A**rti l-ġdid, ser jitmexxa għall-Berġa tal-Italja, bini storiku li jmur lura lejn l-aħħar tas-seklu sittax u li kien jintuża bħala s-sede u r-residenza tal-kavallieri Taljani tal-Ordni ta' San Ġwann. Darba mużew, l-ispazju modern fil-Berġa ser jipprovdi lill-viżitaturi aċċessibiltà akbar għall-kollezzjoni nazzjonali tal-arti permezz ta' kuratura bir-reqqa, disinn u attivitajiet mifruxa relatati ma' ***Naqsam il-MUŻA***. Matul dan il-proġett imdawwar mal-komunità, rappreżentanti tal-komunità minn lokalitajiet differenti jagħżlu xogħlijiet mill-kollezzjoni nazzjonali biex jiġu riprodotti f'diversi spazji tal-komunità.

Fi ħdan l-ambitu tal-proġett ***Cultural Mapping***, Valletta 2018 wettqet studju ta' riċerka esploratorja, ikkummissjonat mill-Kunsill Malti għall-Arti, dwar l-ispazji teatrali madwar il-Gżejjer Maltin. Ir-riżultat kien '***Spazji Teatrali - A Catalogue of Theatres in Malta and Gozo***', analiżi komprensiva u viżwali tal-ispazji teatrali, li tipprovdi lill-artisti u lill-prattikanti kreattivi b'informazzjoni dwar l-ispazji tat-teatri u tal-prestazzjonijiet disponibbli madwar Malta u Għawdex.





The **Strada Stretta Concept** has breathed new life into Strait Street, one of Valletta's most famous areas. Once known for its animated night life, the street and its surrounding areas are alive once again thanks to a varied programme of cultural events and artistic activities developed under the artistic direction of Giuseppe Schembri Bonaci. Activities include exhibitions, theatre productions, seminars, symposia, talks, street theatre, jamming sessions, outdoor concerts, fashion shows, networking meetings with artists and poetry and literature evenings.

The regeneration of the Victorian era structure affectionately known as '***Is-Suq***', located in Merchants Street, will see the outdoor market become active again. The restored market will not only sell fruit and vegetables, but also host cultural activities. Also set to be restored in time for our European Capital of Culture celebrations are some of Valletta's most iconic landmarks, including the **Triton Fountain** at City Gate, the **Jesuit Church** and **Castellania Palace** (the Ministry for Health) in Merchants Street, **Palazzo Buttiġieġ-Francia** in Republic Street, and the **Civil Sports Club** in Archbishop Street.

L-i***Strada Stretta Concept*** ta nifs ġdid lill-ħajja fi Strada Stretta, waħda mill-aktar inħawi popolari fil-Belt Valletta. Magħrufa għall-ħajja notturna li kienet tgawdi minnha, it-triq u l-inħawi tagħha reġgħu ħadu l-ħajja grazzi għal programm varjat t'avvenimenti kulturali u attivitajiet artistiċi żviluppati taħt id-direzzjoni artistika ta' Giuseppe Schembri Bonaci. L-attivitajiet jinkludu esibizzjonijiet, produzzjonijiet teatrali, seminars, simpożji, taħditiet, teatru tat-triq, jamming sessions, kunċerti għall-apert, esibizzjonijiet tal-moda, laqgħat ta' netwerking m'artisti u ljieli ta' qari poetiku u letterarju.

Ir-riġenerazzjoni tal-istruttura Vittorjana fi Triq il-Merkanti magħrufa sew bħala Is-Suq, hija maħsuba biex is-suq tat-triq jerġa' jara l-attività li kellu darba. Darba rrestawrat, ***is-Suq*** mhux ser ikollu għall-bejgħ frott u ħaxix biss, iżda ser ikun qed jospita attivitajiet kulturali wkoll. Il-***Funtana tat-Tritoni*** barra Bieb il-Belt, il-***Knisja tal-Ġiżwiti*** u ***Palazzo Castellania*** (il-Ministeru tas-Saħħa) fi Triq il-Merkanti, ***Palazzo Buttiġieġ-Francia*** fi Triq ir-Repubblika, u s-***Civil Service Sports Club*** fi Triq l-Arċisqof huma wħud mill-aktar postijiet ikoniċi fil-Belt Valletta li għandhom jiġu rrestawrati fil-ħin għaċ-ċelebrazzjonijiet tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura.



## VOLUNTEERING WITH TAL-KULTURA

# SINCE ITS LAUNCH IN 2016, THE TAL-KULTURA PROGRAMME HAS GIVEN PEOPLE OF DIVERSE AGES, NATIONALITIES AND BACKGROUNDS THE OPPORTUNITY TO EXPERIENCE EVENTS AND ACTIVITIES IN WAYS WHICH NURTURE A STRONGER SENSE OF CULTURAL OWNERSHIP.

**VOLONTARJAT MA' TAL-KULTURA**

MIT-TNEDIJA TIEGĦU FL-2016, IL-PROGRAMM 'TAL-KULTURA' OFFRA LIN-NIES TA' DIVERSI ETAJIET, NAZZJONALITAJIET U SFONDI L-OPPORTUNITÀ LI JESPERJENZAW AVVENIMENTI U ATTIVITAJIET B'MOD LI JRAWWEM SENS TA' APPARTENENZA KULTURALI AKTAR B'SAĦĦTU.

c. Joanna Demarco



c. Chris Goa Farrugia



c. Time's Up



c. Chris Goa Farrugia

As we look ahead towards our European Capital of Culture's legacy, Valletta 2018 together with SOS Malta aim to foster a strong sense of active citizenship and volunteering through Tal-Kultura, the volunteer programme for Valletta 2018. Tal-Kultura invites anyone willing to give as much time as they like to the enrichment of our Cultural Programme, and to the experience of those who engage with it. Volunteers are a vital part of the Valletta 2018 team: since 2016, they gave over 2,500 hours of their time to over 50 events and activities, ranging from events and festivals like the Malta Jazz Festival, conferences such as the Valletta 2018 annual conference, and ongoing projects like Poetry in Potato Bags.

Meta nħarsu 'l quddiem lejn il-wirt tal-Belt Kapitali Ewropea tal-Kultura, Valletta 2018 flimkien ma' SOS Malta jimmiraw li jħeġġu sens qawwi ta' ċittadinanza attiva u volontarjat permezz ta' Tal-Kultura, il-programm ta' volontarjat għal Valletta 2018. Tal-Kultura jistiednu lil kull min hu lest li jagħti kemm jixtieq mill-ħin tiegħu għall-arrikkiment tal-Programm Kulturali tagħna, u għall-esperjenza ta' dawk li huma involuti miegħu. Il-voluntiera huma parti vitali mit-tim ta' Valletta 2018: mill-2016, taw iktar minn 2,500 siegħa mill-ħin tagħhom għal aktar minn 50 avveniment u attività, li jvarjaw minn avvenimenti u festivals bħall-*Malta Jazz Festival*, konferenzi bħall-konferenza annwali ta' Valletta 2018, u proġetti kontinwi bħal *Poetry in Potato Bags*.



c. Tumer Gencturk



## PARTNERS

WITH THE SUPPORT OF ALL OUR PARTNERS LARGE AND SMALL, WE'RE WORKING TO ESTABLISH EXCITING CULTURAL PRACTICES SET TO LAST WELL BEYOND THE YEAR 2018.

## L-IMSIEĦBA

BL-APPOĠĠ LI NIRĊIEVU MILL-IMSIEĦBA KOLLHA TAGĦNA, KBAR JEW ŻGĦAR, NIBQGĦU NAGĦMLU ĦILITNA BIEX NISTABBILIXXU PRATTIKI KULTURALI EĊĊITANTI LI JIBQGĦU GĦAL ŻMIEN TWIL WARA S-SENA 2018.

# OUR TWIN CAPITAL OF CULTURE

## OUR CULTURAL PROGRAMME FEATURES UNIQUE PROJECTS THAT PROMOTE COLLABORATION, SOLIDARITY AND MEANINGFUL EXCHANGE WITH OUR TWIN EUROPEAN CAPITAL OF CULTURE, LEEUWARDEN-FRYSLÂN 2018.

Valletta 2018 and MCAST are collaborating on a number of student mobility programmes between Malta and the Netherlands, namely Friesland College, Roc Friese Poort and Nordwin College. These exchanges support diverse student-run projects related to the culture and technology industries. Meanwhile, Poetry in Potato Bags is a poetry exchange that encourages dialogue between Maltese and Dutch poets. The project represents a long-standing agricultural connection between Malta and the Netherlands, two cultures which have exchanged seeds and potato crops since 1850.

### IL-KAPITALI TAL-KULTURA ĠEMELLA TAGĦNA

IL-PROGRAMM KULTURALI TAGĦNA JINKLUDI PROĠETTI UNIĊI LI JIPPROMWOVU KOLLABORAZZJONI, SOLIDARJETÀ U SKAMBJU TA' VALUR MAL-KAPITALI EWROPEA TAL-KULTURA ĠEMELLA TAGĦNA, LEEUWARDEN-FRYSLÂN 2018.

Valletta 2018 u l-MCAST qed jikkollaboraw fuq numru ta' programmi ta' mobilità bejn Malta u n-Netherlands, jiġifieri l-*Friesland College*, *Roc Friese Poort* u *Nordwin College*. Dawn l-iskambji jappoġġjaw diversi proġetti mmexxija mill-istudenti relatati mal-industriji tal-kultura u tat-teknoloġija. Sadanittant, *Poetry in Potato Bags* huwa skambju ta' poeżija li jħeġġeġ id-djalogu bejn il-poeti Maltin u Netherlandiżi. Il-proġett jirrappreżenta rabta agrikola li ilha teżisti bejn Malta u n-Netherlands, żewġ kulturi ilhom jiskambjaw żrieragħ u ħsad tal-patata sa mill-1850.



c. Take-off-Tryntsje Nauta & Heleen Haijtema

## ARTS COUNCIL MALTA'S VISION IS TO PLACE THE ARTS AND CREATIVITY AT THE HEART OF MALTA'S FUTURE. OUR JOURNEY TOWARDS THE EUROPEAN CAPITAL OF CULTURE YEAR HAS BEEN GUIDED BY THIS VISION, SEEING MALTA INVEST CONSIDERABLY IN THE CULTURAL AND CREATIVE SECTORS.



IL-VIŻJONI TAL-KUNSILL MALTI GĦALL-ARTI HIJA LI TPOĠĠI L-ARTI U L-KREATTIVITÀ FIL-QALBA TAL-FUTUR TA' MALTA. IL-VJAĠĠ TAGĦNA LEJN IS-SENA TAL-KAPITALI EWROPEA TAL-KULTURA ĠIE MMEXXI MINN DIN IL-VIŻJONI, TANT LI RAJNA INVESTIMENT KONSIDEREVOLI FIS-SETTURI KULTURALI U KREATTIV F'MALTA.

c. Darrin Zammit Lupi

# MALTA ARTS COUNCIL



c. Darrin Zammit Lupi

Through the increased importance which Arts Council Malta (ACM) has given to the arts and culture, and via greater collaboration between public cultural organisations and more targeted funding programmes, Malta's creative ecology will continue to develop and reach higher levels of excellence. In line with ACM's Create 2020 Strategy, the Valletta 2018 programme nurtures creative potential and professional development while providing thousands of opportunities for people to engage with culture and creativity. The programme also links Maltese artists and audiences to international communities through exchanges, collaborations, and residencies. ACM's support towards the Valletta 2018 project and the strong synergy between Cultural Programmes and policy will ensure a strong legacy that is felt long after 2018.

**L-KUNSILL MALTI GĦALL-ARTI**

Permezz tal-importanza miżjuda li l-Kunsill Malti għall-Arti ta lill-arti u l-kultura, u permezz ta' kollaborazzjoni akbar bejn entitajiet kulturali pubbliċi u programmi ta' finanzjament aktar immirati, l-ekoloġija kreattiva ta' Malta se tkompli tiżviluppa u tilħaq livelli ogħla ta' eċċellenza. F'konformità mal-Istrateġija 2020 tal-Kunsill Malti għall-Arti, il-programm ta' Valletta 2018 isaħħaħ il-potenzjal kreattiv u l-iżvilupp professjonali filwaqt li jipprovdi eluf ta' opportunitajiet għan-nies biex jinvolvu ruħhom mal-kultura u l-kreattività. Il-programm jgħaqqad ukoll lill-artisti u l-udjenzi Maltin ma' komunitajiet internazzjonali permezz ta' skambji, kollaborazzjonijiet u residenzi. L-appoġġ tal-Kunsill Malti għall-Arti lejn il-proġett Valletta 2018 u s-sinerġija qawwija bejn il-Programmi Kulturali u l-politiki se jiżguraw legat qawwi li se jkompli jinħass wara l-2018.

# EVALUATION & MONITORING

## THE VALLETTA 2018 FOUNDATION'S EVALUATION AND MONITORING PLAN ENABLES THE FOUNDATION TO ASSESS THE LEGACY OF THE ECOC IN A CONSISTENT, ACCESSIBLE AND COMPARABLE MANNER.

### EVALWAZZJONI U MONITORAĠĠ

IL-PJAN TA' EVALWAZZJONI U MONITORAĠĠ TAL-FONDAZZJONI VALLETTA 2018 JIPPERMETTI LILL-FONDAZZJONI SABIEX TIVVALUTA L-WIRT TAL-KETK B'MOD KONSISTENTI, AĊĊESSIBBLI U KUMPARABBLI.

